Nghixu fil-Komunità

Manwal għas-Sitt Sena ta' Katekeżi
għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija

segretarjat għall-katekeżi

2017

Ħajr lil

Rev. Dr Carl Mario Sultana Delegat għall-Katekeżi, li miegħu beda u ntemm dan il-proġett,

Fr Stefan Bonanno u t-Tim tiegħu - Media Centre Limited,

Tim Katekeżi Adolexxenti.

Kitba tat-test: Sr Alexandra Chircop.

Dawk li ħadu sehem fil-Proġett Pilota tas-Sitt Sena:
Parroċċi
- Mosta – Ċentru Ġesù Feddej – Sta Margerita.
- Santa Venera.
- Gwardamanġa.
- Pietà.
- Ħaż-Żebbuġ.
- Mġarr.
- Rabat.

Soċjetà tad-Duttrina Nisranija Museum
- Birkirkara - Qasam Bniet.
- Bormla - Qasam Bniet.
- Fgura - Qasam Subien.
- Ħamrun - Qasam Bniet.
- Qormi San Sebastjan - Qasam Subien.

Skola Indipendenti
- St Catherine High School, Pembroke.

Ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem fil-klipps ipprovduti bil-Malti.

Għaqda Bibblika Maltija għat-testi Bibbliċi.

Nihil Obstat
die 1ª aprilis 2017
sac. Hector M. Scerri
Cens. theol.

Imprimi potest
+Charles J. Scicluna
Archiepiscopus Melitensis
Datum in Curia Archiepiscopali
Florianae,
die 4 aprilis 2017

Werrej

Daħla 4

L-Ewwel Kapitlu: Kurżità: Min hu l-Ispirtu s-Santu?
Niskopru l-Ispirtu s-Santu 10
Ir-rigal li tana Ġesù Kristu: L-Ispirtu s-Santu 16
Nipparteċipa fil-Għażla Tiegħi 23

It-Tieni Kapitlu: L -Ispirtu s-Santu fil-Ħajja Tagħna
Esperjenzi Dejjem Ġodda: Id-Doni tal-Ispirtu s-Santu 29
Nikber Ftit, Ftit Kuljum: Il-Frott tal-Ispirtu 38
Il-Kariżmi tal-Ispirtu s-Santu għas-Servizz tal-Umanità 50

It-Tielet Kapitlu: Il-Verità fl-imħabba; l-Imħabba fil-Verità
L-Għejjun tal-Verità sabiex Fuqhom Infasslu l-Imġiba Tagħna bħala Persuni Nsara 56
Niskopru u Nrawmu l-Kuxjenza 61
Ngħix, Inħobb u Naqdi: Introduzzjoni għat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja 72

Ir-Raba' Kapitlu: L-Ispirtu s-Santu Ħabib ta' Dejjem
Nitolbu b'Metodi u Mezzi Differenti 83
Niskopru s-Sagramenti 91
Nixtieqek, Irridek, Għandi Bżonnok: Ejja Spirtu Qaddis 107

Appendiċi 1: Is-Sagramenti 111

Appendiċi 2: *Role Models* abbinati ma' kull tema 113

Daħla

Bosta teologi jaqblu li dan it-tielet millennju li ninsabu fih huwa l-millennju tal-Ispirtu s-Santu. M'aħniex nitkellmu minn dedikazzjoni ta' millennju, imma li l-millennju huwa tiegħu – tal-Ispirtu s-Santu. Għaldaqstant, din hija opportunità għalina l-Insara, sabiex aktar minn qatt qabel, nibnu u nidħlu f'relazzjoni personali mal-Ispirtu Qaddis.

Nemmen li din hija l-ewwel nett sejħa lil kull katekist/a fuq livell personali u t-tieni nett huwa mandat fil-ħidma tagħha/tiegħ kateketika partikularment fit-tħejjija tal-adolexxenti għas-Sagrament tal-Konfermazzjoni.

L-adolexxenti tagħna huma frott dan il-millennju. Għaldaqstant huwa sewwa u xieraq li huma jkunu parti minn viżjoni li tgħinhom jagħrfu l-kobor u l-bżonn tal-Ispirtu Qaddis f'ħajjithom.

Viżjoni

Li ngħinu lill-adolexxenti jifhmu li, sabiex jersqu aktar lejn Ġesù Kristu u jifhmu li Ġesù Kristu huwa l-pern tar-realtà **kosmoloġika**, għandhom bżonn jibnu relazzjoni personali mal-Ispirtu s-Santu. Flimkien ma' dan, ngħinuhom jifhmu l-bżonn tal-Ispirtu Qaddis f'ħajjithom għaliex permezz tiegħu jsaħħu u jġeddu fihom l-**aspett profetiku** li rċevew fil-Magħmudija. Dan it-tiġdid bdew jagħmluh meta aċċettaw liberalment li jirċevu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

Din hija l-viżjoni tal-proġett tas-Sitt Sena Kateketika, liema viżjoni aħna, bħala katekisti mħeġġin sabiex nakkumpanjaw lill-adolexxenti *to empower it*, *to own it*, *and to try to live it*. B'hekk inkunu qed ngħinuhom sabiex l-ewwel nett jibnu relazzjoni personali mal-Ispirtu s-Santu u t-tieni nett sabiex jgħixu fil-komunità b'aktar maturità umana-nisranija.

Din il-viżjoni qed tistedinna sabiex insiru midħla tal-Ispirtu s-Santu minn dawn l-aspetti:
1. dak teoloġiku/Bibliku
2. dak spiritwali u liturġiku
3. dak profetiku – permezz tal-kariżmi li hemm f'kull bniedem li primarjament huma għall-qadi tas-soċjetà u tal-Knisja fil-kultura tal-lum.

Mixja Kateketika

Il-proġett mill-5 Sena kateketika għas-6 Sena, huwa mfassal f'mixja kateketika. F'dak tal-Ħames Sena ppruvajna niskopru kif ***Insiru Komunità***. F'dak tas-Sitt Sena sa niskopru kif ***Ngħixu fil-Komunità*** (ara figura 1). Bil-kelma komunità hawnhekk qed ninkludu l-impenn ta' kull persuna sabiex tħares u tgħożż il-ħolqien kollu. Għaldaqastant qed inħossu l-bżonn aktar minn qatt qabel li dawn l-adolexxenti jiġu mgħallma u akkumpanjati sabiex fil-waqt li jkomplu jiskopru u japprezzaw dak li jkunu għaddejjin minnu f'din il-fażi tal-iżvilupp tagħhom, jitgħallmu wkoll kif janaliżżaw u jevalwaw dak li jitgħallmu bil-kognittiv, u dak li jħossu bl-emozzjonjiet tagħhom sabiex l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom fil-komunità, fis-soċjetà u fil-Knisja jkunu bbilanċjati.

Il-Pedament: Erba' tappi Evanġeliċi

Il-pedament li fuqu huwa msejjes dan il-proġett huma erba' tappi Evanġeliċi.
L-ewwel tappa hija **'Ħudu l-Ispirtu s-Santu'** (Ġw 20, 22). Ġesù ta l-Ispirtu s-Santu lill-appostli sabiex huma jkomplu jiskopru minn Hu, jifhmu aħjar il-missjoni, u t- tagħlim tiegħu b'hekk ikunu

jistgħu jwettqu l-mandat afdat lilhom u lilna bħala komunità Nisranija. L-ewwel kapitlu ta' dan il-proġett jgħinna niskopru dan kollu permezz tat-tema ***Kurżità: Min Hu l-Ispirtu s-Santu?*** Fit-temi li jinsġu dan il-kapitlu sa naraw għaliex Ġesù raha importanti li jagħtina r-rigal tal-Ispirtu s-Santu, sa niddiskutu r-rigali li jagħti l-Ispirtu s-Santu lil kull persuna u lill-Knisja inġenerali, ukoll sa niddiskutu kif is-Sagrament tal-Konfermazzjoni mhuwiex sempliċi social event, imma huwa tisħiħ tal-Magħmudija. Għalhekk dan jitlob impenn Nisrani.

It-tieni tappa hija **'Il-grazzja t'Alla hi biżżejjed għalik'** (2 Kor 12, 9). Din it-tappa tistedinna sabiex nimxu pass ieħor mill-għarfien dwar l-Ispirtu s-Santu għat-tisrif ta' dan l-għarfien permezz tal-iskoperta tas-sinifikat, tal-kobor u tal-bżonn tiegħu fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Fit-temi li jsawwru dan il-kapitlu ***L-Ispirtu s-Santu f'Ħajti***, sa naraw d-doni tal-Ispirtu s-Santu bħala kumpanji fil-ħajja tagħna, il-frott tal-Ispirtu s-Santu bħala dawk li jibnu l-karattru tan-Nisrani u li l-kariżmi tal-Ispirtu s-Santu mogħtija lilna huma aktar għas-servizz tal-umanità milli għall-glorja personali tagħna.

It-tielet tappa hija **'Jiena t-triq, il-verità u l-ħajja'** (Ġw 14, 6). Din it-tema tistedinna sabiex nimxu pass ieħor filli dak kollu li skoprejna u ddiskutejna fil-kapitli preċedenti inkomplu nsaħħuh billi nippruvaw ngħixuh kemm fuq livell personali kif ukoll dak komunitarju. Għalhekk f'dan il-kapitlu msejjaħ ***Il-verità fl-imħabba; l-imħabba bil-verità***, sa naraw liema huma l-għejjun tal-verità li fuqhom bħala Nsara għandna nfasslu l-imġiba tagħna. Se niskopru kif inrawmu l-kuxjenza tagħna u x'jista' jinfluwenza l-kuxjenza tal-adolexxent f'din il-fażi f'ħajtu. Dan kollu jitlob li sabiex ngħixu fil-komunità bil-verità u bl-imħabba hemm bżonn li nibdew noħorġu miċ-ċirku ċkejken tagħna u nibdew naħsbu fl-oħrajn ukoll. Għalhekk l-introduzzjoni għat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja sa tgħin lill-adolexxenti sabiex jaraw kif jistgħu jħobbu u jaqdu bil-verità lill-komunità u lis-soċjetà b'kuxjenza altruwista, nfurmata u ffurmata minn għejjun ta' verità ispirati u mmexxija mill-Ispirtu s-Santu.

Ir-raba' tappa hija msejsa fuq il-kliem evanġeliku **'Jiena dejjem magħkom sal-aħħar taż-żmien'** (Mt 28, 20). F'dan il-kapiltu ***L-Ispirtu s-Santu huwa tassew ħabib ta' dejjem*** sa niskopru mezzi u metodi differenti ta' talb, sa naraw is-sagramenti bħala kumpanji matul il-ħajja kollha tagħna u fl-aħħar sa niddiskutu fil-profond ir-rit tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni, it-tifsira tiegħu għall-adolexxent tal-lum u għall-bqija ta' ħajtu.

F'dan il-proġett insibu erba' kapitli bi tliet temi li flimkien isawru ċiklu kateketiku (ara figura 2) li jgħaqqad il-kognittiv mal-affettiv li jissarrfu fl-esperjenzi - fil-għajxien ta' kuljum fil-komunità; (*head, heart, hands*). B'hekk inkunu qed ninsġu flimkien: **il-ħolqien**, **il-persuna** (**il-komunità**), il-**Kelma ta' Alla/tagħlim tal-Knisja** u l-**kultura tal-adolexxenti** li tinkludi wkoll dik tal-Knisja u tas-soċjetà.

Metodoloġija

Esperti fil-metodoloġija jgħallmuna li l-metodoloġija hija l-estensjoni tal-persuna. Jiġifieri min jgħallem jagħti minn dak li hu u minn dak li għandu. Dan jintwera biċ-ċar fil-mod ta' kif jgħaddi l-messaġġ lill-persuni kkonċernati. Għalhekk il-formazzjoni ħolistika, f'dan il-każ tal-katekist/a, hija importanti ħafna. L-effiċjenza tal-manwal, tal-kotba, tar-riżorżi u tal-apparat kollu teknoloġiku, huma ta' għajnuna kbira, imma l-akbar għajnuna hija l-persuna tal-katekist/a. Għalhekk huwa meħtieġ li kull katekist/a jidħol f'relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu għaliex huwa hu li jwassalna għand Ġesù u jgħinna nifhmu l-missjoni u t-tagħlim tiegħu; huwa permezz tiegħu – tal-Ispirtu s-Santu - li nistgħu nibnu komunità Nisranija kif jixtieq Ġesù Kristu.

Il-metodoloġija tal-laqgħat kateketiċi tirrispetta direttament u indirettament l-esperjenza tal-adolexxenti, liema esperjenza tkompli tkun imdawla permezz tal-Kelma ta' Alla u tat-tagħlim

tal-Knisja Kattolika sabiex mill-ġdid issir esperjenza mġedda fil-għajxien ta' kuljum fil-komunità u mal-komunità. Għall-metodoloġija dettaljata tal-laqgħat segwu l-passi f'figura 3.

Dan il-proġett filwaqt li jagħmel użu mix-xjenzi reliġjużi, jirrispetta l-fażi tal-adolexxenza, l-età tal-adolexxenti, il-kulturi u l-isfidi li huma jiffaċċjaw fid-diversi dimensjonijiet tal-ħajja tagħhom, u jirrispetta wkoll l-intelliġenzi varji tal-adolexxenti. Dan kollu nistgħu narawh fil-għażla u n-nisġa li hemm bejn it-temi, fil-lingwaġġ li bih ġiet imsawra l-kitba tal-manwal, fl-attivitajiet li hemm kważi f'kull tema u fir-riżorżi diġitali bil-Malti u dawk varji li ġew magħżula għal dan il-proġett.

Sabiex il-messaġġ mixtieq jitwassal bis-sħiħ, il-lingwaġġ tal-laqgħat huwa dak fit-tielet persuna plurali, minbarra fejn hemm indikat. Ġaladarba dan il-proġett għandu l-għan li joħloq u jibni relazzjoni mal-Ispirtu s-Santu, kull adolexxent huwa mħeġġeġ sabiex il-mixja tiegħu fil-fidi jikkomunikaha mal-Mulej. Għalhekk qed noffrulhom l-opportunità li jżommu djarju spiritwali.

Nemmnu li l-katekeżi ma tispiċċax mat-tmiem tal-laqgħa, anzi tixprunana sabiex inwassluha lill-oħrajn, l-ewwel nett fil-familji tagħna. Għalhekk ħassejna l-bżonn li ma' kull tema nabbinaw silta Bibblika u talba qasira ħafna li nħeġġu li jiġu moqrija fil-familja.

Billi dan il-proġett huwa bbażat fuq il-Kelma ta' Alla, nixtiequ li fil-laqgħat, jkun hemm Bibbja f'kull kamra tal-laqgħat u possibilment f'idejn kull adolexxent/a. Hekk filwaqt li jsiru aktar midħla tal-Kelma ta' Alla, jitkattar ir-rispett lejn il-Ktieb tal-Kelma ta' Alla.

Riżorsi

Aħna lkoll tal-fehma li l-ewwel u l-aqwa riżorsa huwa l-bniedem – il-katekist/a. Il-mod tal-komunikazzjoni jaffettwa ħafna mhux biss il-laqgħa imma wkoll iż-żerriegħa tal-messaġġ Nisrani li jkun qed jiżra' f'qalb u f'ħajjet l-adolexxenti.

Flimkien ma' dan, f'dan il-proġett bħala għajnuna ssibu diversi *links* li l-katekist huwa liberu li jużahom. Nirrakomandaw li r-riżorsi bil-Malti imħejjija mis-Segretarjat għall-Katekeżi flimkien mal-Media Centre Limited jiġu wżati kif indikat. Ma' kull tema hemm ukoll abbinati ħajjiet ta' qaddisin li jistgħu jkunu *role-models* għall-adolexxenti (ara appendiċi 2). Riżorsa oħra importanti għall-adolexxenti hija l-ktieb tat-talb li ħareġ mis-Segretarjat tal-Katekeżi, bl-isem *Jiena Magħkom*. Fih isibu talb għal kull okkażjoni, kemm bħala talb personali u anke dak komunitarju.

Tqassim tal-laqgħat

Dan il-proġett huwa mfassal sabiex jirrispetta l-adolexxenti u r-realtajiet li fihom jgħixu. It-temi kollha jsegwu lil xulxin. Għalhekk nirrakomandaw li l-ebda tema ma tiġi maqbuża. F'dan il-progett insibu 12-il tema f'erba' kapitli. Dan ifisser li kull kapitlu jieħu madwar sitt ġimgħat. Hemm ħin biżżejjed għad-diskussjonijiet u sabiex l-attivitajiet isiru kif inhu mixtieq. Inħallu f'idejn il-kreattività tal-katekisti sabiex ikomplu joħolqu attivitajiet fil-grupp u mal-grupp u possibilment ikun hemm okkażjonijiet li jinkludu l-familja wkoll. Importanti li dawn l-attivitajiet ikunu frott il-laqgħat u mhux minflok il-laqgħat.

Akkumpanjament Kateketiku

Il-laqgħat tal-katekeżi mal-adolexxenti huma mezz sabiex jgħinhom jiksbu għarfien u esperjenza li maż-żmien tissarraf f'mixja umana-nisranija matura. Sabiex nedukaw u nrawmu b'mod sħiħ, hemm bżonn li noħorġu mill-qalb tal-adolexxenti t-tajjeb li hemm fihom, inkluż il-mistoqsijiet

u d-dubji tagħhom u mbagħad ngħinuhom jarawhom fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika u tar-realtajiet tal-kultura tal-lum.

L-akkumpanjament magħhom permezz tal-esperjenzi tagħkom fil-fidi jgħinuhom ikomplu jfittxu l-verità, liema tfixxija ttul il-ħajja kollha. B'dan kollu u b'bosta affarijiet oħra nkunu qed ngħinuhom jiskopru l-identità tagħhom umana-nisranija, liema identità ssawwar u tissawwar bil-għajxien fil-komunità.

Jalla dan il-manwal kateketiku iservi bħala għodda effikaċi f'idejn il-katekist/a sabiex l-akkumpanjament tagħkom mal-adolexxenti jwassalhom ħalli jiskopru l-ħtieġa li jibnu **relazzjoni b'saħħitha mal-Ispirtu s-Santu**, liema relazzjoni tgħinhom jirrealiżżaw kif ilkoll għandna bżonn **Ngħixu fil-Komunità** b'aktar maturità umana-nisranija.

Sr Alexandra Chircop
Ko-ordinatriċi tal-proġett

Tqassim tas-Sitt Sena Kateketika għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija



Figura 2

Metodoloġija

Iċ-Ċiklu Kateketiku għas-Sitt Sena Kateketika għad-Dħul fil-Ħajja Nisranija



Figura 3

Kapitlu 1
KURŻITÀ: MIN HU L-ISPIRTU S-SANTU?
Tema 1
NISKOPRU L-ISPIRTU S-SANTU

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru min hu l-Ispirtu s-Santu (L-Ispirtu Qaddis), u hekk japprezzaw aktar il-ħtieġa tal-presenza tiegħu fil-ħajja tagħhom.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
- Meta tisimgħu l-kliem 'l-Ispirtu s-Santu' fiex taħsbu?
- Min taħsbu li hu l-Ispirtu s-Santu?
- Tiftakru f'xi pass mill-Bibbja, partikularment mill-Evanġelju fejn smajtu bl-Ispirtu s-Santu?

Riżultat ta' Vox-Pop dwar l-Ispirtu s-Santu
Ftit tax-xhur ilu, fettili nagħmel speċi ta' vox-pop qalb l-adolexxenti ta' bejn il-11 u 13-il sena. Is-suġġett kien: L-Ispirtu s-Santu. It-tweġibiet li qed inġib huma dawk tal-maġġoranza. Bejn wieħed u ieħor dawn il-mistoqsijiet saru lil madwar 150 adolexxent/adolexxenta.

Mistoqsija: Meta tisimgħu l-kliem Spirtu Santu x'jiġi f'raskom ?
Tweġiba: *Dak li jġibuh forma ta' ħamiema.*
Mistoqsija: X'tafu dwar l-Ispirtu s-santu?
Tweġibiet: *Kważi xejn, fuq Ġesù nafu xi ħaġa, fuq Alla l-Missier nafu li ħalaq id-dinja, imma fuq l-Ispirtu s-Santu, kważi xejn. Meta mmorru l-quddies, ġieli nisimgħu lill-qassis isemmih imma la nafu min Hu u lanqas x'jagħmel jew għalxiex qiegħed. Ma nafux.*
Ftit inqas minn għaxra wieġbu: *Dak li nirċevuh fil-Griżma tal-Isqof, imma daqshekk.*
Tliet adolexxenti qalu: *Il-ġenituri tagħna jmorru fil-grupp kariżmatiku, biex jitolbu lill-Ispirtu s-Santu, imma aħna ma mmorrux magħhom. Daqshekk nafu.*

Kumment Ġenerali: Jidher ċar li l-Ispirtu s-Santu ftit li xejn hu magħruf mal-adolexxenti, għalhekk tajjeb li jiskopruh xi ftit.

Niskopru l-Ispirtu s-Santu
Hawn min jgħid li l-Ispirtu s-Santu ftit nafuh. Forsi għandhom raġun. Spiss nisimgħu min jitkellem u jgħallem dwar Alla l-Missier, dwar Ġesù Kristu, imma dwar l-Ispirtu s-Santu ftit ħafna. Madanakollu l-Ispirtu s-Santu għandu rwol importanti ħafna għaliex bħall-Missier u bħall-Iben huwa wkoll parti minn dak kollu li hu Alla, minn dak kollu li jagħmel lil Alla. Dan ifisser li l-Ispirtu s-Santu li kien preżenti sa mill-bidu tal-ħolqien, għadu magħna sal-lum

fil-ħolqien u fil-ħajja tal-Knisja u fil-ħajja tagħna bħala komunità ta' Nsara.

Il-presenza tal-Ispirtu s-Santu kienet sa mill-bidu tal-ħolqien. Insibu dan fil-ktieb tal-Ġenesi li huwa l-ewwel ktieb tal-Bibbja li jirrakkontalna l-ġrajja tal-ħolqien.

> *'Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art: u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla.'*
>
> Ġen1, 1-2

(Il-kliem l-Ispirtu ta' Alla huma referenza għall-Ispirtu s-Santu)

Il-mistoqsija l-aktar importanti hawnhekk hija: **min hu l-Ispirtu s-Santu**?

Nippruvaw niskopruh

- L-Ispirtu s-Santu huwa wieħed mit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa: Il-Missier, u l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.

- L-Ispirtu s-Santu huwa ħaġa waħda mal-Missier, u mal-Iben; it-Tlieta flimkien huma it-Trinità Qaddisa. Huma Tliet Persuni, ilkoll indaqs, ugwali - jiġifieri m'hemmx min hu ikbar jew aħjar mill-ieħor. It-Tliet Persuni jaħdmu flimkien b'ħafna imħabba għalina. Il-ħolqien kollu huwa frott tal-imħabba ta' bejniethom. Għalhekk, il-Missier huwa daqs l-Iben u daqs l-Ispirtu s-Santu, l-Iben huwa daqs il-Missier u daqs l-Ispirtu s-Santu. L-Ispirtu s-Santu huwa daqs il-Missier u daqs l-Iben. Huma tliet persuni li lkoll flimkien huma Alla wieħed.

- L-Ispirtu s-Santu huwa persuna ħajja. Bil-għajnejn tagħna ma nistgħux narawh, imma nistgħu nemmnu u nistgħu wkoll nirrelataw miegħu, jiġifieri nistgħu nitolbuh anzi għandna nitolbuh. Bħalma nitolbu lil Ġesù u lil Alla l-Missier hekk ukoll nistgħu nitolbu lill-Ispirtu s-Santu b'ħafna fidi u fiduċja.

Ir-Rwol tal-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja Tagħna ta' Persuni Nsara

- Bħala persuni Nsara ma nistgħux ngħixu mingħajr l-Ispirtu s-Santu. Għandna bżonnu fil-oqsma kollha tal-ħajja tagħna.

- Ir-rwol prinċipali tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna huwa li **nħobbu** kif jixtieqna Ġesù. Aktar ma jkollna relazzjoni tajba mal-Ispirtu s-Santu aktar nitgħallmu nħobbu.

- Rwol ieħor tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna huwa dak ta' **avukat/difensur** – jiġifieri ta' xi ħadd li jiddefendi. Jekk aħna nitolbuh, Huwa jgħinna niddefendu l-fidi tagħna f'Ġesù Kristu; jgħinna niddefendu t-tagħlim ta' Ġesù Kristu bil-kliem u bil-mod ta' kif ngħixu l-ħajja tagħna bħala persuni Nsara.

  Ġesù stess qalilna dan meta hu – Ġesù - wiegħed lill-appostli li ser jibgħatilhom l-Ispirtu s-Santu.

> *'Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għidtilkom.'*
>
> Ġw 14, 26

- Rwol ieħor importanti għall-ħajja tagħna huwa dak ta' gwida. L-Ispirtu s-Santu huwa dak li **jiggwidana lejn il-verità**. Għan-Nisrani, il-verità nsibuha biss f'Ġesù Kristu. Għalhekk l-Ispirtu s-Santu jiggwidana sabiex nifhmu aħjar il-missjoni ta' Ġesù. Huwa jagħmel dan sabiex jgħinna niskopru kif ngħixu bħala Kristjani fil-ħajja ta' kuljum.

Ġesù stess qalilna:

'Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma', u jħabbrilkom il-ġejjieni.'

Ġw 16, 13

- Il-Knisja Kattolika hija **mmexxija mill-Ispirtu s-Santu**, huwa fatt li kieku l-Knisja hija mmexxija mill-bnedmin, kieku ilha li spiċċat. Imma minkejja d-dgħufija tal-bnedmin matul dawn l-elfejn sena, hija xorta kompliet teżisti u kompliet il-missjoni ta' Ġesù.

- L-Ispirtu s-Santu li għadu fostna llum nirċevuh mill-Missier u mill-Iben permezz tal-Knisja. L-Ispirtu s-Santu nirċevuh fis-sagramenti kollha, b'mod partikulari fil-Magħmudija, fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni u fl-Ordni Sagri.

L-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħkom

B'mod partikulari f'dan iż-żmien tal-adolexxenza, l-Ispirtu s-Santu għandkom iżżommuh bħala ħabib sinċier, li dejjem lest biex jgħinkom. Huwa jgħinkom:

- **tifhmu** l-kliem, it-tagħlim, l-azzjonijiet u l-ħidma – il-missjoni ta' Ġesù.
  Din il-missjoni niskopruha permezz tal-Kelma ta' Alla u tat-tagħlim tal-Knisja.
  Għalhekk tajjeb li qabel ma tibdew taqraw u titolbu bil-Bibbja titolbu lill-Ispirtu s-Santu sabiex jgħinkom tifhmu l-messaġġ li l-Mulej irid iwasslilkom permezz tal-Kelma tiegħu.

- L-Ispirtu s-Santu, meta titolbuh, **jgħinkom fl-istudju** u f'dak kollu li tkunu qed tagħmlu u ser tagħmlu, sintendi tridu tagħmlu l-parti tagħkom ukoll.

  Qabel ma tibdew l-istudju tagħkom, jew sejrin għal xi eżami, itolbu lill-Ispirtu s-Santu sabiex jgħinkom tifhmu dak li qed tistudjaw, tifhmu sewwa xi tridu tagħmlu/tiktbu waqt l-eżami.

- L-Ispirtu s-Santu li huwa Spirtu ta' mħabba u ta' għerf, meta intom titolbuh, Huwa jgħinkom tagħmlu **għażliet u deċiżjonijiet tajbin**.

- L-Ispirtu s-Santu jgħinkom ukoll sabiex issiru **qaddisin**, jiġifieri ssiru persuni aktar tajbin milli intom. Faċli ħafna bl-iskuża ta' kurżità wieħed jibda ħajja ta' vizzji, li mbagħad meta jibda jikber u jimmatura jkun ħafna diffiċli biex joħroġ minnhom. Għalhekk tajjeb li ssiru ħbieb mal-Ispirtu s-Santu u titolbuh jgħinkom ħalli kemm jista' jkun tibqgħu persuni tajbin; u jekk taqgħu f'xi dnub ma taqtgħux qalbkom, imma mingħajr ma toqogħdu tistħu, tersqu sabiex iġġeddu r-relazzjoni tagħkom ma' Alla permezz tas-Sagrament tal-Qrar.

Mill-Kelma ta' Alla

'Madanakollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex jekk ma mmurx; id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom.'

Ġw 16, 7

'Meta jiġi l-Ispirtu tal-Verità, iwassalkom għall-verità...'

Ġw 16, 12

Diskussjoni

- X'fhimtu minn dan il-klipp mill-Evanġelju ta' San Ġwann?
- F'dan il-klipp li għadkom kemm rajtu, Ġesù sejjaħ lill-Ispirtu s-Santu b'żewġ ismijiet: Difensur - *helper* u l-Ispirtu tal-verità - *the Spirit of Truth*. Minn dak li tgħallimtu u ddiskutejna flimkien s'issa, għaliex taħsbu li Ġesù ta lill-Ispirtu s-Santu dawn iż-żewġ ismijiet?
- Fil-ħajja tagħkom ta' kuljum, kif taraw ir-rwol tal-Ispirtu s-Santu bħala difensur – bħala xi ħadd li ser jgħinkom? Kif jista' jgħinkom?
- Ġieli tlabuh lill-Ispirtu s-Santu? Jekk iva għaliex, jekk le għaliex?

Nitolbu flimkien lill-Ispirtu s-Santu

Is-Simboli tal-Ispirtu s-Santu u t-Tifsira Tagħhom

Fil-Knisja Kattolika nsibu diversi simboli li jfissru l-Ispirtu s-Santu. Is-simboli l-aktar importanti huma: l-ilma, in-nar, il-ħamiema. Barra dawn bħala azzjoni simbolika, jiġifieri azzjoni li fiha tifsira warajha, insibu dawn: id-dilka biż-żejt, u t-tqegħid tal-idejn mill-Isqof jew qassis waqt is-Sagramenti.

Simboli:

L-Ilma: L-ilma huwa simbolu tal-azzjoni tal-Ispirtu s-Santu fil-Magħmudija.
San Pawl kiteb hekk fl-Ewwel Ittra lill-Korintin:

'Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed ...'

1 Kor 12, 13

L-ilma huwa simbolu tal-Ispirtu Qaddis. L-ilma jagħti l-ħajja, mela l-Ispirtu s-Santu jagħti l-ħajja. Meta nitwieldu nibdew il-ħajja tagħna naturali, permezz tal-Magħmudija nibdew ħajja ġdida fi Kristu, dan kollu huwa ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

In-Nar: In-nar ukoll huwa simbolu tal-Ispirtu s-Santu. Permezz tan-nar ħafna affarijiet jiġu trasformati – jieħdu sura differenti. Pereżempju permezz tan-nar isir il-ħġieġ li jista' jiġi trasformat - mibdul f'mudelli differenti. Biċċa ħadida permezz tan-nar tista'tiġi mibdula f'diversi affarijiet u b'ħafna disinji ukoll. In-nar għandu dik il-qawwa, dik l-enerġija b'saħħitha li jbiddel l-affarijiet.

Niftakru ftit f'Pentekoste. Dakinhar dehru ilsna tan-nar fuq l-appostli u dawk kolha li kienu fiċ-Ċenaklu. Wara din il-ġrajja l-appostli u kull min kien fiċ-ċenaklu tbiddlu minn persuni beżżiegħi għall-persuni kuraġġużi, persuni li mtlew bil-kuraġġ hekk li ħarġu jxandru u jitkellmu dwar Ġesù ta' Nażaret.

> *'Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.'*

Atti 2, 1-4

Il-Ħamiema: Fl-erba' Evanġelji nsibu li waqt il-Magħmudija ta' Ġesù l-Ispirtu Qaddis niżel fuqu forma ta' ħamiema. Fil-Ktieb tal-Ġenesi 1, 2 insibu : *u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla.* Għalhekk fl-arti Kristjana insibu s-simbolu tal-ħamiema għall-Ispirtu s-Santu - l-Ispirtu Qaddis/l-Ispirtu ta' Alla.

B'mod wiesa' fl-arti kollha s-simbolu tal-ħamiema jirrappreżenta l-paċi, il-ġentilezza, u is-sbuħija, tliet affarijiet li faċilment insibuhom fl-Ispirtu s-Santu: Spirtu li jagħtina l-paċi, il-ġentilezza u s-sbuħija tar-ruħ u dik ta'madwarna.

<u>Azzjonijiet Simboliċi – Azzjonijiet li fihom ħafna tifsiriet</u>
Id-dilka biż-żejt: F'xi wħud mis-Sagramenti waqt iċ-ċerimonja (ir-rit) il-persuni li jkunu qed jirċievu s-sagramenti jiġu midluka biż-żejt mill-qassis jew mill-Isqof. Dawn is-sagramenti huma – il-Magħmudija (l-isqof, il-qassis jew djaknu), il-Konfermazzjoni (l-Isqof jew qassis), l-Ordni Sagri (l-Isqof), id-Dilka tal-Morda (l-isqof jew il-qassis). Id-dilka biż-żejt fil-Knisja Kattolika hija meqjusa bħala azzjoni simbolika li tirrapreżenta lill-Ispirtu s-Santu.

Ir-Rumani kienu jidilku lis-suldati tagħhom biż-żejt taż-żebbuġa sabiex isaħħuhom. Waqt dawn it-tliet Sagramenti, meta niġu midluka biż-żejt, il-qassis jew l-Isqof (jew id-djaknu f'każ ta' Magħmudija) jitlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jinżel f'dik il-persuna u jimlieha bil-qawwa Tiegħu.

It-tqegħid tal-idejn: Fl-Atti tal-Appostli nsibu li n-nies irċevew l-Ispirtu s-Santu permezz tat-tqegħid tal-idejn.

> *'Imbagħad l-appostli qiegħdu jdejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.'*

Atti 8, 17

L-istess llum meta l-qassis jew l-Isqof iqiegħed idejh fuq il-persuna li tkun qed tirċievi s-sagramenti huwa jitlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jinżel fuq dik il-persuna.

Diskussjoni

- Taħsbu li b'dan li tgħallimtu minn din it-tema skoprejtuh xi ftit aktar lill-Ispirtu s-Santu?
- X'inhi, jew x'inhuma l-aktar affarijiet li laqtukom minn din it-tema dwar l-Ispirtu s-Santu/l-Ispirtu Qaddis? Għaliex?

Sfida

Matul din il-ġimgħa itlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jiggwidak f'dak kollu li tagħmel. Ipprova għid din it-talba: Spirtu Qaddis urieni x'għandi nagħmel, jew Spirtu Qaddis għinni nagħmel għażliet tajbin.

Inkantaw u Nitolbu Flimkien



Djarju

Fid-djarju tiegħek, ikteb jew pinġi talba lill-Ispirtu s-Santu fejn fiha tesprimi fiex tixtiequ jiggwidak, fiex tixtiequ jgħinek sabiex tkun adolexxent/adolexxenta aħjar milli inti.

Katekeżi Familja

Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lit-Tessalonkin

> *'Ixxekklux l-Ispirtu tmaqdrux il-profezija, ippruvaw kollox; it-tajjeb żommuh, u, fuq kollox, warrbu kull xorta ta' ħażen.*
>
> *U Alla tas-sliem iqaddiskom f'kollox, u jżommkom sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu. Fidil hu Alla li sejjħilkom, u huwa jagħmel dan.'*

1 Tess 5, 19-23

Talba mal-familja:

Silta minn talba għall-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu

Spirtu qaddis, imħabba bla tmiem.
Ejja fina bil-ħeġġa tiegħek,
ejja kebbes il-qlub tagħna.

Kapitlu 1
KURŻITÀ: MIN HU L-ISPIRTU S-SANTU?
Tema 2
IR-RIGAL LI TANA ĠESÙ: L-ISPIRTU QADDIS

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru r-rigal kbir li tana Ġesù meta huwa bagħtilna l-Ispirtu s-Santu - l-Ispirtu Qaddis. Hekk japprezzaw aktar is-sinifikat ta' Pentekoste – jum li fih il-Knisja tat bidu għall-missjoni tagħha qalb il-popli tad-dinja kollha. F'Pentekoste, il-Knisja – l-ewwel komunità li kienet magħmula mill-appostli u ftit dixxipli, ħarġet fil-beraħ, ma baqgħetx magħluqa fiċ-ċenaklu.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' esperjenzi
- Meta tisimgħu l-kelma Pentekoste x'tifhmu biha?
- Tiftakru x'ġara f'Pentekoste?
- Għaliex taħsbu li din il-ġrajja hija hekk importanti għalina l-Insara?

It-Telfa tal-Leader

Storja
Immaġinakom li tinsabu f'tim tal-isports, jew f'xi kor, jew f'xi attività oħra u wara ħafna snin li tkunu ilkom tiġu mmexxija minn kowċ tajjeb, jew minn direttur tajjeb, dan jiġrilu xi ħaġa u jmut. Kif tħossukom? Konfużi naħseb! Naħseb li jgħaddu minn raskom diversi mistoqsijiet. Naħseb li tibdew taħsbu biex tingħaqdu ma' tim ieħor, jew tidħlu ma' xi grupp ieħor. Sitwazzjoni mhix faċili, aktar u aktar jekk il-persuna li tkun tmexxi tkun *leader* tajjeb/tajba; tkun persuna ta' min jammiraha. Tkun persuna li tixtieq il-ġid, li tirrispetta lil kull persuna u lit-tim kollu. Tkun persuna li ġġib il-għaqda. Tkun persuna tassew leader.

Hekk ġara lill-tim partikulari tal-*badminton* ftit tas-snin ilu. It-tim kollu daħal f'mumenti ta' paniku u ta' biża'. Ħadd ma seta' jifhem x'qed jiġri. It-tim kollu kien imnikket. Xorta baqgħu jiltaqgħu, imma ma kellhomx dik il-ħeġġa u dak l-entużjażmu li jittrenjaw, anzi kienu jiltaqgħu sabiex jirrakontaw xi ġrajjiet u esperjenzi li kellhom mal-kowċ li tant kienu jammiraw. Kienu mumenti ta' niket imma fl-istess waqt kienu mumenti sbieħ fejn ingħaqdu bejniethom aktar bħala plejers sabiex ifakkru u jkomplu jiftakru lil min tassew kienu jammiraw.

L-istennija bla ma jafu x'sa jiġri kienet iebsa u kull ġurnata kienet tidher itwal mill-oħra. Bejniethom ma ridux jinfirdu, riedu jibqgħu tim, kienu jafu lil xulxin sewwa. Il-kowċ kien investa ħafna fihom, kemm fuq livell individwali u anke bħala tim. Għalhekk ir-realtà tal-biża' – ta' x'sa jiġri kienet kbira. Kienu jemmnu ħafna fil-klabb tagħhom. Kellhom fiduċja kbira li se jsibu kowċ

ieħor li jgħinhom jimxu ’l quddiem. It-tama tagħhom kienet kbira. Din kienet tgħinhom jegħlbu ftit il-biża’ li kellhom.

Diskussjoni

- Ġieli kellkom xi esperjenza simili? Kif ħassejtukom? Tistgħu taqsmuha mal-grupp?
- F’mumenti hekk iebsin liema huma l-aktar affarijiet importanti li kull persuna u bħala tim għandu jkollhom sabiex ma jaqtgħux qalbhom?

Ġesù meta kien fuq din l-art, wiegħed lill-Appostli l-Ispirtu s Santu

L-appostli u ‘t-telfa’ tal-*leader* tagħhom – Ġesù
L-appostli kellhom esperjenza simili.
L appostli, minkejja li kienu ordnati saċerdoti u isqfijiet fl-aħħar ċena, kienu nies fraġli. Wara l-mewt ta’ Ġesù, minkejja li emmnu u dehrilhom wara li qam mill-mewt, xorta kienu rġiel maħkuma mill-biża’. Kienu raw b’għajnejhom stess x’ġara lil Ġesù. Kienu beżgħanin għalihom infushom u għall-familji tagħhom. U dan bir-raġun!
L-appostli kellhom konflitt kbir ġo fihom: riedu jibqgħu dixxipli ta’ Ġesù, jiġifieri persuni li jimxu fuq dan it-tagħlim tiegħu, riedu wkoll li jkunu appostli, jiġiferi persuni li jgħallmu dan it-tagħlim, imma kienu beżgħana mir-riskji li jitlob.
Kien għalhekk li Ġesù qabel ma tela’ s-sema wegħidhom li ser jibagħtilhom l-Ispirtu Santu li Huwa stess sejjaħlu d-Difensur; dak id-Difensur, li lejh kellhom jirrikorru sabiex l-ewwel u qabel kollox jgħinhom jiddefendu rwieħom mill-ħakma tal-biża’ li kellhom, u wkoll jiddefendu dak li kienu jemmnu fih: Ġesù u t-tagħlim tiegħu.

Fl-Evanġelju ta’ San Ġwann insibu dan:

> *‘Għedtilkom dan meta għadni magħkom. Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f’ismi, jgħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom. Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża.’*
>
> Ġw 14, 25

Diskussjoni

- Kieku intom kontu flok l-appostli x’kontu taħsbu meta tafu li l-*leader* tagħkom ‘miet’?
- Poġġu lilkom infuskom flok l-appostli: Ġesù wegħedkom l-Ispirtu s-Santu – li semmieh difensur, u issa Ġesù ‘miet’, u dan l-Ispirtu s-Santu fejn hu, u min hu? X’kontu taħsbu? Kif tħossukom? X’tagħmlu quddiem dan kollu?
- X’taħsbu li żamm lill-appostli flimkien? Għalxiex baqgħu fiċ-ċenaklu? X’kienu qed jistennew?
- Minn dan il-qari mill-Evanġelju skont San Ġwann 14, 25, x’tifhmu?

> *‘Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża.’*

Mill-Kelma ta’ Alla

Aqraw mill-Atti tal-Appostli 2, 1-14
Il-Miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli

Diskussjoni

- Kieku kontu flok l-appostli, x'kontu taħsbu dwar dak kollu li kien qed jiġri?
- Kif kontu tħossukom?
- X'kontu tagħmlu?
- Liema huma l-aktar affarijiet li laqtukom minn din il-ġrajja vera tal-miġja tal-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli u fuq dawk kolha li kienu magħhom fiċ-Ċenaklu? (ċenaklu hija l-kamra li fiha għamlu l-aħħar ċena u li fiha kienu jinġabru biex jitolbu flimkien).
- Għaliex taħsbu li l-appostli wara li niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu ħassewhom lesti li jistgħu joħorġu jgħallmu lin-nies dwar Ġesù u dwar il-missjoni tiegħu?

Ir-rigali tal-Ispirtu s-Santu għall-ħajja bħala persuni Nsara

Ir-Rigali Spiritwali tal-Ispirtu s-Santu f'Jum Pentekoste

L-Ispirtu s-Santu ta ħafna rigali spiritwali lill-appostli u lil kull min kien magħhom jitlob dakinhar li huwa niżel fuqhom. Dawn ir-rigali hekk kbar jimmarkaw l-attitudni tal-Knisja u tagħna bħala Nsara, jiġifieri huma juruna kif għandna nġibu ruħna ma' ħutna l-bnedmin kollha.

Insemmu xi wħud minn dawn ir-rigali hekk kbar, rigali li tistgħu tifhmu u tipprattikaw fl-età tagħkom bħala adolexxenti.

Is-sens ta' komunità: It-talb flimkien u l-qawwa tiegħu

L-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu magħhom meta huma kienu ilkoll flimkien jitolbu.

Naraw il-ħtieġa u l-qawwa ta' meta aħna lkoll nitolbu flimkien. Għalina l-Insara li nitolbu flimkien bħala komunità huwa importanti u huwa bżonn, għaliex jgħaqqadna flimkien u jfakkarna li għandna bżonn xulxin.

Diskussjoni

- Tiddejqu tidhru titolbu flimkien mal-komunità Nisranija? Għaliex?
- Titolbu flimkien għall-bżonnijiet tal-oħrajn speċjalment ta' sħabkom?

Il-kuraġġ

Permezz tal-Ispirtu s-Santu l-appostli imtlew bil-**kuraġġ**. Hekk li minn persuni mimlija biża' ħarġu barra u bdew ixandru li Ġesù Kristu bata, miet u qam mill-mewt – din hija l-Aħbar it-Tajba għalina l-Insara. B'dan il-mod, il-komunità tal-appostli flimkien mad-dixxipli – il-Knisja, bdiet il-missjoni bħala Knisja, jiġifieri bdew ixandru l-Aħbar it-Tajba lill-popli tad-dinja kollha. Dan

wera kuraġġ kbir min-naħa tal-appostli. In-nies indunaw li kien ġralhom xi ħaġa mhux tas-soltu, għaliex qatt ma rawhom hekk mimlija kuraġġ.
Barra dan, sar miraklu kbir ieħor, li filwaqt li l-appostli kienu qed jitkellmu bl-Aramajk- il-lingwa tal-Lhud ta' dak iż-żmien, in-nies bdew jifhmuhom bil-lingwa tagħhom. Dan jurina li l-Ispirtu s-Santu jista' jgħin lil kulħadd jifhem l-Aħbar t-Tajba ta' Ġesù Kristu.

Diskussjoni

- Kif tħossukom quddiem xi ħadd li ma jitkellimx tajjeb dwar Ġesù u jwaqqa' għaċ-ċajt l-isem ta' Ġesù? Mhux dejjem hu possibbli li ssiket lil dak li jkun, taħsbu li biex tidhru *cool* għandkom tkomplu ma' dak li jkun? Għandkom il-kuraġġ li tisktu meta tafu li bl-istess silenzju tagħkom tkunu qed tagħtu l-messaġġ li m'intomx qed tieħdu gost?
- Li tkunu kuraġġużi ma jfissirx li tkunu prużuntużi, imma jfisser li tirrispettaw lill-oħrajn, li tkunu onesti u sinċieri anke meta n-nies mhumiex jarawkom. X'taħsbu dwar dan?
- Meta tkunu sa tagħmlu xi għażliet, tħallu lilkom infuskom tinġarru minn sħabkom, jew taħsbu sewwa l-affarijiet u bl-akbar għaqal u kuraġġ tagħmlu l-għażliet tagħkom? Tistgħu taqsmu xi esperjenzi bħal dawn, fejn ma ħallejtux il-*peer pressure* iġġorkom, imma għamiltu għażliet għaqlin u b'kuraġġ? Kif ħassejtukom wara?

Attitudni inklussiva u missjunarja – li nħobbu, li naċċettaw, li ngħinu, u li niddjalogaw ma' kulħadd

Permezz tal-Ispirtu s-Santu, l-appostli saru persuni b'qalb u attitudni inklussiva, għaliex huma ħarġu jxandru lil Ġesù fil-pjazza quddiem kulħadd . Huma ma marrux jitkellmu dwar Ġesù mal-Lhud biss, imma marru fil-pjazza, quddiem kulħadd għaliex l-Aħbar t-Tajba ta' Ġesù hi għal kulħadd.
L-Aħbar it-Tajba li Ġesù bata, miet u qam mill-mewt għaliex iħobbna u sabiex isalva lil kulħadd hija għall-popli kollha ta' kull kultura, kulur, razza u nazzjon, hija għad-dinja kollha. Għalhekk dakinhar ta' Pentekoste, il-Knisja bdiet il-missjoni tagħha ta' inklussività - Knisja li tgħallem u tgħin lil kulħadd – a church without borders. Il-Knisja hija Kattolika – Knisja li taċċetta, tgħin, u tiddjaloga ma' kulħadd.

Diskussjoni

- Lesti li taċċettaw persuni differenti minnkom? Jekk iva għaliex? Jekk le, jew issibuha diffiċli għaliex?
- Li kieku ħaddieħor jara lilkom differenti, tixtiequ li tiġu aċċettati?
- Tħossuha stramba li ngħidu li aħna Nsara mbagħad neskludu lill-oħrajn?
- Li tkun missjunarju m'hemmx għalfejn tmur barra minn Malta, lanqas li tagħti l-flus biss. Bħala adolexxent/a Nisrani/ja kif tista' tkun missjunarju/a f'pajjiżna?

Sensittività tagħna bħala persuni Nsara

F'jum Pentekoste, l-Ispirtu s-Santu ta r-rigal lill-appostli li jitkellmu b'lingwi differenti, jiġifieri filwaqt li huma kienu qed jitkellmu bil-Lhudi, n-nies minn nazzjonalitajiet differenti kienu qed jifhmuhom bil-lingwa tagħhom. Hawnhekk naraw li l-Ispirtu s-Santu jridna nkunu persuni sensittivi għall-bżonnijet u l-kulturi tal-oħrajn. Li nkunu sensittivi jfisser li nkunu kapaċi nħossu mal-oħrajn u għall-oħrajn, ifisser li nkunu persuni kapaċi li nħobbu. Fejn hemm l-Ispirtu s-Santu hemm l-imħabba. Fejn hemm l-imħabba vera hemm is-sensittività. Għalhekk l-appostli tant kellhom imħabba lejn Ġesù u lejn in-nies li ħarġu jgħallmu dwar Ġesù u dwar l-Aħbar it-Tajba tiegħu.

Diskussjoni

- Tħossukom persuni sensittivi għall-bżonnijet tal-oħrajn, jew inkella jimpurtakom biss minnkom infuskom?
- Kif tistgħu, bħala adolexxenti, turu s-sensittività tagħkom lejn l-oħrajn?

Il-paċi u l-ferħ

L-appostli kienu **lkoll flimkien** jitolbu, u **lkoll flimkien** ħarġu **ferħana** jxandru lil Ġesù. L-Ispirtu s-Santu għen lill-appostli jkunu komunità magħquda, ilkoll bi ħsieb wieħed, ilkoll jaħdmu flimkien għall-ġid tagħhom infushom u għall-ġid tal-oħrajn. Fejn hemm Ġesù, fejn hemm l-Ispirtu s-Santu dejjem hemm il-ferħ, il-paċi, u l-għaqda.

Diskussjoni

- Taħdmu sabiex ikun hemm aktar għaqda, aktar imħabba fil-grupp tagħkom, u ma' sħabkom? Kif tagħmluh dan?
- Intom persuni li taħdmu għall-paċi, jew tieħdu gost tifirdu sabiex tkunu dejjem intom minn fuq? Li tkunu persuni ta' paċi ma jfissirx li ma jkollkomx rispett lejkom infuskom u lejn il-verita u l-ġustizzja... imma kollox jiddependi kif tagħmlu dan. X'taħsbu dwar dan?

L-Ispirtu s-Santu jurina li meta nitolbu, l-aktar meta nitolbu flimkien, qalbna u l-attitudni tagħna lejn l-oħrajn ikunu aktar mimlija mħabba. Aktar ma nħobbu aktar inkunu sensittivi għall-oħrajn, aktar inkunu inklussivi, aktar inkunu lesti li naqsmu l-messaġġ mal-oħrajn u aktar inkunu persuni ta' paċi u persuni li jġibu l-għaqda.

Niskopru l-Festa ta' Pentekoste fir-Reliġjon Lhudija u dik Kristjana

Il-festa ta' Pentekoste għal-Lhud

Pentekoste bil-Grieg ifisser il-Ħamsin Jum. Għal-Lhud tat-Testment l-Antik, din il-festa li bl-Ebrajk tissejjaħ *Shouvat*, hija l-Festa tal-Ġimgħat, jew il-Festival tal-Ġimgħat (Eż 34, 22; Dewt 16, 10). Tissejjaħ ukoll il-Festival/Il-Festa tal-Ħsad (Eż 23, 16), Jum l-Ewwel Frott – bl-Ebrajk - *Yom ha-Bikkurim* (Num 28, 26).

Minbarra dan, skont it-Tradizzjoni Lhudija, Pentekoste, jikkommemora l-jum li fih Alla ta l-Għaxar Kmandamenti lil Mosè fuq il-Muntanja Sinaj, ħamsin jum wara li ħarġu mill-Eġittu (Eż 20, 1-10). It-Talmud, għamel dan il-kalkolu tal-ġranet skont ma hemm miktub fil-Ktieb tal-Levitiku 23, 15-21.

Il-festa ta' Pentekoste għalina l-Insara

Għalina l-Insara, il-festa ta' Pentekoste - Ħamsin Jum mill-Qawmien tal-Mulej, hija l-jum li fih l-Ispirtu Santu niżel fuq l-appostli u fuq dawk kollha li kienu magħhom fiċ-ċenaklu jitolbu.

Il-Għid il-Kbir huwa jum il-fidi, għaliex kif jiktbilna San Pawl: ...*jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u fiergħa wkoll il-fidi tagħna* (ara 1 Kor 15, 14). **Pentekoste huwa jum it-tama** għaliex l-Ispirtu Santu meta niżel fuq l-appostli u l-ġemgħa kollha, imliehom bil-kuraġġ sabiex ixandru lil Ġesù Kristu lil kulħadd. F'Pentekoste, l-appostli flimkien mal-komunità żgħira tal-Insara rebħu l-biża tagħhom u ħarġu lkoll flimkien ixandru l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù. Hekk il-Knisja żgħira li bdiet tifforma ruħha marret hi sabiex tiltaqa' man-nies li kienu ġejjin minn pajjiżi differenti. Dakinhar il-Knisja bdiet turi li hi Knisja missjunarja.

Araw dawn il-klipps flimkien.

Ir-rispett, Is-sensittività, l-inkużjoni – l-imħabba



Diskussjoni

- X'jidhrilkom minn dawn il-klipps?
- X'tgħallimtu minnhom? X'konnessjoni hemm bejn dawn il-klipps u r-rigali tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna ta' kuljum?
- Xi sfida joffrulkom dawn il-klipps bħala adolexxenti Nsara?

Sfida

Fil-ġranet li ġejjin, agħmel ħiltek li titlob lill-Ispirtu s-Santu jgħinek tkun persuna aktar sensittiva u inklussiva lejn l-oħrajn, speċjalment lejn dawk li inti tarahom differenti minnek.

Inkantaw u nitolbu flimkien

Djarju
Fid-Djarju tiegħek ikteb/pinġi mumenti fejn kont persuna kuraġġuża, mimlija rispett, u inklussività lejn l-oħrajn.

Katekeżi Familja

Kellhom kollox flimkien

> *'Il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien. B'qawwa kbira l-appostli kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù, u kulħadd kien iġibhom ħafna. Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqegħedhom f'riġlejn l-appostli. Mbagħad kien jitqassam kollox skond il-ħtieġa ta' kull wieħed. Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejjħulu Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ; dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f'riġlejn l-appostli.'*

Atti 4, 32-37

Nitolbu flimkien bħala Familja
Spirtu Santu saħħaħna flimkien bħala familja. Għin lil kull wieħed u waħda minna sabiex nkunu sensittivi għal xulxin, sabiex inkunu persuni li nġibu l-paċi u l-għaqda. Bħala familja żommna magħqudin u imlielna lil qalbna bil-veru ferħ li inti biss taf tagħti. Ammen.

Kapitlu 1
KURŻITÀ: MIN HU L-ISPIRTU S-SANTU?
Tema 3
NIPPARTEĊIPA FIL-GĦAŻLA TIEGĦI

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jibdew jifhmu u janalizzaw it-tgergira kontemporanja ta' xi wħud: għammduni bla ma staqsewni; jaraw kif fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni huma mistiedna sabiex jipparteċipaw fil-għażla tagħhom.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
- Għaliex xi adolexxenti ġieli jgergru u jgħidu: għammduni bla ma staqsewni?
- Xi jfisser għalikom, li wasaltu biex tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni?
- Kif sa tinvolvu ruħkom jiġifieri kif sa tipparteċipaw fil-għażla u fid-deċiżjoni li tersqu għas-Sagrament tal-Konfermazzjoni?

It-tgergira kontemporanja: Għammduni bla ma staqsewni!

Storja
Elena daħlet id-dar wara l-iskola b'nervi liema bħalhom. Fejn is-soltu kienet tmur tiġri fuq in-nanna u ssaqsieha x'sajret tajjeb, illum bil-kemm kellmet lin-nanna. X'seta' ġara qalet in-nanna ġo qalbha! Tibżax daqt inkun naf, ħalli tibda tiekol. Hekk ġara, kif Elena bdiet tiekol, mill-ewwel daret fuq nannitha u qaltilha b'vuċi ftit għolja: 'Nan, mhux *fair* li intom għammidtuni mingħajr ma staqsejtuni'. Forsi...
In-nanna, ta' mara mimlija bl-esperjenza, qagħdet tismagħha. Hallitha tgħid dak kollu li kellha f'moħħa u f'qalbha. Imbagħad weġbitha: 'Elena, kieku inti jkollok xi ħaġa tassew għal qalbek li jiena nagħtihielek rigal, qed ngħidu rigal prezzjuz bħal xi ċurkett li jqum il-flus, inti tkun tixtieq li dan tgħożżu sabiex meta, jekk Alla jrid ikollok it-tfal tħallihulhom tifkira tal-familja u hekk bil-mod il-mod isir wirt fi ħdan il-familja'. Elena, mil-ewwel qabżet u qalet, 'kieku sewwa Nan, jiena nibqa' niftakar lilek, uliedi jiftakru lili u jiftakru lilek'. 'Inti taħseb li t-tfal tiegħek igergru għaliex ħallejtilhom dak ir-rigal?' Elena, pronta, pronta wieġbet, 'żgur li le'. In-nanna kienet mara intelliġenti u kompliet issaqsi, 'allura, suppost li wieħed mit-tfal ikun irid ibiegħ dan iċ-ċurkett, x'taħseb?' Elena, weġbitha, 'kieku nkun għadni ħajja, naħseb jiddispjaċini, imma, la tajthulu jista' jagħmel bih li jrid, wara kollox kull bniedem hu liberu'.

'Mela, għażiża, ejja ħalli nieħdu din l-istorja, li faċilment tista' tiġri u permezz tagħha nippruvaw nifhmu aħjar għaliex il-ġenituri tiegħek marru jitolbu lill-Kappillan sabiex jgħammdek. Tinsiex li jiena u n-nannu l-ieħor, missier missierek aħna l-parrini tiegħek. Bħala parrini għandna r-responsabilità li nieħdu ħsiebek, mhux fl-ikel u l-ilbies u xi rigal biss, imma wkoll f'ruħek.'

Elena, wara li spiċċat mill-ikel, qagħdet tisma' b'kurżità kbira għaliex għammduha bla ma staqsewha.
Issa hi sa taqsam dak li tgħallmet mingħand in-nanna magħkom.
Isimgħuha għaliex interessanti ħafna.

Naħsbu ftit
Tieħu gost tisma' adolexxenti bħalkom jiddiskutu l-fatt: għammduni bla ma staqsewni. Din mhix bil-fors hija tgergira, tista' tkun turija ta' interess biex jifhmu aktar.
Meta xi ħadd ikollu xi ħaġa għal qalbu u li jemmen fiha; xi ħaġa li lill-ħajtu qed tagħmillu ħafna ġid, ikun irid jgħaddiha lil dawk li huwa jħobb tassew għaliex jaf li din il-ħaġa sa tkun ta' ġid għal ħajjithom ukoll, sintendi jekk dawn jibqgħu jieħdu ħsiebha.
Nieħdu eżempju prattiku. Jekk ġenitur jemmen li l-ikel bnin u sustanjuż flimkien ma' eżerċizzju fiżiku huwa tajjeb, immela dan sa jrawwem, sa jrabbi lit-tfal tiegħu jemmen f'dan ukoll.

Nifhmu ftit it-tgergira: li ġejtu mgħammda mingħajr ma staqsewkom.
Inkomplu naħsbu ftit ieħor:
- Qabel ma twelidtu ġejtu mistoqsija mill-ġenituri tagħkom f'liema pajjiż tixtiequ titwieldu?
- Staqsewkom x'kulur tixtiequh xagħarkom, jew għajnejkom?
- Staqsewkom biex tagħżlu l-ġenituri li minnhom tixtiequ titwieldu?
- Xi ħadd staqsiekom b'liema lingwa tixtiequ tibdew titkellmu meta tiftħu fommkom?
- Xi ħadd staqsiekom f'liema raħal u għand liema familja tixtiequ titwieldu?
- Xi ħadd staqsiekom sabiex tagħżlu t-talenti li tixtiequ titwieldu bihom?

Inħossuna aktar responsabbli tal-għajxien tal-fidi tagħna.
Ir-realtà hi, li bħalma l-ġenituri f'imħabbithom, b'mod bijoloġiku flimkien ma' Alla, taw ħajja lit-tarbija tagħhom, tawha ċittadinanza, ħasbu wkoll sabiex f'imħabbithom jagħtuh reliġjon għaliex emmnu li r-reliġjon hija importanti u meħtieġa għall-bniedem fl-iżvilupp sħiħ tiegħu. Kull bniedem ifittex f'ħajtu li jkollu xi ħaġa ikbar minnu, ikbar mill-bnedmin, li jemmen fiha.

Il-ġenituri raw, li mingħajr fidi, mingħajr trobbija reliġjuża jiġifieri għajnuniet sabiex jitgħallem dwar u jipprattika din il-fidi, jekk huma ma jagħtux dan, l-edukazzjoni sħiħa ta' wliedhom ma tkunx kompluta.

Fil-verità l-ġenituri għax iħobbukom tawkom dan ir- rigal - li għammdukom bħala Kristjani Kattoliċi. Hekk ġejtu mgħammda fil-fidi Kristjana li tiġi pprattikata u mgħallma fir-reliġjon Kristjana Kattolika. Ta' dan ir-rigal għandkom tirringrazzjaw lill-ġenituri. Bħalma meta twelidtu bdiet il-ħajja naturali tagħkom, meta għammdukom bdiet il-ħajja tal-fidi – il-ħajja reliġjuża tagħkom.

Mhux biss, imma l-ġenturi għażlulkom parrini li jistgħu jieħdu ħsiebkom sabiex tgħixu ħajja tajba kemm fl-affarijiet tar-ruħ u kemm f'dawk tal-ġisem.

Għalhekk, **Jum il-Magħmudija** tagħkom huwa jum importanti ħafna li għandkom tiftakruh, għaliex huwa l-jum tal-***Birthday*** tagħkom bħala Kristjani Kattoliċi.

Barra dan, il-ġenituri sa minn meta kontu żgħar għallmukom b'diversi modi speċjalment bl-esperjenza fil-ħajja ta' kuljum, kif tgħixu din il-fidi tagħkom. Huma ħadukom u bagħatukom sabiex tkomplu titgħallmu flimkien ma' tfal oħra li huma wkoll parti mill-komunità tal-Insara. Hekk bdejtu taraw u taqsmu flimkien ma' tfal tamparkom f'min nemmnu bħala persuni Nsara u kif nistgħu ngħixu dak li titgħallmu fil-ħajja ta' kuljum. Fuq kollox bdejtu titgħallmu kif titolbu ħalli b'hekk tibdew relazzjoni sabiħa ma' Ġesù Kristu.

Issa qed tikbru, diġà tinsabu fuq l-għatba tal-adolexxenza, għalhekk, sa tibdew tkunu ftit jew

wisq responsabbli ta' dan ir-rigal hekk sabiħ. Sa jiġi żmien meta jkollkom ħafna mistqosijiet dwar il-fidi tagħkom u dwar il-prattika reliġjuża. Tinkwetawx. L-importanti hu li ssibu persuna/persuni kompetenti u li jixtiequlkom il-ġid sabiex taqsmu magħhom dawn il-mistoqsijiet u tiċċaraw magħhom id-dubji li jkollkom.

Jekk meta tikbru, sempliċiment għal gost, jew minħabba xi ideat u/jew għax sħabkom għamlu hekk allura tagħmlu intom ukoll, taqbdu u tbiddlu r-reliġjon tagħkom, aħsbuha sew qabel tagħmlu dan.

Bħalma fl-edukazzjoni kollox jimxi pass wara l-ieħor, nikbru u nimmaturaw fin-*knowledge* - fl-edukazzjoni, hekk ukoll il-fidi, it-tagħlim, il-prattika, l-esperjenzi tal-ħajja, il-ħajja ta' talb, dan kollu jgħinna sabiex nikbru, sabiex nimmaturaw fil-fidi.

Issa li intom adolexxenti sa tibdew aktar minn qabel tkunu responsabbli tal-prattika reliġjuża tal-fidi tagħkom, jiġifieri mhux biss tgħidu li temmnu f'Ġesù imma li tagħmlu ħilitkom li tgħixu dak li hu jgħallem, li tagħmlu ħilitkom li permezz tat-talb speċjalment talb personali tibnu relazzjoni ma' Ġesù, li permezz tas-sagramenti speċjalment tal-qrar u tqarbin tkomplu ssaħħu l-ħajja tagħkom bħala membri tal-komunità Nisranija.

Biex issaħħu aktar il-fidi u l-prattika reliġjuża tagħkom, ibqgħu fittxu ħbiberiji tajbin.

Mill-Kelma ta' Alla

(Timotju kellu Ommu Lhudija u missieru Grieg. Timotju kien minn Efesu, illum hija l-belt ta' Silcuk fil-Provinċja ta' Iżmir fit-Turkija. Huwa kien wieħed minn tal-ewwel li sar Kattoliku. Kien dixxiplu ta' San Pawl u kien jivvjaġġa miegħu meta kienu jmorru jxandru l-Evanġelju f'diversi postijiet).

> *'Inrodd ħajr lil Alla, li lilu nqim b'kuxjenza safja bħal missirijieti, hekk kif niftakar fik bla heda fit-talb tiegħi lejl u nhar. Meta niftakar fid-dmugħ tiegħek għalija, tiġini x-xewqa li narak, biex nimtela bil-ferħ. Niftakar fil-fidi vera tiegħek, fidi li l-ewwel kienet ta' nanntek Lojd u mbagħad ta' ommok Ewniki, u li ma għandi ebda dubju li hi fik ukoll. Minħabba f'hekk infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-tqegħid ta' idejja.'*

2 Tm 1, 1-6

Diskussjoni

- X'tifhmu b'dan il-qari li smajtu u qrajtu mill-Ittra ta' San Pawl lil Timotju?
- X'konnessjoni għandu mas-suġġett li qed nitkellmu dwaru: ir-rigal tal-fidi?
- Jidher ċar li n-nanna ta' Timotju Lojd u ommu Ewniki għenuh ħafna fil-fidi tiegħu u fil-ħajja reliġjuża tiegħu. Taħsbu li din ir-realtà għada tgħodd illum? Jekk iva, kif? Jekk le, għaliex?

Inkantaw u nitolbu flimkien

Irringrazzjaw lill-Mulej għar-rigal tal-fidi, u rringrazzjaw lil tal-familja li għaddewlkom dan ir-rigal sabiħ.



Ninvolvi ruħi fil-għażla tiegħi

Issa li ġie deċiż flimkien mal-ġenituri/dawk li jrabbuk li tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, tajjeb li tinvolvi ruħek f'dan il-pass hekk importanti fil-ħajja tiegħek.

Punti ta' kif tista' tinvolvi lilek nnifsek:

- Billi tifhem li dan is-Sagrament mhux xi *graduation*, jew sempliċi *social event*. Għalhekk bħala persuna Nisranija fittex li tkompli titgħallem fuq din ir-reliġjon sabiex tissaħħaħ aktar fil-fidi tiegħek.

- Billi tifhem li tixtieq tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni għaliex tixtieq tkompli tiskopri kif tgħix ta' Nisrani/ja b'mod sħiħ.

- Billi tifhem, li ma tirċevix dan is-Sagrament sempliċiment sabiex aktar 'il quddiem tkun tista' tiżżewweġ bil-Knisja. Tajjeb li tiftakar li mhux iż-żwieġ bil-Knisja jagħmel persuna Nisranija, imma għaliex il-persuna/i li se jiżżewġu qed jagħmlu ħilithom sabiex jgħixu l-fidi Nisranija, jixtiequ u jħossu l-bżonn li jiżżewġu bil-Knisja.

- Meta tiddeċiedi li tirċievi dan is-Sagrament tkun qed tgħid Iva nixtieq li nkompli nimxi wara Ġesù, nixtieq li nkompli niskopri minn hu Ġesù Kristu, u xi jrid minni fil-ħajja tiegħi.

- Billi **tiddiskuti** mal-ġenituri/dawk li qed irabbuk l-**għażla** tal-parrinu/a adattat għalik sabiex jgħinek tikber f'persuna tajba. Il-**parrinu/a** huma responsabbli li jgħinuk tikber mhux biss f'persuna Nisranija tajba, imma wkoll f'persuna umanament tajba - f'ċittadin/a Nisrani/ja responsabbli. Dan jistgħu jagħmluh b'diversi modi: bil-kelma tagħhom, bl-eżempju tagħhom u b'pariri tajbin waqt li jakkumpanjawk f'ħajtek.

- Billi issa li diġa' tinsab fuq l-għatba tal-adolexxenza qrib dik taż-żgħożija tibda tħossok xi ftit responsabbli aktar minn qabel għall-prattika tar-reliġjon tiegħek bħala persuna Kattolika, dan ifisser li kemm jista' jkun tmur għaċ-ċelebrazzjoni tal-quddies speċjalment nhar ta' Ħadd, li tersaq aktar spiss għas-sagramenti speċjalment tal-qrar (sagrament tar-rikonċiljazzjoni) u għat-tqarbin, li tħalli ħin għat-talb tiegħek personali u li tagħmel ħiltek sabiex titgħallem u ssaqsi dwar dak li tgħallem il-Knisja.

- Billi issa taqra aktar spiss il-Kelma ta' Alla u tfittex li titgħallem kif tifhimha aħjar ħalli tkun tista' tgħixha aħjar.

- Billi matul il-ġimgħa tibda tidra tagħmel ftit minunti ta' volontarjat fl-istess ambjent tiegħek – skola, katekeżi, fl-attivitajiet l-oħra...dejjem hemm ċans fejn tista' tgħin lil ħaddieħor.

B'hekk tkun qed tkun ta' servizz għall-ħutek il-bnedmin.

- Billi tifhem li issa aktar minn qatt qabel, għandek ir-responsabilità li taqsam il-fidi tiegħek mal-oħrajn.

- Billi wara li tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni tfittex grupp Nisrani li jkompli jgħinnek tiskopri, titgħallem u tikber f'persuna Nisranija fis-soċjetà tal-lum. Tagħmel ħiltek li żomm ħbiberiji tajbin.

Diskussjoni
- Kif qed tħossukom issa li wasaltu biex tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni?
- Il-preparazzjoni tagħkom għal dan is-Sagrament, qiegħda tgħinkom sabiex bil-mod, il-mod tifhmu l-kobor ta' dan is-Sagrament u l-impenn li jitlob minnkom kemm bħala adolexxenti u aktar u aktar fil-futur?

Naraw flimkien dan il-klipp
(fuq il-*pendrive*)

L-għajxien tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni fil-ħajja ta' kuljum
Fr Carl M. Sultana

Diskussjoni
X'taħsbu dwar dan il-klipp?
X'tgħallimtu minnu li jista' jiswielkom għall-ħajja tagħkom?

Tagħlim tal-Knisja Kattolika
Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* 1285

Sfida
Matul din il-ġimgħa fittxu li tirringrazzjaw lil Alla għar-rigal tal-fidi, itolbu għall-ġenituri tagħkom/dawk li qed irabbukom, ippruvaw agħmlu ħilitkom li fil-kliem tagħkom u fl-imġiba tagħkom tiftakru fit-tagħlim ta' Ġesù. B'hekk tkunu qed tgħaddu dan ir-rigal tal-fidi lill-oħrajn u tgħixuh mal-oħrajn.

Inkantaw u Nitolbu flimkien

Djarju
Fid-Djarju tiegħek, ikteb id-data li fiha ġejt mgħammed. Fittex minn kienu l-parrini tiegħek tal-Magħmudija. Ikteb/pinġi talba ta' ringrazzjament lil Alla u lill-familja tar-rigal tal-ħajja, tal-fidi u r-reliġjon li għaddewlek.

Katekeżi Familja
Qari mill-Ittra ta' San Pawl lill-Kolossin

> '*Intom ilqajtu lil Kristu Ġesù l-Mulej; għixu mela magħqudin miegħu; niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi, kif tgħallimtu, u mtlew bil-gratitudni.*'

Kol 2, 6-7

Talba mal-familja
Grazzi Mulej tar-rigal tal-fidi. Għinna nissaħħu fil-fidi u fil-għajxien tar-reliġjon tagħna, għinna nkomplu ngħinu lil xulxin ħalli nkunu xhieda ta' dan bejnietna u mal-oħrajn. Ammen.

Kapitlu 2
L-ISPIRTU S-SANTU FIL-HAJJA TAGĦNA
Tema 1
ESPERJENZI DEJJEM ĠODDA ID-DONI TAL-ISPIRTU S-SANTU KUMPANJI MATUL IL-ĦAJJA

Nibdew il-laqgħa b'talba

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru kemm is-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu huma rigali mill-Ispirtu s-Santu, liema rigali huma bżonjużi ħafna fil-ħajja ta' persuna Nisranija.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
- X'tifhmu bil-kelma doni?
- X'tifhmu bihom meta tisimgħu il-kliem: id-doni tal-Ispirtu s-Santu?
- Ġieli smajtu bihom? Għaliex taħsbu li hemm bżonn li tiskopruhom ?
- Għaliex taħsbu li jistgħu jkunu ta' għajnuna matul il-ħajja tagħkom?

Attività fil-grupp dwar id-doni tal-Ispirtu s-Santu
Nissuġerixxu li tilgħabu din il-logħba informattiva mal-adolexxenti.
Il-għan huwa sabiex sabiex taraw kemm jafu dwar id-doni tal-Ispirtu s-Santu. Tistgħu tagħmlu din il-logħba fuq bażi indivdwali jew taqsmu l-grupp fi tnejn u taraw min imur l-aħjar.

Mistoqsijiet

Mistoqsija	Ħjiel	Tweġiba
Agħtuni kelma oħra flok doni	sitt ittri	rigali
Kemm hemm doni tal-Ispirtu s-Santu?	erba' ittri	seba'
Ġesù Kristu kellu dawn id-doni?	Agħżel Iva jew Le	Iva
Fil-Bibbja insibuhom dawn id-doni?	Agħżel Iva jew Le	Iva
Jekk jinsabu fil-Bibbja f'liema ktieb taħsbu li nsibuhom imniżżlin wara xulxin?	Agħżel wieħed minn dawn: Ġenesi, Ġob, Iżaija, Ittra ta' San Pawl lir-Rumani	Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani
Iktbu d-doni tal-Ispirtu s-Santu		

Id-doni tal-Ispirtu s-Santu u l-Virtujiet
Id-doni tal-Ispirtu s-Santu li nirċievu fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni jkomplu jsaħħu fikom il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu li rċevejtu fil-Magħmudija.

Dawn id-doni huma:

Il-Għerf	Ix-Xjenza
Il-Fehma	Il-Pjetà
Il-Kunsill	Il-Biza' ta' Alla
Il-Qawwa	

Meta tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, id-doni tal-Ispirtu s-Santu jkomplu jsaħħu fikom il-preżenza tal-Ispirtu s-Santu li rċevejtu fil-Magħmudija. Dawn id-doni jgħinukom sabiex tagħżlu li tkomplu timxu wara Ġesù Kristu u t-tagħlim tiegħu u sabiex tkunu xhieda tiegħu fil-ħajja tagħkom.

Minbarra dan, fil-ħajja ta' kuljum dawn id-doni jgħinukom issaħħu fikom il-virtujiet jiġifieri dawk l-affarijiet tajbin li permezz tagħhom tgħixu ħajja tajba bħala Nsara kemm għalikom infuskom, u kemm għall-oħrajn u mal-oħrajn.

F'kull bniedem hemm affarijiet tajbin, u hemm affarijiet li hemm bżonn jaħdem aktar fuqhom sabiex ikunu aħjar fih. Eżempju: Persuna jista' jkun onest, hemm bżonn li matul ħajtu jibqa' jkun onest, hemm ieħor li jixtieq ikun aktar sinċier għaliex xi kultant jigdeb. Gidba hi dejjem gidba u jekk il-gideb ma jiġix ikkontrollat jista' jinqala' ħafna nkwiet. Persuna li taf li hi tigdeb hemm bżonn taħdem sabiex issir aktar sinċier/a.

Uħud minn dawn il-virtujiet huma:
Sinċerità, onestà, rispett, ġenerożità, għaqal/prudenza; kuraġġ/qawwa; ġustiżżja; kontroll fuqkom infuskom, fidi, tama, imħabba.

San Tumas ta' Aqwinu, u l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, jgħidulna li d-doni tal-Ispirtu s-Santu huma importanti ħafna għall-bniedem għaliex:

- Jgħinukom sabiex **ittejbu l-karattru tagħkom, u hekk issiru Nsara aktar responsabbli** tagħkom infuskom u tal-oħrajn speċjalment fil-għażliet li tagħmlu u fl-imġiba tagħkom.
- Permezz ta' dawn id-doni ssiru aktar **midħla tal-Ispirtu s-Santu**. Hekk issiru tapprezzawh aktar, titolbuh aktar, u tħalluh isir aktar parti mill-ħajja tagħkom.

Tagħlim tal-Knisja Kattolika
Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1831.

Id-doni tal-Ispirtu s-Santu fil-Bibbja

Id-doni tal-Ispirtu s-Santu fit-Testment l-Antik

Mill-Kelma ta' Alla

'Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse,
għad tinbet rimja minn għeruqu:
fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej,
l-ispirtu tal-għerf u d-dehen,
l-ispirtu tal-għaqal u l-qawwa,
l-ispirtu tal-għerf u l-biża' tal-Mulej,
u l-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej.'

Iż 11, 1-2

Fil-Bibbja, fit-Testment l-Antik, fil-ktieb tal-profeta Iżaija nsibu s-seba' doni – is-seba' rigali

tal-Ispirtu s-Santu. Il-profeta Iżaija kien jgħix madwar tmin mitt sena qabel Ġesù Kristu. F'dan il-qari, il-profeta qed jgħidilna diversi affarijiet:

- Ġesse kien isem missier ir-Re David, għalhekk meta l-profeta Iżaija kiteb: għad toħroġ toħroġ fergħa miz-zokk ta' Ġesse', hawnhekk il-profeta kien qed iħabbar il-miġja ta' Ġesù li kien ser ikun mir-razza ta' David.
- F'dan il-qari l-profeta Iżaija qed jgħidilna li dawn id-doni insibuhom kollha f'Ġesù Kristu.
- L-aħħar vers: *il-għaxqa tiegħu fil-biża' tal-Mulej*, hawnhekk il-kelma biża' tfisser fir-rispett, imħabba. Mela Ġesù bħala bniedem kien jirrispetta lil Alla Missieru.
- Fejn naqraw: *Fuqu jistrieħ l-Ispirtu tal-Mulej*, dan ifisser li Ġesù bħala bniedem kien mimli bl-Ispirtu s-Santu u li dawn id-doni kollha insibuhom f'Ġesù.
- Għalhekk il-Kristjani kull darba li jirċievu xi Sagrament, dawn id-doni tal-Ispirtu s-Santu jkomplu jissaħħu fil-ħajja tagħhom u jgħinhom sabiex jgħixu ħajja tajba bħala Kristjani.

Attività flimkien

- Erġgħu aqraw dan il-qari.
- Fittxu id-doni tal-Ispirtu s-Santu f'dan il-qari li smajtu u qrajtu.
- *Bible Hunt*: Ippruvaw ftakru jew fittxu ġrajjiet mill-Evanġelju - mill-ħajja ta' Ġesù fejn Ġesù wera kemm kien **għaref**, kemm kien **qawwi**, kemm kien bil-**għaqal** speċjalment fit-tweġibiet tiegħu lin-nies, kemm kien **iħobb** u **jirrispetta** lil Alla Missieru.

(Dawn is-siltiet u klipps ta' hawn taħt huma ta' għajnuna għall-katekist/a, jistgħu jsiru fl-laqgħa mal-grupp wara li tkun saret l-attività issuġġerita hawn fuq).

Id-doni tal-Ispirtu s-Santu fil-Ħajja ta' Ġesù (fit-Testment il-Ġdid)

Il-Qawwa ta' Ġesù
Mt 8, 26-27

Il-Għerf ta' Ġesù
Lq 2, 40-52

Il-għaqal ta' Ġesù
Lq 7, 7-11

Ġesù jirrispetta u jfaħħar lil Alla Missieru
Mt 11, 25-30

Diskussjoni

- Minn kull silta tal-Evanġelju u minn kull klipp li rajtu u smajtu, sibu:
- Fejn naraw il-qawwa ta' Ġesù minn din il-ġrajja?
- Fejn naraw il-ġherf ta' Ġesù?
- F'dawn is-siltiet, fejn naraw u nisimgħu l-ġhaqal ta' Ġesù, u fejn u b'liema kliem qed ifaħħar lil Alla Missieru u jurih rispett?
- Ġesù uża d-doni tal-Ispirtu s-Santu mhux biss ġhalih imma ġhall-oħrajn ukoll? Kif taraw dan mis-siltiet u mill-klipps li rajtu?
- X'titgħallmu minn dawn l-esperjenzi ta' Ġesù u d-doni tal-Ispirtu s-Santu f'ħajtu?

Inkantaw u nitolbu flimkien



Id-doni tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna ta' kuljum

Il-Ġherf

Id-don tal-Ġherf jgħallimna li l-aktar ħaġa importanti fil-ħajja tagħkom hi Alla. Jista' jkollkom ħafna flus, ħafna ġid u ħafna affarijiet oħra, imma jekk ma jkollkomx lil Alla, kemm qalbkom u kemm il-ħajja tagħkom ikunu vojta.

Dan id-don jgħinkom tifhmu kemm hu importanti li fil-ħajja tagħkom ta' kuljum tħallu spazju ġhal Alla, kemm hu importanti li temmnu f'Alla u li temmnu li jkollkom bżonnu. Ġhalhekk, id-don tal-Ġherf jgħinkom sabiex tagħrfu, tapprezzaw u ssaħħu l-fidi tagħkom f'Alla u l-fiduċja tagħkom fih.

Tidħqux bikom infuskom, jew tħallu min jidħaq bikom meta jgħidulkom li lil Alla m'għandkomx bżonnu. Il-bniedem għaref jaf li Alla jeżisti u li Hu importanti għall-ħajja tal-bniedem. Id-don tal-għerf jimliekom b'fidi soda f'Alla u fikom infuskom, huwa jimliekom b'fiduċja f'Alla u b'paċi kbira li Alla biss jaf jagħti.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'... għax l-għerf aħjar mill-qroll aħmar, m'hu xejn ħdejh il-ħaġar prezzjuż. Jien, l-għerf, ngħix mal-għaqal, u nimxi bil-ħsieb u l-qjies.'*
>
> Prov 8, 11-12

Il-Fehma

Id-don tal-Fehma jgħallimkom kif tkunu aktar lesti li tiftħu qalbkom u moħħkom għall-Kelma ta' Alla. Jgħinkom tifhmu aħjar il-messaġġ li Alla jrid iwasslilkom bil-Kelma tiegħu u permezz tal-Knisja bit-tagħlim tagħha.

Id-don tal-fehma jgħinkom tifhmu l-importanza li tagħtu lil Alla l-post li jixraqlu f'ħajjitkom, ukoll jgħinkom tifhmu li Alla jħobbkom. Jgħinkom ukoll sabiex waqt li intom u timmaturaw fl-età u fl-esperjenza ssiru aktar sensittivi għalikom infuskom u għal dawk ta' madwarkom. Hekk fid-dawl tal-Kelma ta' Alla u f'dak li tgħallem il-Knisja tifhmu aktar lilkom infuskom u lill-oħrajn, tagħrfu tagħdru, tħennu, tħobbu, taċċettaw u tiddjalogaw mal-oħrajn. .

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Jiena għandi l-fehma u l-għaqal, jiena għandi d-dehen u l-qawwa. Bil-ħila tiegħi jsaltnu s-slaten, u l-mexxejja jagħmlu liġijiet tajba. Bil-ħila tiegħi jaħkmu l-ħakkiema, u l-kbarat imexxu l-art.'*
>
> Prov 8, 15-16

Il-Kunsill

Id-don tal-Kunsill għandu x'jaqsam ħafna ma li tagħmlu ġudizzju sabiex tagħżlu t-tajjeb mill-ħażin fil-ħajja tagħkom u li taħarbu d-dnub. It-tentazzjonijiet jiġu dejjem. X'tagħmlu bihom, din hija għażla tagħkom. Taqgħu għalihom jew tagħmlu ħilitkom sabiex taħarbuhom? Dan id-don jikkumplimenta ħafna dawk ta' qablu u dak tax-xjenza, filli mhux biss tifhmu t-tagħlim u tagħmlu għażliet tajbin, imma li bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu tagħrfu ħaġa tajba minn dik ħażina u tagħrfu r-raġuni tal-ġudizzju u tal-għażla tagħkom.

Dan id-don jgħinkom ukoll sabiex tiddefendu l-veritajiet li nsibu fit-twemmin u fir-reliġjon tagħna bħala Nsara Kattoliċi.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Min hu bla moħħ jifraħ bil-bluha; min hu bil-għaqal jimxi sewwa. Tifsil ta' xogħol bla ħsieb jisfa' fix-xejn, imma bil-pariri ta' ħafna jmur tajjeb. Jifraħ min jaf jagħti tweġiba tajba; kelma f'waqtha, kemm hi sabiħa!'*
>
> Prov 15, 21-23

Il-Qawwa

L-Ispirtu s-Santu, permezz tad-don tal-Qawwa jimliekom bil-kuraġġ, bil-qawwa u b'ħafna self-confidence sabiex tegħlbu l-biżgħat tagħkom u tiffaċċjaw l-isfidi tal-ħajja.

Dan id-don jgħinkom ukoll sabiex tkunu lesti li tiddefendu dak li hu tajjeb u ġust kemm skont ix-xewqa ta' Alla kif ukoll kif insibu fit-tagħlim tal-Knisja mfassal u maħsub għall-ġid ta' kulħadd.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Qawwieti u għanjieti l-Mulej: għalija sar is-salvazzjoni. Dan hu Alla tiegħi, u lilu nfaħħar; ...'*

Eż 15, 2-3

Ix-Xjenza (*knowledge*)
Dan id-don bħall-oħrajn huwa ta' siwi kbir fil-ħajja tagħkom għaliex permezz tiegħu l-Ispirtu s-Santu jgħinkom tagħżlu u tiżnu sewwa t-tagħlim u l-informazzjoni li tirċievu. Dan kollu jgħinkom fl-għażliet li jkollkom bżonn tagħmlu f'ħajjitkom. F'soċjetà fejn fil-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali naraw, insibu u għandna aċċess għall-ħafna informazzjoni li mhux dejjem tkun ta' ġid għall-bniedem, dan id-don jgħinkom sabiex tagħżlu x'taraw, x'tisimgħu u x'temmnu. Aktar ma jkollkom tagħlim u informazzjoni tajba u korretta, u li tkun ta' ġid għalikom u għall-oħrajn aktar tagħmlu għażliet tajbin.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Tgħallmu, ċkejknin, l-għaqal; nies bla moħħ, ifhmu daqsxejn.Isimgħu, għax ħwejjeġ kbar se ngħidilkom, kliem is-sewwa se joħroġ minn fommi; għax fommi jitkellem is-sewwa; u xufftejja jistmellu l-gideb. Kliem fommi hu kollu sewwa, ma fih ebda tidwir jew tagħwiġ.'*

Prov 8, 5-8

Il-Pjetà
Id-don tal-Pjetà jgħinkom sabiex titolbu aħjar, sabiex tkabbru fikom rispett kbir u sinċier lejn Alla. Dan id-don jgħinkom sabiex tagħrfu taduraw lil Alla u ħadd u xejn ma jkun alla tagħkom ħliefu.
Dan id-don għandu x'jaqsam ħafna mal-prattiċi tal-reliġjon tagħna. Għalhekk il-mistoqsija hi: Turu rispett lejn Alla speċjalment waqt it-talb u waqt ċelebrazzjonijiet liturġiċi bħall-quddiesa u funzjonijiet oħra? Dan id-don joffrilna wkoll l-isfida li dak kollu li nagħmlu nagħmluh biex infaħħru lil Alla u mhux għal wiċċ in-nies.
Ma tistgħux tgħidu li tħobbu lil Alla, imma mbagħad m'għandkomx rispett lejn il-Knisja u lejn il-komunità tal-Insara li intom stess tagħmlu parti minnha.
Bħala Kattoliċi, mhux biss intom membri ħajjin tal-komunità imma jeħtieġ li titolbu mal-komunità u għall-komunità speċjalment fil-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd u filli tipparteċipaw fl-attivitajiet anke soċjo-reliġjużi li torganizza l-komunità tal-Insara.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet.'*

Mt 6, 1

Il-Biża' ta' Alla
Hawnhekk il-kliem Biża' ta' Alla mhumiex qed jgħidulna li Alla huwa tal-biża'. Alla mhuwiex xi ħadd li dejjem lest biex jikkastigakom. Xejn minn dan. Alla huwa mħabba u huwa ġust, jiġifieri filwaqt li jħobbkom, huwa ġust - it-tajjeb huwa tajjeb u l-ħażin huwa ħażin.
Hawnhekk biża' ta' Alla tfisser rispett u mħabba sinċiera lejn Alla. Meta intom tirrispettaw lil xi ħadd toqogħdu attenti kemm tistgħu li ma toffenduhx, li ma tweġġgħulux qalbu. L-istess ma' Alla, dan id-don jgħinkom sabiex dejjem u kullimkien speċjalment fid-deċiżjonijiet u fil-għażliet tagħkom tagħrfu li Alla huwa qawwi, huwa ħanin, huwa mimli mħabba, huwa ġust, u għalhekk jixraqlu kull rispett u mħabba.

Dan id-don jgħinkom tissaħħu fit-tama. It-tama hija importanti ħafna għall-ħajja tal-bniedem. Meta din it-tama tkun ibbażata fuq Alla, tkun tama mimlija fidi, għalhekk hija ssaħħaħlu ħajtu fl-aspetti kollha tagħha.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Il-biża' tal-Mulej jobgħod il-ħażen. Kburija, ksuħat, għemejjel ħżiena, kliem ta' ħsara jien [Alla] nobgħodhom.'*
>
> Prov 8, 13

Diskussjoni

(Nota għall-katekist/a - jew wara kull don, jew fl-aħħar - wara l-ispjegazzjoni tas-seba' doni, tistaqsi dawn il-mistoqsijiet sabiex issir diskussjoni).

- Kif ħassejtukom fl-ispjegazzjoni ta' dawn is-seba' doni?
- Tarawhom importanti u bżonnjużi għall-ħajjitkom? għaliex u kif?
- Hemm xi don minnhom li laqatkom b'mod partikulari? Għaliex?
- Semmu xi don li laqatkom u għidu kif tixtiequ tgħixuh għall-ġid tagħkom u tal-oħrajn.

Sfida

Matul din il-ġimgħa agħmel ħiltek li titlob lill-Ispirtu s-Santu sabiex jgħinek tiftakar u tipprattika kemm jista' jkun doni fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.

Inkantaw u nitolbu flimkien

(Suġġeriment għall-katekist/a: Li ma' kull don tinxtegħel xema', preferibbilment minn dawk tal-*batteries*, quddiem ix-xema' fuq *flash-card* ikun hemm miktub id-don, wara tkantaw flimkien u titolbu waqt ftit minuti ta' skiet dan li hu ssuġġerit hawnhekk).

Djarju
Fid-djarju tiegħek ikteb/pinġi kif qed tippratika xi wieħed jew aktar minn dawn id-doni tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tiegħek ta' kuljum.

Katekeżi Familja

Talba flimkien bħala familja
Missier etern Alla, f'isem Ġesù Kristu, Ibnek, u għall-interċessjoni tal-Verġni Marija Immakulata, ibgħat fija l-Ispirtu.

Spirtu qaddis, imħabba bla tmiem.
Ejja fina bil-ħeġġa tiegħek, ejja kebbes il-qlub tagħna.

Kapitlu 2
L-ISPIRTU S-SANTU FIL-HAJJA TAGHNA
Tema 2
NIKBER FTIT FTIT KULJUM: IL-FROTT TAL-ISPIRTU

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru li meta huma jħallu lill-Ispirtu s-Santu jmexxi lill-ħajjithom, l-Ispirtu s-Santu bil-kollaborazzjoni tagħhom jgħinhom jiffurmaw, jikkultivaw u jimmaturaw fil-virtujiet li jgħinuhom jibnu karattru tajjeb li jiswielhom għall-ħajjithom kollha.

(Nota għall-katekist/a: il-kelma virtù tfisser ħaġa tajba: attitudni, karatteristika li l-persuna tikkoltiva u saħħaha sabiex tibni karattru tajjeb. Għalina l-Insara dawn il-virtujiet huma mibnija fuq **il-Kelma ta' Alla, fuq it-tagħlim tal-Knisja Kattolika u fuq l-eżempji tajba ta' bosta nies fosthom qaddisin**).

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
- Ġieli smajtu bil-frott tal-Ispirtu? (Hawnhekk m'aħniex nitkellmu fuq il-frott dak li nieklu).
- San Pawl jagħmlilna lista sħiħa tagħhom. Fil-fatt huma disa', insemmu ftit minnhom: il-paċi, il-ġentilezza, il-ferħ, il-paċenzja, tiftakru xi wħud oħra?

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Il-frott ta' l-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi.'*
>
> Gal 5, 22-23

X'nifhmu meta ngħidu frott tal-Ispirtu s-Santu?
Il-frott tal-Ispirtu s-Santu huma virtujiet – li jikbru mal-mixja tal-formazzjoni umana u Kristjana tagħkom, huma għandhom x'jaqsmu ħafna mal-bini tal-karattru tagħkom. Il-mudell ta'dawn il-virtujiet huwa Ġesù Kristu.

Il-frott tal-Ispirtu s-Santu jikbru fil-ġewwieni tagħkom, fil-qalb tagħkom. Aktar ma jkollkom relazzjoni tajba ma' Alla, aktar tikbru fil-frott tal-Ispirtu s-Santu. Jissejħu frott għaliex dawn jgħinukom tiffurmaw il-karattru tagħkom, għalhekk bil-mod il-mod intom stess tibdew taraw, u tgawdu minn karattru ffurmat tajjeb. Intom stess tgawdu mill-frott ta' dan il-karattru ffurmat sewwa. Sintendi, tgawdu intom u ta' madwarkom ukoll.

Bħalma l-bidwi jaħdem u jistinka sabiex ikabbar frott tajjeb, hekk ukoll intom taħdmu ma' Alla sabiex tkabbru fikom valuri tajbin, li jsiru attitudnijiet, imbagħad isiru prinċipji u minn prinċipji jiżviluppaw f'virtujiet. Dan ma jsirx f'daqqa, huwa xogħol li jibqa' sejjer matul il-ħajja kollha tal-bniedem. Tibdew bil-mod il-mod, aktar ma tikbru aktar tissodaw u timmaturaw. L-imġiba tajba li toħroġ minn dan kollu hija l-frott jiġifieri għażliet tajbin u mġiba tajba.

Hija realtà li meta persuna tipprova tgħix dawn il-virtujiet, anke dawk ta' madwarha jammirawha. Forsi hi taħseb li sħabha jarawha stramba u differenti minnhom, imma f'qalbhom ikunu jammirawha u jixtiequ li jkunu bħala.

Meta tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni intom tidħlu fir-responsabilità li tagħtu xhieda ta' Ġesù Kristu bil-kliem u bl-eżempju. Il-frott tal-Ispirtu s-Santu huma mezzi sabiex tkomplu tinbnew tajjeb f'Insara b'karattru tajjeb. Imbagħad tkunu tistgħu tagħtu xhieda ta' Ġesù fil-ħajja ta'kuljum.

Kulħadd jieħu gost b'adolexxent/żagħżugħ/a b'karattru tajjeb. Mela agħmlu ħilitkom li tibqgħu f'relazzjoni tajba ma' Ġesù Kristu, u ppruvaw ibnu karattru Nisrani tajjeb.
Karattru Nisrani tajjeb jinbena u jissaħaħ permezz:
- Tal-qari tal-Kelma ta' Alla, speċjalment l-Evanġelju.
- Tat-talb pesonali u dak flimkien mal-komunita Nisranija speċjalment il-quddiesa ta' nhar ta' Ħadd.
- Tas-Sagramenti speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin.
- Tal-eżempji tajba ta' diversi persuni inkluż tal-qaddisin.
- Tal-formazzjoni Nisranija li tkomplu tieħdu u hekk tkunu tistgħu tkomplu titgħallmu u tipprattikaw kif tkunu Nsara tajbin.

Diskussjoni
- X'tifhmu bil-kliem: karattru tajjeb?
- Għalikom fiex jikkonsisiti karattru tajjeb? X'tistennew minn persuna b'karattru tajjeb?
- Diffiċli li tikkoltivaw karattru tajjeb? X'inhuma l-akbar diffikultajiet li ssibu?
- Kif tistgħu tibqgħu f'relazzjoni tajba ma' Ġesù Kristu sabiex tkomplu tibnu karattru tajjeb?
- Għaliex, u kif taħsbu li dawn il-virtujiet jgħinukom tibnu u ssaħħu l-karattru tagħkom?
- X'konnessjoni għandhom dawn il-frott tal-Ispirtu maż-żmien tal-adolexxenza ?
- Semmu xi esperjenza tagħkom fejn għextu xi wieħed jew aktar mill-frott tal-Ispirtu li kitbilna dwarhom San Pawl.

Araw dawn il-klipps:



Diskussjoni
- X'jidhrilkom mill-karattru ta' dan it-tifel u taż-żagħżugħ?
- X'tgħallimtu minnhom?
- X'konnessjoni għandhom dawn il-klipps mal-frott tal-Ispirtu?

Niskopru l-frott tal-Ispirtu s-Santu

L-Imħabba
Fiż-żminijiet tal-lum il-kelma mħabba saret kelma komuni, imma li tkun kapaċi tħobb tassew mhix komuni, anzi hija ħaġa rari. Kull bniedem hu maħluq biex iħobb. Kieku kelli nistaqsikom xi tfisser għalikom l-imħabba, ikun hawn diversi ideat u opinjonijiet, u dan bir-raġun. L-imħabba hija l-aktar ħaġa mixtieqa minn kull bniedem. Ħasra li mhux kulħadd jaf iħobb fil-verità. Żgur li l-imħabba ma tistgħux iżżommuha magħluqa ġo qalbkom, tridu taqsmuha ma' xi ħadd inkella ma tkunx imħabba tkun *selfishness* – egoiżmu.

L-vera mħabba mhix kwestjoni ta' *feelings* biss imma tissarraf ukoll f'azzjonijiet tajbin li xi kultant jitolbu sagrifiċċju mill-persuna. Il-vera mħabba ma tħallikx tara d-difetti biss tal-oħrajn imma tgħinek tara t-tajjeb ukoll. Il-vera mħabba tgħinkom taqsmu mal-oħrajn mhux is-sabiħ biss imma wkoll l-isfidi u l-uġigħ li ħajja ġġib magħha. Il-persuna li tħobb tassew ma tħobbx kif jaqblilha u meta jaqblilha, imma tħobb dejjem u tibqa' tħobb għal dejjem; ir-relazzjoni tista' tinbidel imma tibqa' tħobb u tixtieq il-ġid lill-persuna/lill-oħrajn. Min tassew iħobb jixtieq il-ġid lill-oħrajn u ma jgħirx għaliex jara lill-oħrajn aħjar minnu. Min tassew iħobb l-ewwel jaħseb fl-oħrajn.
M'hemmx imħabba mingħajr sagrifiċċju. Dan narawh biċ-ċar f'Ġesù Kristu li għax iħobbna ried isalvana u biex jagħmel dan tana kollox – lilu nnifsu, u ried li jibqa' magħna fl-Ewkaristija. Hemm diversi attitudnijiet u mġibiet li joħorġu mill-imħabba. Impossibbli li nidħlu fihom kollha. San Pawl ġabar il-qofol tal-imħabba, fl-innu tal-imħabba li nsibu fl-ewwel Ittra lill-Korintin 13, 1-8. 13.

Aktar ma temmnu li Alla jħobbkom, aktar tkunu tistgħu tħobbu lil ħaddieħor.

Diskussjoni
- Semmu żewġ affarijiet li għalikom ifissru mħabba.
- Semmu kif tistgħu tħobbu lilkom infuskom u lill-oħrajn.

Araw dan il-klipp flimkien

Il-Ferħ – il-Hena

Il-ferħ (*joy*) huwa differenti mill-kuntentizza (*happiness*). Tista' tkun ferħan u kuntent, tista' wkoll tkun kuntent u mhux ferħan. Il-kuntentizza tiġi minn barra - takkwistaha minn affarijiet oħra. Eż. persuna tkun kuntenta meta tixtri xi ħaġa li ilha tixtieqha, jew meta tixtri/jew taqla' xi ħaġa li hi għal qalbha, jew meta tgħaddi minn xi eżamijiet jew tirnexxi f'biċċa xogħol.

Il-bniedem jista' jkun ferħan, anke jekk ma jkollux dan kollu, għaliex il-ferħ ma jiddependix minn kemm għandek affarijiet imma minn kemm inti għandek relazzjoni tajba ma' Alla. Il-ferħ joktor ġo fik aktar kemm tipprova tgħix ħajtek mill-aħjar li tista' u kemm tipprova tagħmel il-ġid lill-oħrajn anke b'affarijiet żgħar. Il-ferħ jiġi minn ġewwa tal-bniedem.

Il-ferħ huwa *feeling* li tesperjenzawh. Aktar ma tifirħu bil-ġid tal-oħrajn aktar tħossukom ferħanin, għalhekk fejn hemm l-għira m'hemmx ferħ. Aktar ma tużaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħkom għall-ġid tal-oħrajn u mhux biex kulħadd ifaħħarkom, aktar tkunu ferħanin.

Diskussjoni
- Tistgħu ssemmu xi esperjenzi fejn ħassejtukom tassew ferħanin, anke esperjenzi spiritwali?
- Tifirħu bil-ġid tal-oħrajn?

Inkantaw flimkien Salm 30, 11-12

Il-Paċi - is-Sliem

Il-paċi tal-moħħ, fil-qalb u f'ruħkom jiġi minn relazzjoni tajba ma' Alla. Fejn hemm il-ġustizzja hemm il-paċi. Il-ġustizzja u l-paċi ma jinfirdu qatt. Aktar ma titgħallmu tafdaw lil Alla aktar tħossukom fil-paċi.

Eżempju: Sean - adolexxent, kellu ħabib. Kienu ilhom ħbieb mill-*kindergarten*. Darba minnhom, Kenneth, dak li Sean kien iqisu ta' ħabib, beda jxerred ħafna affarijiet kontra Sean. Sean sama'. Iddispjaċih ħafna. Inkedd ħafna, u beka ukoll. Sean għamel ħafna mistoqsijiet f'moħħu, u f'qalbu x'setgħa ġara, imma tweġibiet ma sabx.

Darba minnhom ħassu fil-bżonn li jitkellem ma' Alla dwar din is-sitwazzjoni u lil Ġesù qallu: 'Ġesù ma nafx x'qed jiġri, naf biss li nħossni mweġġa'. Issa jiena sa nħalli din is-sitwazzjoni f'idejk.' Sean beda jinduna li minkejja li kien f'sitwazzjoni iebsa, f'qalbu kellu paċi kbira għaliex ma kienx hu li qala' dan l-inkwiet kollu.

Wara xi sitt xhur ġie Kenneth fuqu u talbu skuża. Ir-relazzjoni ta' bejniethom tbiddlet, imma l-inkwiet naqas sewwa. Sean baqa' fil-paċi tiegħu, u rringrazzja lil Ġesù tal-għajnuna li tah. Sean tgħallem kemm hu importanti li wieħed jitkellem u jafda lil Ġesù. Tgħallem li aktar ma tafda lil Ġesù aktar tikber fik il-paċi u aktar ġġib paċi kull fejn tkun. Fejn hemm is-suppervja m'hemmx post għall-paċi, la fil-moħħ, la fil-qalb u wisq inqas madwarkom.

Diskussjoni

- X'qed tagħmlu sabiex tikbru fil-paċi kemm fikom infuskom kif ukoll madwarkom?
- Kif jisfidakom dan il-kliem? J*ekk tassew tridu tkunu adolexxenti... żgħażagħ ... adulti li tagħmlu differenza fil-ħajja kunu persuni li ġġibu l-paċi. Tafu li madwarna , fis-soċjeta, fid-dinja hawn ħafna uġigħ, mela sfidaw lilkom infuskom itolbu u aħdmu għall-paċi.*
  X'tistgħu tagħmlu minn naħa tagħkom dwar dan?

Attività fil-grupp

Organizzaw quddiesa jew nofsiegħa adorazzjoni bl-intenzjoni għall-paċi madwarna u fid-dinja. L-adolexxenti jorganizzaw il-kant, jaqraw u jikbtu t-talb tal-ġemgħa huma stess, indirizzati kollha lejn it-tema tal-paċi.

Araw u isimgħu din is-song

Is-Sabar/il-Paċenzja

Is-sabar u l-paċenzja huma relatati u fl-istess waqt ftit differenti minn xulxin. Għall-età tagħkom sa nitkellmu aktar minn paċenzja. Spiss nisimgħu l-espressjoni: kulħadd sar bla paċenzja, jew kulħadd mgħaġġel, ħadd m'għandu paċenzja għal ħadd u għal xejn. Lanqas paċenzja magħna nfusna m'għandna.

Li jkollkom paċenzja magħkom infuskom hija importanti ħafna għaliex inkella timtlew bin-nervi u b'ħafna aspettativi li forsi diffiċli taslu għalihom. Kulħadd għandu x-xewqat u l-ħolm tiegħu, imma hemm bżonn li nagħrfu l-limitazzjonijiet tagħna wkoll. Jekk nistgħu negħlbuhom ikun aħjar, imma fejn ma nistgħux, hemm bżonn li naċċettawhom u nieħdu ftit paċenzja bina nfusna.

Fil-ħajja ma jistax ikollna kollox, lanqas ma nistgħu nikbru f'salt, kollox bil-mod, kollox għandu l-pass tiegħu. Sfortunatament ninsabu f'kultura tal-*push-button*, fejn nistennew li kollox jasal għandna kif nagħfsu buttuna elettronika. Imma l-ħajja hija wisq differenti minn hekk.

Meta tħossukom bla paċenzja, jew sa titilfu l-paċenzja, ftakru kemm Alla jieħu paċenzja bikom u bil-bnedmin kollha kull ħin u kull mument. Ftakru ftit: kemm-il darba wegħdtuh li sa tirranġaw xi affarijiet fi kliemkom, fl-imġiba tagħkom, fil-ħajja tagħkom u ma tagħmluhomx. Alla jieħu paċenzja b'kulħadd. Fejn hemm l-imħabba vera hemm il-paċenzja.

Mhux faċli li tkun bniedem paċenzjuz. Irid ikollok ħafna mħabba u ħafna self-control; imma dan mhux impossibbli.

Meta tkunu ftit waħdikom ftakru f'dan: jekk Alla jieħu daqshekk paċenzja bija, jiena għaliex m'għandix nieħu ftit paċenzja bija nnifsi u bl-oħrajn? Taħsbu intom li ħaddieħor ma jiħux paċenzja bikom ukoll? Aħsbu ftit: Mhux aħjar jekk tnaqqsu l-inkwiet u r-rabja, u titgħallmu tkunu paċenzjużi!

Fil-Ktieb tal-Proverbji li nsibu fit-Testment l-Antik insibu miktub hekk:

> *'Min għandu s-sabar [paċenzja] jimxi b'għaqal kbir, min jisbel [jirrabja] malajr bluhat kbar jagħmel.'*

Araw dan il-klipp flimkien

Diskussjoni

- X'laqatkom minn dan il-klipp?

- X'tgħallimtu minnu?
- Issibuha diffiċli sabiex tieħdu paċenzja bikom infuskom u anke bl-oħrajn? Għaliex?

Il-Ħniena

Il-Papa Franġisku ddedika sena sħiħa għall-ħniena sabiex kull wieħed minna nagħrfu kemm Alla jħenn għalina. Aktar ma nagħrfu dan, aktar nikbru fil-ħniena. Li tħennu ma jfissirx li titħassru lill-oħrajn jew lilkom infuskom. Li tħennu jfisser li filwaqt li tafdaw f'Alla, tagħmlu ħilitkom sabiex tirranġaw ħajjitkom għall-aħjar u tgħinu lil ħaddieħor jirranġa ħajtu għall-aħjar.

Storja

Kien hemm wieħed fqir li kien joqgħod viċin xmara. Kien tant fqir li kien kuljum jitlob l-ikel. Kulħadd kien jafu, u bosta kienu jagħtuh xi ħaġa tal-ikel. Imma darba waħda għadda wieħed li kien sejjer jistad. Dan kellu żewġ qażbiet. Sejjaħ lil dak il-fqir u staqsieh: 'inti taf tistad?' Dak wieġbu, 'Le'. Dak ir-raġel, qal lill-fqir, 'ejja ħalli ngħallmek, hekk ma jkollokx għalxiex tittallab il-karità għaliex ikollok ikel kemm trid, u wkoll tista' tibda tbigħ u hekk tibni ħajtek ukoll.' Dak tgħidx kemm feraħ. Tgħallem u ħajtu tbiddlet ħafna. Wara xi ftit xhur dak ir-raġel reġa' għadda minn hemm, ra lil dak li kien fqir jistad. Issa kien libes aħjar u jidher tajjeb. Sellmu lil xulxin, u r-raġel qallu: ' issa li ħajtek sejra għall-aħjar, ħenn għall-oħrajn ukoll. Tinsiex.'

Din l-istorja tista' tiġri f'kuntesti differenti fil-ħajja ta' kuljum.

Il-ħniena hija wkoll marbuta mal-maħfra. Meta niftakru kemm Alla jħenn għalina għaliex m'għandniex inħennu għall-oħrajn? Għaliex għandna niġġieldu fuq kull ħaġa, għaliex m'għandiex naħfru? Għaliex m'għandniex ngħallmu lill-oħrajn sabiex ħajjithom tkun aħjar milli hi? L-għira, is-suppervja u s-sens tat-tpattija jitfu l-ħniena. Jekk tridu li ħaddieħor ikun ħanin magħkom, ħennu għall-oħrajn.

Aktar ma tiftakru kemm Alla huwa ħanin magħkom, aktar tistgħu tħennu għall-oħrajn.

Il-ħniena u l-maħfra jixbhu ħafna lil xulxin. Il-Papa Franġisku spiss nisimgħuh ifakkarna: Alla dejjem lest biex jaħfrilna, Alla dejjem qed jistenniena biex jaħfrilna. Aħsbu ftit: Meta taħfru, mhux qed tiċħdu dak li ġara. L-affarijiet li ġraw mhux ser jinbidlu. Li taħfru mhix faċli, imma meta taħfru bil-verità tiksbu paċi kbira għalikom infuskom. Din ir-realtà tagħtikom ħajja aktar fil-paċi. Ġieli tlabtu maħfra u xi ħadd ħafrilkom? Kif ħassejtukom?

Barra dan, importanti li l-ewwel nett titgħallmu taħfru lilkom infuskom u titgħallmu mill-iżbalji li tagħmlu. Ħennu għalikom infuskom, imbagħad tistgħu tħennu u taħfru lill-oħrajn b'aktar kalma u paċi. Taslu għal dan kollu bil-għajnuna ta' Alla.

Mill-Kelma ta' Alla

> *Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.*
>
> Efes 4, 32

Attività fil-grupp

Tiftakru xi ġrajja jew xi parabbola mill-Evanġelju fejn Ġesù wera' ħniena u/jew maħfra jew għallem dwar dan?

Araw dawn il-klipps flimkien

Diskussjoni
- X'laqatkom minn dan il-klipp? X'tgħallimtu minnu?
- Iddisukutu din is-song – il-kobor u l-isfida tal-maħfra.
- Issibuha bi tqila biex taħfru? Għaliex?
- Ġieli ħfirtu lilkom infuskom?

Diskussjoni
- Ġieli esperjenzajtu ħniena, kemm ħniena spiritwali u kemm fil-ħajja ta' kuljum?
- Bħala adolexxenti kif tistgħu tħennu għall-oħrajn?

It-Tjieba/it-Tjubija
Aktar ma tkun persuna tajba aktar tiżra t-tajjeb madwarek. Li tkun persuna tajba ma jfissirx li tħalli lil kulħadd jagħmel li jrid bik. Bniedem twajjeb ma jfissirx li huwa persuna dgħajfa. Anzi, bil-kuntrarju ta' dan. Li tkun tajjeb ifisser li jkollok karattru sod u b'saħħtu.

Sabiex timmaturaw f'żgħażagħ u adulti tajbin u ġentili hemm bżonn li żżommu relazzjoni tajba ma' Alla speċjalment bit-talb, taqraw il-Kelma ta' Alla, tersqu spiss għas-Sagramenti speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin u tkunu midħla ta' adolexxenti tajbin.

L-għażla tal-ħbieb hija importanti ħafna. Daqskemm jistgħu jgħinukom daqstant ieħor jistgħu

ifixklukom! Żommu qalbkom, għajnejkom u widnejkom indaf milli taraw u tisimgħu affarijiet vjolenti. Agħmlu t-tajjeb u t-tajjeb jirritorna lejkom. Fittxu li dejjem tagħmlu t-tajjeb.

Mill-Kelma ta' Alla

'Tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, fittex is-sliem u imxi warajh.'

Salm 34, 15

Diskussjoni

- X'tifhmu meta tisimgħu il-kliem: persuna tajba?
- Hi diffiċli fis-soċjetà tal-lum li tkun persuna tajba? Għaliex?

Il-Fedeltá/il-Lealtà

Li tkunu leali jfisser li tkun bniedem fidil (*faithful*). Din hija ħaġa ta' min jammiraha. Il-lealtà trid tkun l-ewwel nett lejkom infuskom, u mbagħad sintendi lejn l-oħrajn. Din titfisser kemm fl-imġiba sħiħa fir-relazzjonijiet ta' bejnietkom u kemm f'dak li tagħmlu u tgħidu. Mhix ħaġa impossibbli imma żgur li teħtieġ karattru sod.

Illum il-fedeltà speċjalment bejn il-ħbieb hija ħaġa rari. Meta ssibu ħabib/ħabiba leali/fidila lejkom, ħabib/ħabiba li tistgħu tafdaw dan ikun teżor kbir u għandkom tgħożżuh. L-ewwel nett kunu intom fidili u leali lejkom infuskom. Dan tagħmluh billi tkunu onesti magħkom infuskom. Pereżempju, jekk intom żbaljajtu aċċettaw li għamiltu dan, skużaw ruħkom, tgħallmu mill-iżball u ibqgħu mexjin fil-ħajja tagħkom. Jekk dnibtu morru qerru u mill-ġdid issiru ħbieb ma' Alla. Jekk għamiltu xi żball ma' xi ħadd ippruvaw irranġaw l-affarijiet. Hekk tkunu onesti magħkom infuskom u mal-oħrajn. Anke fit-talenti tagħkom, jekk għandkom talent jew kapaċità f'xi ħaġa użawha. Alla takom dak ir-rigal għalikom infuskom u għall-oħrajn. Li tkun persuna leali jfisser ukoll li tkun kapaċi tgħaddi kumpliment sinċier, mhux tidħak b'dak li jkun.

Kunu leali u fidili – onesti lejn l-oħrajn. Hekk sħabkom jemmnu fikom u jkunu jistgħu jafdawkom. Fejn hemm il-gideb, m'hemmx onestà u wisq inqas fedeltà.

Il-fedeltà tgħinkom tikbru f'ċittadini Nsara onesti, persuni li kulħadd jista' jafda, persuni li taħdmu għall-ġid tas-soċjetà u tal-Knisja. Santa Tereża ta' Kalkutta tgħid: tfittxux li tkunu persuni ta' suċċess imma li tkunu persuni fidili - leali. Ftakru: Alla hu dejjem fidil magħna l-bnedemin. Alla qatt mhu se jidħaq bikom. Li tkunu persuni leali/fidili lejn Alla jfisser li lil Alla tagħtuh il-post li jixraqlu fil-qalb tagħkom u mhux tfittxuh biss meta jkollkom bżonnu.

Mill-Kelma ta' Alla

'Bniedem onest ikollu barka bil-kotra,...'

Prov 28, 20(a)

Diskussjoni

- Taħsbu li llum huwa faċli li ssib ħabib/ħabiba li tistgħu tafdawh/a? Għaliex?
- Fil-ħajja ta' kuljum x'tifhmu biha l-kelma fedelta? Taħsbu li hi ħaġa iebsa li persuna tkun onesta u leali?
- X'tippreferu li tkunu persuni ta' suċċess jew persuni leali?
- Tistgħu tkunu persuni ta' suċċess u persuni leali. Din hija sfida imma possibbli li tiġri. Agħtu xi eżempji.

Il-Ħlewwa/il-Ġentilezza

Persuna li għandna karattru sod turi dan daqskemm tkun ġentili. Ġentili fil-ħsieb, fil-kliem u fl-imġiba. Il-proverbju Malti jgħid: 'Bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba'. Il-persuna goffa

nkwiet iġġib. Il-bniedem goff ħafna drabi jkun il-bniedem beżżiegħi u insigur, imma l-bniedem ġentili huwa bniedem b'karattru sod u edukat li juri dan fi kliemu u fl-imġiba mal-oħrajn. Il-persuna ġentili tqis kliemha u tqis ukoll il-ġesti li tagħmel għaliex dawn ukoll jistgħu jfissru ħafna. Kull wieħed u waħda minna hu fraġli, mela bħalma tridu li ħaddieħor ikun ġentili magħkom, tajjeb ukoll li tkunu intom mal-oħrajn.

Min hu ġentili miegħu nnifsu jirrispetta lilu nnifsu, u anke lill-oħrajn, kull fejn ikun u bla ebda distinzzjoni. Il-ġentilezza titlob ħafna kontroll fuq l-emozzjonijiet tal-persuna speċjalment f'mumenti diffiċli. Il-persuna li tkun goffa fil-kliem u fl-imġiba, anke jekk ikollha raġun, hi dejjem telliefa. Il-persuna li tuża' l-ħlewwa hi dejjem rebbieħa.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Tweġiba ħelwa ttaffi l-korla, kelma iebsa tqajjem l-għadab* [rabja, inkwiet, ġlied].'
>
> Prov 15, 1

> *'Fakkarhom biex ... ma jkasbru 'l ħadd, jaħarbu t-tilwim, ikunu umli, jimxu bil-ħlewwa ma' kulħadd.'*
>
> Titu 3, 2(b)

Il-ġrajja ta' Ġesù u l-adultera mill-Evanġelju skont San Ġwann 8, 1-11.

Diskussjoni

- Fejn taraw il-ġentilezza ta' Ġesù?
- X'tgħallimtu minn dan li jista' jiswielkom għall-ħajjitkom?
- Kif tistgħu turu ħlewwa, ġentilezza magħkom infuskom u mbagħad mal-oħrajn?
- Tistgħu taqsmu mal-grupp xi esperjenza fejn xi ħadd kien ġentili magħkom? X'tgħallimtu minn din l-esperjenza?
- Għaliex il-bniedem goff hu dejjem tellief?

Ir-Rażan – *Self-Control* (Temperanza)

Immaġina persuna sportiva. Biex tasal għall-għan tagħha trid tagħmel ħafna sagrifiċċji. Trid titrenja kuljum. Irid ikollha ħafna dixxiplina fuq diversi affarijiet. Trid tkun persuna li jkollha ħafna *self-control* - ħafna rażan, fil-ħajja tagħha.

Dan ma jgħoddx għall-isportivi biss. Jgħodd għal kulħadd. Li trażżan lilek innifsek ifisser li tkun

kapaċi tgħid le meta għandek tgħid le; aktar u aktar meta hemm ir-rispett tiegħek innifsek fin-nofs u anke tal-oħrajn.

Ġieli jiġri li bniedem jibda jagħmel xi ħaġa bi ħsieb tajjeb imma fil-proċess tiġri xi ħaġa u l-affarijiet ma jimxux sewwa. Hawn min iwebbes rasu u jkompli miexi, hawn min hu bil-għaqal u jieqaf. Il-kapaċità li tagħraf tieqaf meta ħaġa mhix tajba la għalik u lanqas għall-oħrajn turi maturità kbira u turi rażan (*self-control*) kbir.

Anke meta tkun qed tagħmel ħaġa tajba, ġieli jkun meħtieġ ir-rażan. Jista' jkun li dik il-ħaġa hi tajba għalik imma biha jista' jkun li qed iddejjaq lil ħaddieħor. Eż. wieħed jixtieq jiċċelebra billi joqgħod jisma' l-mużika. Dan ma fih xejn ħażin imma trid tqis li l-mużika tismagħha inti biss, mhux tweġġa' ras jew qalb ħaddieħor li forsi ma jistax jiċċelebra bħalek.

Minbarra dan niftakru li r-rażan, is-*self-control* ibegħedkom minn kull forma ta' addiction. Jekk ħaġa tkun kapaċi tikkontrollaha mill-bidu, qatt ma ssir *addicted* għaliha. Dan jgħodd kemm jekk tkun ħaġa tajba u kemm jekk tkun xi ħaġa li bdiet b'intenzjoni tajba, imma l-proċess u l-konsegwenzi aħħarin huma ħżiena.

Ftit ideat sabiex wieħed jikber fir-rażan (*self-control*)

- Ara sew xi trid fil-ħajja tiegħek.
- Agħmel set ta' regolamenti /valuri/prinċipji tajbin sabiex jgħinuk f'ħajtek. Żommhom bħala l-mappa – il-*guidelines* ta' ħajtek.
- Kun kapaċi tisfida lilek innifsek - fejn hemm bżonn tgħid le, għid le. Agħmel dan mhux b'suppervja, imma b'sens ta' kontroll.
- Aħseb ftit fil-konsegwenzi jekk inti ma tikkontrollax lilek innifsek. Eż. jekk ma tikkontrollax ilsienek jew ir-rabja tiegħek jew xi emozzjonijiet oħra... x'jista' jiġri...x'konsegwenzi jista' jkun hemm?
- Ipprattika kemm tista' *self-control* f'ħajtek.
- Itlob lil Alla jgħinek.

Dan kollu joffri garanzija ċara li ħajtek u madwarek jinbidlu għall-aħjar.

Mill-Kelma ta' Alla

Min irażżan fommu u lsienu, iħares mill-għawġ lilu nnifsu.

Prov 12, 23

Jekk tixtieq aktar imħabba, ħniena, tjubija, u ħlewwa/ġentilezza dan kollu b'doża tajba ta' paċenzja u tkun persuna li tixtieq is-sliem, u l-paċi aktar irid ikollok rażan – self-control fuqek innifsek.

Diskussjoni

- X'laqatkom l-aktar dwar ir-rażan/*self-control*?
- Taħsbu li llum għadu moda s-self-control?
- Tħossuħ diffiċli li tipprattikawh?

Sfida

Matul din il-ġimgħa sibu wieħed jew aktar minn dawn il-frott tal-Ispirtu u pprattikawh kemm tistgħu magħkom infuskom u mal-oħrajn.

Inkantaw u nitolbu flimkien



Djarju
Fid-djarju tiegħek ikteb/pinġi liema wieħed minn dan il-frott tal-Ispirtu tixtieq tipprattikah aktar. Jekk hemm xi wieħed li diġa qed tipprattikah ħafna ikteb/pinġi kif dan qed isir u kif ħajtek qed isir aħjar għax tipprattikah.

Katekeżi Familja
Aqraw fil-familja:

> *'Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi. Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar. Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għedtilkom. Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija.'*
>
> Ġw 15, 1-3

Mulej Ġesù bierek lill-familja tagħna. Għinna nibqgħu nżommu lilek bħala l-aqwa ħabib tagħna. Marija Omm Ġesù ħu ħsieb il-familja tagħna. Ammen.

Kapitlu 2
L-ISPIRTU S-SANTU FIL-ĦAJJA TAGĦNA
Tema 3
IL-KARIŻMI TAL-ISPIRTU S-SANTU GĦAS-SERVIZZ TAL-UMANITÀ

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru x'nifhmu b'kariżmi tal-Ispirtu s-Santu; jiskopru kemm dawn hemm bżonn li jiżviluppawhom għall-ġid tagħhom stess, għall-ġid tas-soċjetà u tal-Knisja.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
- Ġieli smajtu bil-kelma kariżma jew kariżmi?
- X'taħsbu li tfisser?

Il-Konnessjoni bejn id-doni, il-frott u l-kariżmi tal-Ispirtu s-Santu
Il-kelma kariżma nistgħu nqabbluha mal-kelma talent. Rigal li l-Ispirtu Qaddis ta' Alla jagħti lil kull bniedem sabiex jużah għas-servizz tal-oħrajn - tal-komunità u għall-ħolqien kollu.

Tliet Pilastri Importanti f'Ħajjitkom

- **Id-doni tal-Ispirtu s-Santu** huma **bħal kumpanji li jimxu magħkom matul ħajjitkom** kollha. Huma jagħtukom l-enerġija umana-nisranija li għandkom bżonn sabiex tgħixu ħajjitkom bis-sħiħ.

- **Il-frott tal-Ispirtu s-Santu** jgħinkom **tibnu l-karattru** tagħkom sabiex tgħixu ħajja umana-nisranija kif inhu xieraq. Il-frott tal-Ispirtu s-Santu huwa mmudellat fuq il-ħajja, il-karattru, il-valuri u l-attitudnijiet ta' Ġesù Kristu.

- **Il-kariżmi tal-Ispirtu s-Santu** huma rigali mogħtija lil kull bnidem **għas-servizz tal-komunità**. Kull bniedem għandu waħda jew aktar minn dawn il-kariżmi. Kull persuna hija msejħa sabiex tagħti servizz lill-umanità. Għan-Nisrani li jemmen dan is-servizz jiġi mogħti fi Kristu, bi Kristu u ma' Kristu-

Għalhekk:
- **Id-Doni** jgħinukom tgħixu ħajja tajba f'relazzjoni ma' Alla u sintendi mal-bnedmin.
- **Il-Frott tal-Ispirtu** għandhom x'jaqsmu mal-bini tal-karattru tagħkom,
- **Il-Kariżmi** huma għas-servizz tal-komunità u l-ħolqien kollu.

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Aħna għandna doni differenti skond il-grazzja li Alla tana; jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skond il-qjies tal-fidi; jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu; min għandu d-don tat-tagħlim, ħa jgħallem; min id-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim, ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don tal-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ.'*
>
> Rum 12, 6-8

Diskussjoni

- Tistgħu tidentifikaw is-seba' kariżmi li kiteb San Pawl f'din is-silta li qrajtu?
- Kull kariżma imsemmija f'dan il-qari, San Pawl kif jixtieq li tintuża għas-servizz tal-oħrajn?

Niskopru dawn il-kariżmi u kif nistgħu nużawhom għall-ġid tal-komunità/soċjetà

Il-Kariżma tal-Profezija

Li tkun profeta ma jfissirx li tara l-futur. Il-profeta mhux saħħar. Il-profeta huwa dak li jara s-sitwazzjoni kif tkun fil-preżent, jitlob l-għajnuna ta' Alla sabiex jurih x'għandu jagħmel dwarha, imbagħad dak li jiddeċiedi li jagħmel irid ikun ta' ġid għalih u għall-komunità. Il-profeta qatt mhu persuna egoist - jaħseb għalih biss, anzi l-profeta huwa dak li jaħseb ħafna fl-oħrajn.

Il-Kariżma tal-Ministeru

Din il-kariżma tfisser persuna li dejjem lest li jaqdi lill-oħrajn. Fil-ħajja ta' kuljum dan jista' jintwera b'diversi modi u manjieri. Pereżempju: b'kelma tajba, kelma li turi li qed taċċetta lill-oħrajn. Jintwera wkoll b'imġiba li wieħed jaċċetta lill-oħrajn, jinkludihom f'dak li qed jagħmel, jagħtihom l-għajnuna meħtieġa, bħal meta adolexxent/żgħażugħ u anke adult mhux biss imur jara lil xi anzjan imma joqgħod ftit ħdejh ikellmu, jisimgħu u jidħol f'konverżazzjoni li tgħin lill-anzjan iħossu welcomed. Mhux biss l-anzjani imma wkoll adolexxenti bejnietkom. Li persuna jħossu aċċettat, stmat, integrat fl-affarijiet, dan huwa qadi kbir bejn xulxin. Anke meta tgħaddu kumpliment sinċier lil xulxin, tkunu qed taqdu lil xulxin - tkunu qed turu rispett u mħabba. Bħal dawn hemm diversi affarijiet li bħala adolexxenti tistgħu tagħmluhom b'modi u manjieri diversi inkluż billi titolbu mal-oħrajn u għall-oħrajn ta' kull età u ta' kull razza u kultura. Min tassew ifittex li jaqdi lill-oħrajn ma jfittixx li jkun moqdi hu l-ewwel, anzi ħafna drabi jaqdi lill-oħrajn u jinsa lilu nnifsu.

Il-kariżma ta' Għalliem

Li wieħed jgħallem bil-kliem u bl-eżempju jista' jagħmlu kulħadd. Imma biex tkun għalliem tassew trid tkun taf tħobb u tħobb lil kulħadd bla ebda distinzjoni. Il-kariżma ta' għalliem tintwera meta dak li jgħallem ikun bniedem umli. Min hu supperv u jaħseb li jaf kollox ma jistax jgħallem lill-oħrajn. Il-kariżma li tah l-Ispirtu Qaddis ta' Alla, ma jkunx qed jużaha tajjeb ghaliex ikun supperv. Ftit jew wisq kull imgħammed għandu din il-kariżma għaliex kulħadd għandu xi ħaġa x'jgħallem lill-oħrajn imma mbagħad insibu persuni li flimkien mal-kariżma għandhom kapaċità kbira li jgħallmu lill-oħrajn. Dawn il-persuni jagħtu servizz kbir lis-soċjetà u lill-Knisja.

Il-Kariżma li wieħed Iħeġġeġ lill-oħrajn

Din il-kariżma toffri servizz importanti ħafna fil-komunità għaliex toffri ħafna tama u inkuraġġiment lill-oħrajn, speċjalment meta xi ħadd ikun għaddej minn żmien diffiċli. Hawn min jaf jaqta' qalb in-nies u fortunatament hawn min bil-għajnuna ta' Alla kapaċi jagħmlilhom ħafna kuraġġ u jgħinhom meta jkunu għaddejjin minn xi żmien diffiċli. Nies hekk huma rigal mill-Mulej. Meta wieħed ikollu l-kariżma tat-tħeġġiġ, tindunaw biha għaliex ikun bniedem li jaf jifhem is-sitwazzjoni, jagħder, imma fl-istess waqt jagħmilek kuraġġ, jitlob għalik u jimxi

miegħek sabiex fil-ħajja inti tkompli miexi bla ma taqta' qalbek. Hafna drabi dawn il-persuni jkunu nies ta' talb u ta' fidi kbira.

Il-Kariżma ta' Kontributur

Din il-kariżma titwettaq meta persuna tkun kapaċi tqassam il-karità u l-għajnuna lill-oħrajn. Dan ikun bniedem li jemmen li Alla jipprovdi lil kulħadd. Hawn ħafna li għandhom din il-kariżma. Uħud huma magħrufin imma bosta oħrajn jaħdmu fis-skiet bla ma ħadd jaf bihom. Huma jagħmlu u jagħtu ħafna karità u jaraw minn fejn sa jġibu l-affarijiet sabiex iqassmuhom lill-oħrajn. Il-kontributur huwa bniedem li jafda f'Alla, kapaċi jikkomunika b'ħafna mħabba mal-oħrajn u wkoll huwa bniedem li lest li jagħmel kull sagrifiċċju għall-oħrajn. F'pajjiżna għandna ħafna minn dawn il-voluntiera f'kull qasam tas-soċjetà.

Il-kariżma tal-*Leadership* – l-Awtorità fuq l-oħrajn

Din il-kariżma għandha x'taqsam mal-*leadership*. Mhux kulħadd huwa msejjaħ biex ikun *leader*. Il-*leader* ta' veru għandu viżjoni, jaf jaqsamha mal-oħrajn u jaf li mingħajr in-nies ma jistax jaħdem. Il-*leader* ma jeskludi lil ħadd għax jaf li kull persuna tista' tkun utli għall-viżjoni li għandu. Il-*leader* Nisrani jfassal din il-viżjoni fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu u meta jkun sa jwettaqha mal-oħrajn jibqa' jżomm il-valuri u t-tagħlim ta' Ġesù Kristu f'qalbu u fil-ħidma tiegħu. Il-*leader* tassew, l-ewwel irid jimxi hu wara Ġesù Kristu imbagħad ikun jista' jmexxi lill-oħrajn u hekk ikun jista' jmexxi l-viżjoni li jkollu, anke jekk din il-viżjoni ma tkunx reliġjuża imma tkun soċjali, it-tagħlim u l-valuri ta' Ġesù Kristu jkunu minsuġin fiha. Kemm għall-Knisja kif ukoll għas-soċjetà l-*leadership* huwa servizz kbir għall-komunità.

Is-suppervi u l-arrogranti qatt ma jistgħu jkunu *leaders*, jew aħjar *leaders* tajbin għaliex huma jaħsbu li m'għandhom bżonn ħadd. *Leader* tajjeb jaf jaħdem mal-oħrajn għall-oħrajn. *Leader* tajjeb jinkludi lill-oħrajn u jiddiskuti mal-oħrajn. Min ma jafx jisma' lill-oħrajn mhux *leader* tajjeb. *Leader* tajjeb ma jfittixx li hu jkun moqdi, imma li jaqdi lill-oħrajn bħalma għamel Ġesù Kristu li huwa l-aqwa *leader*.

Il-Kariżma tal-Ħniena: Bniedem li kapaċi jħenn (il-ħniena u l-maħfra jimxu flimkien)

Din il-kariżma hija partikulari. Alla jagħtiha lil kulħadd imma mhux kulħadd kapaċi jużaha. Mhux kulħadd hu kapaċi li jħenn u sintendi li jaħfer u jagħmel dan bil-ferħ. Li kieku kien hekk, il-familja, il-komunità, is-soċjetà, id-dinja kienet tkun ferm aħjar. Kienet tkun post ta' paċi u ferħ, kif jixtieqha li tkun il-Mulej. Il-kariżma tal-ħniena nistgħu nipprattikawha bis-sħiħ fis-seba' Opri tal-Ħniena kemm dawk li jmissu l-ġisem u anke dawk li jmissu r-ruħ.

Kulħadd jixtieq li jirċevi ħniena u maħfra, imma mhux kulħadd hu kapaċi li jagħtihom u jagħtihom bil-ferħ. Dan il-ferħ jiġi biss minn relazzjoni tajba ma' Alla. Għalhekk biex wieħed juża din il-kariżma irid ikun bniedem li kontinwament iżomm relazzjoni tajba ma' Alla. Li persuna tħenn u taħfer huwa servizz li juri mħabba fl-azzjoni.

Araw dawn il-klipps



Diskussjoni

- X'laqatakom minn dawn il-klipps?
- X'konnessjoni għandhom dawn il-klipps mat-tema tal-kariżmi?
- X'tgħallimtu minnhom?

Attivitá fil-grupp

Attività 1
Flimkien bħala grupp wieħed jew gruppi żgħar sibu mill-Evanġelji fejn Ġesù kellu dawn il-kariżmi u użahom għall-ġid tal-komunità li fiha kien jgħix, inkluż mal-appostli tiegħu.

Attività 2
Studjaw sewwa dawn il-kariżmi u araw kull wieħed u waħda minnkom liema għandkom minnhom. Jista' jkollkom aktar minn kariżma waħda. Iktbu jew pinġu kif qed tużaw dawn il-kariżmi u kif tistgħu tużawhom fil-futur fil-gruppi li tiffrekwentaw (inkluż mal-ħbieb tagħkom), fl-iskola, fil-parroċċa, fil-komunita li minnha tagħmlu parti (inkluż fil-familja tagħkom, anke fil-gruppi tal-isports, żfin, arti, drama...il-gruppi u l-attivitajiet li tiffrekwentaw).

Tistgħu żżommu l-kitba/tpinġija fil-kamra tal-laqgħat tagħkom tal-katekeżi. Tistgħu tagħmlu poster bihom.

Wara li tlestuhom tkun ħaġa sabiħa li tagħmlu nofs siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat sabiex waqt it-talb tagħkom bħala grupp taqrawhom bħala talba, toffruhom lil Ġesù u titolbuh jgħinkom twettquhom f'ħajjitkom.

Ħuduha bħala sfida li twettqu dawn il-kariżmi. Kull persuna tista' tagħmel differenza madwarha, fil-komunità u fil-ħolqien. Dawn il-kariżmi jgħinu sabiex inħallu d-dinja ftit aħjar milli sibniha.

Naraw flimkien dan il-klipp
(fuq il-*pendrive*)

Il-kariżmi tal-Ispirtu s-Santu fil-ħajja ta' kuljum

Diskussjoni
- X'jidhrilkom minn dan il-klipp?
- X'inhi l-aktar ħaġa li laqtitkom f'dan il-klipp? Għaliex?
- X'tgħallimtu minnu?

Sfida
Matul din il-ġimgħa fittex fik innifsek liema huma l-kariżmi li l-Ispirtu Qaddis ta' Alla qiegħed jagħtik sabiex bihom taqdi lill-komunità. Ipprova użahom mill-aħjar li tistà. Itlob lil Alla jgħinnek.

Inkantaw u nitolbu flimkien

Djarju
Fid-djarju tiegħek ikteb/pinġi kif qed tuża' l-kariżmi li tak Alla għall-ġid tal-komunità. Ikteb/pinġi talba lill-Ispirtu s-Santu sabiex ikompli jgħinek matul ħajtek ħalli dawn il-kariżmi tużahom tajjeb.

Katekeżi Familja
Siltiet meħudin mill- Amoris Laetitia: Il-Ferħ tal-Imħabba, tal-Papa Franġisku (2016) biex jinqraw fil-famija:

Jekk naċċettaw li l-imħabba ta' Alla hi bla kundizzjonijiet, li l-għożża li għandu l-Missier għalina la tinxtara u lanqas tħallas għaliha, allura nkunu nistgħu nħobbu lil hemm minn kull ħaġa, naħfru lill-oħrajn imqar meta kienu inġusti magħna.

Amoris Laetitia, 108

Il-familja hi msejħa taqsam flimkien it-talb ta' kuljum, il-qari tal-Kelma ta' Alla u l-komunjoni Ewkaristika biex tisseddaq fl-imħabba u tinbidel dejjem iżjed f'tempju fejn jgħammar l-Ispirtu.

Amoris Laetita, 29

Kapitlu 3
IL-VERITÀ FL-IMHABBA; L-IMHABBA BIL-VERITÀ
Tema 1
L-GHEJJUN TAL-VERITÀ SABIEX FUQHOM INFASSLU L-IMĠIEBA TAGHNA BHALA PERSUNI NSARA

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru l-għejjun li minnhom jitgħallmu jisiltu l-verità għall-imġiba tagħhom (il-morali) bħala persuni Nsara fil-ħajja ta' kuljum, jiġifieri għejjun li jgħinuhom jiskopru dik il-verità li fuqha jibnu l-karattru, jagħmlu d-deċiżjonijiet u l-għażliet tagħhom.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
X'tifhmu bil-kelma morali?
Minn fejn taħsbu li nistgħu nitgħallmu l-verita morali?
X'taħsbu li huma dawn l-għejjun (sorsi) li fuqhom tistgħu tfasslu l-imġiba tagħkom bħala persuni Nsara?

Tifsira tal-Kelma Morali

Il-kelma morali ġejja mill-kelma bil-latin moralis li tfisser set ta' prinċipji li jigwidaw l-imġiba tal-persuna sabiex din tagħmel it-tajjeb.

Għalhekk il-morali hija relatata mal-karattru, mal-għażliet li persuna tagħmel, u sintendi mal-imġiba tal-persuna.

Meta nitkellmu minn morali Nisranija, nifhmu li l-imġiba tagħna u d-deċiżjonijiet li nagħmlu jkunu bbażati fuq veritajiet - fuq tagħlim li jiġi mwassal lilna minn sorsi (għejjun) li nistgħu noqogħdu fuqhom, u mhux fuq dak li l-aktar huwa popolari, fuq dak li l-aktar li huwa ħafif u li jaqbel lilna, fuq dak li huwa l-aktar sensazzjonali. Biex ngħixu ħajja morali tajba għandna ħafna bżonn tal-Ispirtu Qaddis ta' Alla – L-Ispirtu s-Santu.

L-Għejjun tal-verità morali

- Importanti li nifhmu li l-**għajn ta' kull verità morali tinsab u tiġi minn Alla.** Għalhekk aktar ma nżommu relazzjoni tajba ma' Alla aktar nagħrfu l-verità kemm bir-raġuni tagħna u kemm fil-qalb tagħna.

- Alla wassal din il-verità lilna permezz tal-Iskrittura. Imbagħad permezz ta' Ġesù Kristu u permezz tal-Knisja jiġifieri permezz tat-tagħlim tagħha li għadu jiġġedded sal-lum. F'dan it-tagħlim insibu ukoll miġbura aktar minn elfejn sena ta' Tradizzjoni – ta' tagħlim.

- Dak li jgħallimna Alla, permezz tal-liġi tiegħu li nsibuha fil-**Kmandamenti**, dak **li jgħallimna Ġesù Kristu li nsibuh fl-Evanġelju, u dak li tgħallimna l-Knisja** jgħinukom tibnu, jiġifieri tiffurmaw u żżommu aġġornata l-kuxjenza tagħkom.

- Niftakru li Ġesù bit-tagħlim tiegħu ma ġiex biex ifarrak dak li nsibu fil-Bibbja fit-Testment l-Antik imma ġie sabiex jipperfezzjonah – jiġifieri sabiex jgħinna nifhmuh aħjar ħalli l-prioritajiet u l-għanijiet tagħna jkunu ċari. Pereżempju, fit-Testment l-Antik insibu *Għajn għal għajn u sinna għal sinna*, imma Ġesù jgħallimna: *Ħobb lil Alla u lil għajrek bħalek nnifsek, dan huwa l-ewwel u l-aqwa kmandament* (ara Mt 5, 38-42). Ġesù jgħallimna li l-liġi mingħajr l-imħabba mhi xejn ħlief set ta' regoli biss. Meta dawn ir-regoli u liġijiet ikunu miktubin u maħsubin sabiex ikunu ta' ġid għall-bndemin, in-nies josservawhom aħjar għaliex jafu li dan hu għal ġid tagħhom.

- It-tagħlim tal-Knisja Kattolika jasal għandna permezz tal-Maġisteru, jiġifieri permezz tal-Papa u tal-Isqfijiet. Dan it-tagħlim jieħu ħafna snin ta' studju fejn bosta nies esperti anke lajċi jiġu kkonsultati sabiex jagħtu l-aħjar pariri ħalli dak li joħroġ ikun ibbażat fuq il-Kelma ta' Alla, fuq it-tagħlim ta' Ġesù Kristu, jirrispetta t-Tradizzjoni tal-Knisja, u jirrispetta wkoll il-ħtiġijiet tal-bnedemin fil-kulturi u l-bżonnijiet tal-lum.

- Flimkien ma' dan hemm dik li nsejħula l-**Liġi Naturali**. San Tumas ta' Aquino kien Patri Dumnikan ta' għerf kbir u studjuż kbir speċjalment fit-teoloġija. Huwa twieled madwar is-sena 1225 u miet fis-7 ta' Marzu 1274. San Tumas kiteb dwar il-Liġi Naturali. Huwa jgħidilna li Alla poġġa fil-moħħ (raġuni) u fil-qalb tal-bniedem din il-Liġi Naturali sabiex kull bniedem jagħmel ħiltu li jagħmel it-tajjeb, ifittex it-tajjeb u jevita l-ħażin. Huwa jgħidilna ukoll li minbarra l-Liġi Naturali l-bniedem għandu bżonn ifittex għejjun oħra li jipprovdu l-verità ħalli jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin. B'hekk ikun jista' jagħmel għażliet tajbin f'ħajtu. Din il-Liġi Naturali, Alla ta lill-bnedmin kollha ta' kull razza, reliġjon u kulur. Hija ħaġa universali mogħtija lil kulħadd.

  Biex nifhmu aħjar nġibu żewġ eżempji:
  1. Tifel ċkejken li għadu ma bediex jitgħallem, meta jagħmel ħaġa tajba jagħraf li jkun għamel hekk. L-istess meta jagħmel xi ħaġa li mhix daqstant tajba, ikun jaf ukoll.

  2. Persuni li jgħixu f'postijiet primittivi fejn m'hemmx tagħlim, bir-raġuni tagħhom, u anke f'qalbhom, jagħrfu x'inhu t-tajjeb u x'inhu l-ħażin kemm għalihom nfushom u kif ukoll għan-nies ta' madwarhom.

- Kemm fl-ewwel kif ukoll fit-tieni eżempju naraw il-Liġi Naturali li Alla jagħti lill-bnedmin kollha. Fl-ewwel eżempju naraw li t-tifel għadu żgħir biex jitgħallem, u fit-tieni eżempju ninnotaw li dawn in-nies m'għandhomx fejn jitgħallmu, imma xorta jistgħu jagħmlu l-għażliet tagħhom.

- Imma min għandu l-opportunità li jitgħallem, minbarra l-Liġi Naturali għandu għejjun oħra min fejn jitgħallem il-verità, fejn jitgħallem jagħmel it-tajjeb u jevita l-ħażin. Hekk ikun jista' jagħmel għażliet tajbin

- L-għejjun tal-verità morali għalina l-Insara huma:
  - Alla.

- Il-Bibbja, li fiha nsibu l-Għaxar Kmandmenti.
- Ġesù Kristu – fit-tagħlim tiegħu li nsibu fl-Evanġelju,
- It-tagħlim tal-Knisja li huwa bbażat fuq l-Iskrittura u fuq t-Tradizzjoni, inkluz l-ittri u l-kitbiet li nsibu fit-Testment il-Ġdid bħal l-Ittri ta' San Pawl, ta' San Ġakbu eċċ.
- Fil-Liġi Naturali li Alla ta lil kull bniedem fil-qalb u fir-raġuni tiegħu.

- Fil-ħajja ta' kuljum insibu persuni importanti fil-ħajja tagħna li jgħinuna nifhmu aħjar dan it-tagħlim li nsibu f'dawn l-għejjun ta' verità. Dawn il-persuni jinkludu: nies fil-familja tagħna li juruna x'inhu t-tajjeb u x'inhu ħażin, u għalhekk tajjeb li jikkoreġuna fejn hemm bżonn, u li aħna naċċettaw din il-korrezzjoni għaliex hija ta' ġid għalina; hemm l-għalliema, il-katekisti, hemm ukoll ħbieb tajbin li dawn għax jixtiqulna l-ġid juruna fejn inkunu qed niżbaljaw u jinkoraġġuna fit-tajjeb li nkunu qed nagħmlu. Hemm ukoll il-gruppi ta' formazzjoni Nisranija li jgħinuna nżommu relazzjoni tajba ma'Alla, jgħinuna nifhmu t-tagħlim sabiex inkunu persuni Nsara aktar sħaħ.

- Dawn l-għejjun tal-verità jgħinuna niffurmaw u nżommu aġġornata l-kuxjenza tagħna. (niddiskutu l-kuxjenza fit-tema li jmiss).

- It-talb personali, li nersqu għas-Sagramenti speċjalment il-Qrar u t-Tqarbin jgħinuna u jsostnuna ħafna sabiex ngħixu tajjeb il-ħajja morali tagħna Nisranija. Permezz tal-Qrar inkunu qed naraw fejn qed niżbaljaw sabiex nikkoreġuh u permezz tat-Tqarbin, Ġesù li nirċevuh ġewwa fina jagħtina l-għajnuna kollha sabiex ngħixu ta' persuni Nsara fis-soċjetà tal-lum.

Attività fil-grupp

Case-studies
Nota għall-katekist/a: Dawn il-każijiet huma bbażati fuq il-mistoqsija ipotetika li titlaq mill-kunċett 'li kieku...'
Il-għan tagħhom huwa li mhux biss nħarġu lill-adolexxenti jagħmlu l-għażliet/id-deċiżjonjiet tagħhom, imma wkoll li **jagħtu r-raġuni/raġunijiet** għat-tweġibiet/għażliet/deċiżjonijiet tagħhom.

Iddiskutu kull każ bħala grupp sħiħ, jew fi gruppi żgħar.

- Li kieku wieħed/waħda minn sħabek fil-klassi li hi/hu ħabib tiegħek ukoll jurik il-***composition*** li għamel. Inti tara li ma tantx hi tajba, u fiha ħafna żbalji. Tinduna li biex iġib marka tajba jrid jirranġa ħafna affarijiet. Kieku inti x'tagħmel, tgħidilna/tgħidlu b'dan kollu? Jekk iva, għaliex? Jekk le, għaliex?

- Li kieku inti tmur tixtri u tal-ħanut jagħtik Euro żejda fil-bqija, x'tagħmel, tgħidlu? Għaliex tgħidlu, jew għaliex ma tgħidlux?

- Li kieku tkun mal-ħbieb u jibdew iwaqqgħu għaċ-ċajt lil xi persuna li inti tafha u li mhix fil-grupp tagħkom, inti x'tagħmel?

- Li kieku omm l-akbar ħabib/ħabiba tiegħek issaqsik jekk inti mortx mat-tifel/tifla tagħha tixtri l-Belt, u inti taf li ma mortux il-Belt imma mortu post ieħor, x'kont tweġibha? Għaliex kont tweġibha hekk?

- Li kieku waħda/wieħed mill-ħbieb tiegħek jistiednek għandu/għandha u jgħidlek tgħid lil tad-dar li se tkunu tistudjaw flimkien imma fil-fatt tkunu se tiltaqgħu l-ħbieb kollha għandu/ għandha sabiex tilagħbu bil-*play station* u taraw xi film ukoll. Kieku inti kif tiddilja ma'

tad-dar? Kieku inti tmur jew ma tmurx għand dan il-ħabib/ħabiba? Jekk tmur meta tiltaqa' ma' sħabek kif tħossok? Għaliex? Jekk ma tmurx kif tħossok? Għaliex?

Mill-Kelma ta' Alla

> *'Smajtu x'intqal, 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna.' Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll; u lil min ikun irid itellgħek il-qorti u jeħodlok il-libsa, ħallilu wkoll il-mantar. U jekk xi ħadd iġagħlek timxi miegħu mil wieħed, mur miegħu tnejn. Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min ikun irid jissellef mingħandek.'*
>
> Mt 5, 38-41

Diskussjoni

- Kif tħarsu lejh dan it-tagħlim ta' Ġesù?
- X'qed jitlob mill-persuna Nisranija Ġesù?
- Minn dan it-tagħlim li qrajna fl-Evanġelju kif taraw li Ġesù ma ġiex biex iħassar l-liġi antika imma biex jipperfezzjonaha – jagħmilha aħjar milli kienet?
- Ġesù kif qed jisfidana b'dan it-tagħlim f'dan il-qari?
- Minn dan it-tagħlim, kif naraw li Ġesù jixtieq li tkun l-imġiba morali tal-persuna Nisranija?

Tagħlim tal-Knisja Kattolika

Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 2030-2040

Sfida

Matul il-ġimgħa li ġejja agħmel ħiltek li ma tiħux għalik anzi li taċċetta l-korrezzjoni meta xi ħadd jikkoreġik minħabba xi ħaġa mhux daqstant tajba li tkun għamilt. Ftakar li dan jagħmluh għaliex jixtiequlek il-ġid.

Inkantaw u nitolbu flimkien

Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb/pinġi kif tħossok meta inti tiġbed l-attenzjoni ta' xi ħadd mill-ħbieb tiegħek li jkunu qed jagħmlu xi ħaġa mhux daqstant tajba. Ikteb/pinġi talba ta' ringrazzjament lil Ġesù talli f'ħajtek għandek nies li tant iħobbu li jikkoreġuk.

> *'Ibni, ħares kliemi u żomm ġo fik il-kmandamenti tiegħi. Ħares il-kmandamenti tiegħi u jkollok il-ħajja. Ibni, għożż tagħlimi bħal ħabbet għajnek. Min jikseb id-dehen iħobb lilu nnifsu, min jgħożż l-għaqal ikollu r-riżq.'*
>
> Prov 7, 2-3 u 19, 8

Talba fil-familja

Mulej, għinna sabiex nagħrfu t-tajjeb mill-ħażin, eħlisna mill-ħażen bierek lill-familja tagħna u għinna nagħmlu t-tajjeb ma' kulħadd. Grazzi Mulej. Infaħħruk O Mulej.

Kapitlu 3
IL-VERITÀ FL-IMHABBA; L-IMHABBA BIL-VERITÀ
Tema 2
NISKOPRU U NRAWMU L-KUXJENZA

Nibdew il-laqgħa b'talba

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru x'inhi l-kuxjenza, kif jistgħu jiffurmawha u jżommuha nfurmata.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' esperjenzi
- X'tifhmu bil-kelma kuxjenza?
- Għaliex hi importanti f'ħajjitna l-kuxjenza?
- Kif taħsbu li nistgħu niffurmaw din il-kuxjenza?
- Kif taħsbu nistgħu nżomuha aġġornata - infurmata b'tagħlim tajjeb u modern?

Il-Kuxjenza
Fi kliem sempliċi nistgħu niddefenixxu l-kuxjenza bħala **il-vuċi ta' Alla li hemm ġewwa kull bniedem**. Il-kuxjenza mhix vuċi li tismagħha b'widnejk bħalma tisma' l-vuċi tan-nies li jkellmuk. Hija **vuċi siekta li tismagħha ġewwa qalbek**.

Il-kuxjenza hija l-aktar ħaġa sigrieta li għandu kull bniedem. Għaliex il-kuxjenza hija bejn il-bniedem u Alla biss. Alla jkellem lill-bniedem fil-kuxjenza tiegħu. Nistgħu ngħidu li **l-kuxjenza hija bħal dawl għall-ħajjet il-persuna, hija turih x'għandu jagħmel, turih x'inhu t-tajjeb sabiex jagħżlu u jagħmlu. Turih ukoll il-ħażin sabiex jevitah jiġifieri biex ma jagħmlux**.

Il-kuxjenza nistgħu nqabbluha mal-*GPS* li wieħed ikollu sabiex jivvjaġġa. Mingħajru ftit li xejn jista' jasal fid-destinazzjoni li jixtieq. F'mumenti hekk, il-vjaġġatur iqis il-*GPS* bħala rigal, bħala kumpann. L-istess hija l-kuxjenza tagħna – rigal minn Alla li huwa tana sabiex jurina fil-qalb tagħna x'inhu l-aħjar għalina, ukoll sabiex nindunaw li aħna m'aħniex waħidna – Alla qiegħed magħna u jixtiqilna l-ġid. Għalhekk tajjeb li nisimgħu u nagħtu kas tal-kuxjenza speċjalment meta rridu nagħmlu xi għażliet u /jew xi deċiżjonijiet.

Il-kuxjenza u r-responsabilità tagħna
Kull persuna hija responsabbli li tifforma u żżomm infurmata sewwa l-kuxjenza tiegħu/tagħha. Il-kuxjenza tiegħek twasslek sabiex tkun responsabbli ta' dak li inti tagħmel. Jekk għandek kuxjenza tajba sa tagħmel it-tajjeb, imma jekk għandek kuxjenza żbaljata inti sa tiżbalja. Inti responsabbli u trid terfa' l-konsegwenzi kemm jekk tagħmel it-tajjeb u kemm jekk tagħmel il-ħażin.

Meta nagħmlu xi żball jew xi ħaġa ħażina, jew nagħmlu għażliet mhux daqstant tajbin, inħossu l-kuxjenza tniggiżna, jiġifieri nħossuna skomdi. Dan huwa sinjal tajjeb, sinjal li l-kuxjenza għadha ħajja, għalhekk għandek tagħti ħafna kas tal-kuxjenza tiegħek. Kuxjenza tajba turik it-tajjeb mill-ħażin.

Min-naħa l-oħra, kuxjenza żbaljata ma tqisx il-ġid tiegħek, ma tniggżikx aktar meta tagħmel xi ħaġa ħażina, meta tagħmel xi żball. Dan mhux sinjal tajjeb. B'kuxjenza żbaljata wieħed jasal biex jagħmel ħafna żbalji li jinkludu dnubiet. Dan kollu, joffendi lil Alla, u ma jagħmilx ġid la lill-persuna nnifisha u lanqas lil dawk ta' madwarha.

Tipi ta' Kuxjenza

Kuxjenza żbaljata
Din tiġi minn nuqqas ta' formazzjoni tajba u/jew minn meta wieħed irid iwebbes rasu fl-injoranza u jaħseb li hu jaf biżżejjed, allura ma jridx ikompli jitgħallem u lanqas ma jrid jieħu pariri mingħand ħadd u jekk jagħtuh xi parir ma jagħtix kashom.

Bniedem hekk, ftit li xejn jitlob, ftit li xejn jersaq għas-Sagramenti speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin. Barra dan huwa wkoll bniedem li malajr jinfluwenza ruħu minn dawk li jissejħu ħbieb u ma jkunu ħbieb xejn. Huwa wkoll bniedem li faċilment jimla rasu b'ħafna informazzjoni żbaljata u jfittex dak li huwa l-aktar sensazzjonali u popolari. Flimkien ma' dan, jista' jkun bniedem li jaħli l-ħin jara, jaqra u jisma' affarijiet li aktar iħamġulu moħħu u qalbu milli jgħinuh jimmatura u jkollu kuxjenza tajba. Jekk il-moħħ u l-qalb jimtlew b'affarijiet tajbin, il-persuna tkun influwenzata għat-tajjeb u tagħmel it-tajjeb mill-aħjar li tista'. Imma jekk timla moħħa u qalbha b'affarijiet xejn tajbin, ma tantx taħseb u tagħmel affarijiet tajbin li jgħinuha timmatura f'persuna Nisranija responsabbli.

Kuxjenza laxka
Din hija dik il-kuxjenza li għaliha xejn mhu xejn, kuxjenza li tirraġuna bla maturità u tagħmel l-affarijiet kif ġie ġie, fejn ħabat ħabat, jew fejn laqat laqat bla ma tikkonsidra xejn la rispett lejn Alla, la lejn il-persuna tagħha nnifisha u wisq inqas lejn l-oħrajn.

Kuxjenza li għaliha kollox jgħaddi. Din il-kuxjenza tara biss *grey areas*, jiġifieri kuxjenza li m'għandix prinċipji. Kuxjenza li ftit li xejn għandha valuri tajbin. Hija kuxjenza li m'għandix standards. Kuxjenza hekk ftit li xejn tista' tagħmel għażliet tajbin. Kuxjenza hekk, għaliex ma tagħti kas ta' xejn, faċilment twassal sabiex nuqqasijiet żgħar isiru vizzji jiġifieri drawwiet ħżiena u minn vizzji jikbru u jsiru dnubiet.

Inżidu ma' dan, tajjeb li tiftakru li ħaġa ħażina qatt ma twassal għal ħaġa tajba. Ħafna jaħsbu li jagħmlu xi ħaġa ħażina biex minnha joħroġ it-tajjeb. Dan qatt ma jista' jkun.

Kuxjenza skrupluża
Din it-tip ta' kuxjenza tara kollox ħażin, tara kollox dnub, hija kuxjenza li tara kollox black and white u xejn fin-nofs. Kuxjenza hekk ssibha diffiċli ħafna biex tagħmel għażliet tajbin. Ħafna drabi persuna b'kuxjenza skrupluża jkun ħafna diffiċli għaliha li tgħix kuntenta għaliex f'kull ħaġa tara dnub, dejjem tara l-ħażin. Din it-tip ta' persuna b'din il-kuxjenza jkollha ħafna bżonn ta' għajnuna kemm spiritwali u kemm professjonali minn persuni kompetenti.

Kuxjenza tajba
Kuxjenza tajba hija dik ibbilanċjata, jiġifieri kuxjenza li żżomm ruħha nfurmata u ffurmata sewwa b'tagħlim tajjeb, b'pariri mingħand persuni kompetenti u tfittex *role-models* tajbin li mill-eżempju tagħhom titgħallem ħafna.

(Bħala *role-models* tajbin, li jgħoddu għalikom bħala adolexxenti, nissuġerixxu li taqraw u/jew taraw il-films ta' San Domenico Savio, San Thomas More – li pprefera jisma' u jimxi fuq il-kuxjenza tajba tiegħu milli joffendi lil Alla, San Ġwanni Pawlu II – li ħafer, il-Beata Kateri Tekawitha (1656-1680) li ppreferit lil Ġesù Kristu fuq kollox u fuq kulħadd).

Għalhekk fejn tidħol il-kuxjenza ma nistgħux nimxu fuq li nħossu biss, imma għandna bżonn ir-raġuni wkoll, għalhekk din għandha tkun imdawla għat-tajjeb. Il-kuxjenza tajba turina li għandna nagħmlu t-tajjeb dejjem u ma' kulħadd u ma noqogħdux nistħu jew nibżgħu.

Mezzi biex tiffurmaw u żommu nfurmata tajjeb il-kuxjenza tagħkom bħala persuni Nsara

- Fittxu l-verità minn sorsi (għejjun) tajba. Tippruvawx tfittxu l-verità minn affarijiet sensazzjonali, u/jew minn persuni li joffru biss opinjoni popolari. Anzi fittxu persuni li studjaw sewwa s-suġġett/suġġetti speċjalment meta jkollkom bżonn informazzjoni u formazzjoni dwar xi suġġett li tkunu tixtiequ tafu aktar dwaru.

- Ersqu spiss għas-sagramenti tal-Qrar/Rikonċiljazzjoni, u pprovaw tqarbnu spiss.

- Aqraw, studjaw u itolbu aktar bl-Iskrittura Mqaddsa.

- Agħmlu ħilitkom li żżommu ruħkom infurmati sew dwar it-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Irriflettu sewwa dwar l-għażliet li tagħmlu kuljum. Għażliet tajbin iwasslu għall-drawwiet u abitudnijiet tajbin filwaqt li dawk ħżiena jwasslu għall-vizzji u għall-dnubiet kbar.

- L-Ingliżi jgħidu *garbage in - garbage out*. Mela fittxu li taraw, u li taqraw stejjer u affarijiet tajbin li jgħinukom tikbru f'persuni tajba. Jekk timtlew bit-tajjeb tagħtu t-tajjeb imma jekk timlew moħħkom u qalbkom b'affarijiet xejn tajbin, l-imġiba tagħkom u l-għażliet li tagħmlu ma tantx ikunu tajbin skont ma jitlob minnkom Ġesù Kristu u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika.

- Ippruvaw li kuljum titgħallmu mill-esperjenzi u mill-għażliet li tkunu għamiltu. It-tajjeb ibqgħu għamluh imma dak li mhux daqstant tajjeb, tgħallmu minnu u ppruvaw evitawh għall-quddiem. Hija ħaġa tajba li f'xi ħin matul il-ġurnata tieqfu ftit mir-rutina u taraw t-tajjeb li tkunu għamiltu u tirringrazzjaw lil Alla tiegħu, u taraw dak li għamiltu mhux daqstant tajjeb, u jekk ma jkollkomx bżonn tqerru, itolbu maħfra lil Alla tiegħu. Jekk inqastu lil xi ħadd ippruvaw irranġaw is-sitwazzjoni u tgħallmu mill-esperjenza.

  Meta matul il-ġurnata, speċjalment filgħaxija qabel ma torqdu araw ftit l-għemil u l-għażliet tagħkom ta' matul il-ġurnata. B'hekk tkunu qed tagħmlu dak li jissejjaħ l-eżami tal-kuxjenza, jiġifieri tiċċekjaw ftit l-ħsibijiet, ix-xewqat, l-għemil u l-għażliet tagħkom.

- Fittxu ħbieb tajbin li jkunu sinċieri li kapaċi jgħidulkom kelma tajba, li kapaċi jurukom meta tagħmlu xi ħaġa ħażina. Fittxu persuni f'ħajjitkom li jgħinukom tikbru f'persuni Nsara maturi u tajba.

  Bħala adolexxenti, il-ħbieb huma fattur importanti ħafna fil-ħajja tagħkom. Żgur li kulħadd għandu bżonn il-ħbieb. Forsi bħala adolexxenti l-akbar sfida hi kif tagħżlu ħbieb tajbin sabiex jgħinukom u jinfluwenzawkom għat-tajjeb.

Mill-Kelma ta' Alla

Aqraw dawn iż-żewġ siltiet mill-Evanġelju.

Mill-Evanġelju skont San Mark 10, 17-27
Iż-Żagħżugħ għani

Araw dan il-klipp:

Mill-Evanġelju skont San Luqa 19, 1-10
L-istorja ta' Żakkew

Diskussjoni

- X'laqatkom minn dawn iż-żewġ stejjer mill-Evanġelju?
- X'taraw fil-karattri ta' dawn iż-żewġ persuni: iż-żagħżugħ u Żakkew?
- Taħsbu li l-kuxjenza tagħhom affettwat id-deċiżjonijiet li ħadu? Kif?

Nota għall-katekist/a
Mis-silta tal-Evanġelju skont San Mark 10, 17-27 irridu nifhmu li Ġesù mhux kuntrarju għall-flus, jew li xi ħadd ikun sinjur, imma li għan-Nisrani, l-ewwel priorità għandha tingħata lil Ġesù u mhux lill-flus.

Naraw flimkien dan il-klipp
(fuq il-*pendrive*)

Il-Kuxjenza
Fr Hector Scerri

Diskussjoni
- X'dehrilkom minn dan il-klipp?
- X'tgħallimtu minnu?
- Kif jisfidakom dan il-klipp?

Attività fil-grupp

Iddiskutu flimkien:
- Janice ma laħqitx għamlet il-*homework*. Fil-*break* fetħet il-*backpack* ta' tnejn minn sħabha, qrat il-*homework* tagħhom, ħadet ftit ideat minnhom, ikkupjat xi affarijiet ukoll. Kollox għamlet mingħajr il-permess ta' dawn is-sħab tagħha. X'taħsbu dwar dan? Kieku intom sibtu ruħkom fis-sitwazzjoni ta' Janice x'kontu tagħmlu? Kieku intom issiru tafu x'għamlet Janice x'tagħmlu?

- L-*Assistant Head* tal-iskola tat ittra lil Keith għall-ġenituri tiegħu/dawk li qed irrabbuh. Hija qaltlu li din l-ittra għandu jerga' jġibha miegħu u jagħtiha lilha ffirmata mill-ġenituri/minn dawk li kienu qed irrabbuh. Keith fetaħ l-ittra hu u ffirmaha hu għall-ġenituri tiegħu/għal dawk li qed irabbuh. X'taħsbu intom dwar dan? Għaliex taħsbu li għamel dan Keith? Kieku anke jekk taħsbu li tafu x'fiha l-ittra kontu tiftħuha u tiffirmawha wkoll? Tajjeb li jsir dan? Għaliex?

Il-ħbieb, il-ħbiberiji u l-influwenza tagħhom
Fi żmien l-adolexxenza, aktar minn żmien ieħor, il-ħbieb huma importanti ħafna. Ħafna drabi l-ħbieb isiru aktar importanti mill-ġenturi/jew minn dawk li jrabbukom. Filwaqt li l-ħbieb huma importanti, imma dawn qatt ma għandhom jieħdu post l-adulti li qed irabbukom u dan għal diversi raġunijiet. Għalhekk huwa importanti li l-ewwel nett tagħżlu ħbieb tajbin, it-tieni li jkollkom relazzjoni tajba ta' rispett u fiduċja mal-adulti li qed irrabukom, u ma' dawk li jixtiqulkom il-ġid fil-ħajja tagħkom.

Sfortunatament hawn adolexxenti li l-ħbieb iqishom il-vuċi tal-kuxjenza tagħhom. Il-ħbieb jistgħu jinfluwenzawkom ħafna kemm għat-tajjeb u kif wkoll għal dak li huwa anqas tajjeb. Il-ħbieb jinfluwenzaw l-għażliet tagħkom, id-deċiżjonijiet tagħkom, il-mod kif taħsbu, kif titkellmu u anke l-imġiba tagħkom. Għalhekk huwa ħafna importanti li f'ħajjitkom iżżommu relazzjoni tajba mal-adulti responsabbli tagħkom u mal-membri tal-familja tagħkom. Ftakru li meta xi ħadd ma jaqbilx magħkom f'kollox ma jfissirx li ma jirrispettakomx, jew li ma jixtiqilkomx il-ġid. Għalhekk aħsbu ftit sewwa qabel ma tafdaw aktar lill-ħbieb milli lil dawk li jkunu qed irabbukom, jew huma membri tal-familja tagħkom. Fil-familja tagħkom dejjem hemm xi ħadd li jifhimkom u jirrispettakom.

Ħbiberija tajba hija rigal mill-Mulej. Ħbiberija tajba tridu taħdmu għaliha, kemm fuq livell personali u kif ukoll fil-gupp bejn il-ħbieb. Il-bażi ta' kull ħbiberija hija l-fiduċja u l-fedeltà lejn il-persuni u lejn ir-relazzjoni ta' bejn il-grupp. Dan ifisser li huwa importanti li nirrispettaw kull persuna u dak kollu li bħala ħbieb taqsmu flimkien fil-grupp. Li tkunu fidili għar-relazzjoni ta' bejnietkom ifisser li ma toqogħdux tpaċpċu minn wara dahar xulxin.

Ħbiberija tajba tgħin lil kull persuna timmatura u timxi 'l quddiem fil-ħajja, filwaqt li dik ħażina twassal għar-rovina tal-persuni. Meta jkun hemm ħbiberija mhux tant tajba, tajjeb li wieħed joħroġ minnha kemm jista' jkun malajr, jitgħallem minn dik l-esperjenza u jibqa' miexi fil-ħajja.

Itolbu lil Ġesù sabiex isibilkom ħbieb tajbin. Ħbieb tajbin żommuhom għaliex dawn huma rari. Fuq kollox, aktar ma tikbru aktar taraw li l-aqwa ħabib li jista' jkollkom- ħabib ta' veru, huwa Ġesù. Hu dejjem jifhimkom. Huwa jixtiqilkom il-ġid, u jekk titlobuh bis-serjetà fil-qalb tagħkom tisimgħuh jurikom x'inhu tajjeb u x'mhux tajjeb għalikom.

Fil-Bibbja fil-Ktieb ta' Bin Sirak 6, 14-16, insibu li '*min isib ħabib li jista' jafdah ikun sab teżor*.'

Araw dan il-klipp

Diskussjoni

- X'taħsbu dwar dan il-klipp? X'tgħallimtu minnu?
- Għalikom xi tfisser ħbiberija tajba?
- X'tistennew mill-ħbiberiji tagħkom?
- Għandkom esperjenzi ta' ħbiberiji mhux tant tajbin? X'tgħallimtu minnhom?

Ftit ideat kif tagħżlu ħbieb tajbin

Personalità u Karattru

Noqogħdu attenti li ma nitfixklux il-karattru mal-personalità. B'personalità nifhmu dak li jidher minn barra. B'karattru nifhmu dak li joħroġ mill-ġewwa tal-bniedem. Għalhekk il-karattru jieħu ħafna snin biex jiġi ffurmat. Hawn persuni li għandhom personalità sabiħa u li tiġbdek, imma mbagħad il-karattru tagħhom mhux daqshekk tajjeb. Hawn persuni li ma tantx għandhom personalità imma l-karattru tagħhom hu tajjeb ħafna. L-aqwa ħaġa hija meta kemm il-personalità u kemm il-karattru, t-tnejn ikunu sbieħ. Fl-Evanġelju insibu *li skont is-siġra huwa l-frott tagħha* (ara Mt 7, 16). Għalhekk persuna b'karattru tajjeb taħseb tajjeb, kemm jista' jkun tgħid it-tajjeb u tipprova tagħmel ħilitha biex tagħmel għażliet tajbin u hekk tgħix tajjeb.

Xi wħud mill-kwalitajiet ta' ħbieb ta' veru

- Ħbieb ta' veru, minkejja d-difetti tal-persuna jibqgħu jħobbuha, anzi tant jixtiqulha ġid li jgħinuha taqta', jew tikkontrolla d-difetti tagħha

- Il-ħbieb ta' veru huma leali lejkom, ma jgħidux minn wara daharkom jew jikxfu u jpaċpċu dwar dak li tkunu tkellimtu bejnietkom. Għalhekk il-fedeltà hija importanti ħafna fil-ħbiberija

- Il-ħbieb ta' veru mhumiex egoisti imma jaqsmu dak li jkollhom magħkom; huma sinċieri u jixtiqulkom il-ġid

- Il-ħbieb ta' veru jitolbu għal xulxin u jagħtu pariri tajba lil xulxin.

Xi wħud mill-kwalitajiet ta' 'ħbieb' li mhumiex daqstant tajbin

- Jgħiru għalikom u ma jħallukomx tiżviluppaw it-talenti u l-kapaċitajiet tagħkom,

- Jitkellmu minn wara daharkom mingħajr il-permess tagħkom.

- Jinfluwenzawkom biex tigdbu speċjalment lil tal-familja u lil xi persuni fl-awtorità.

- Mhumiex onesti u sinċieri la fi ħsibijiethom, la fi kliemhom u wisq inqas fl-għażliet u fl-imġiba tagħhom.

- Ma tantx jinfluwenzawkom sabiex tersqu lejn il-Knisja, jew lejn is-sagramenti, jew sabiex titolbu jew li tiffrekwentaw xi grupp li fih tistgħu tibqgħu titgħallmu dwar il-ħajja Nisranija tagħkom.

Mill-Kelma ta' Alla

Testi Bibbliċi dwar il-ħbieb u l-ħbiberiji

'Hemm ħbieb tal-isem biss; ħabib tassew jintrabat miegħek aktar minn ħuk.'

Prov 18, 24

'Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.'

Ġw 15, 13

'Tkunx ħabib ta' min jinkorla, tagħmilhiex ma' min jisħon malajr, biex ma tidrax tagħmel bħalu, u ssib ruħek fil-għawġ.'

Prov 22, 24-25

'La titqarrqux: il-ħbiberija ħażina tħassar id-drawwiet tajba.'

1 Kor 15, 33

'Tnejn min-nies aħjar minn wieħed waħdu, għax fejda akbar ikollu xogħolhom. Jekk jaqa' wieħed, l-ieħor jista' jqajjmu, imma miskin hu min hu waħdu, għax m'għandux min iqajjmu.'

Koħ 4, 9-10

Diskussjoni

- Minn dawn it-testi Bibbliċi li qrajtu hawn fuq x'tgħallimtu? Kif laqtukom?
- Fl-età tagħkom, x'taħsbu dwar il-ħbieb u l-ħbiberija? Kif tqisuhom il-ħbieb fil-ħajja tagħkom?
- Għandkom esperjenzi ta' ħbieb tajbin? Ġieli kellkom esperjenzi ta' ħbieb u ta' ħbiberiji mhux daqstant tajbin? Kif indunajtu li ma kinux hekk tajbin? X'għamiltu sabiex waqqaftu

l-ħbiberija magħhom?
- Timxu fuq dak li jgħidulkom il-ħbieb biss, jew tieħdu pariri mingħand persuni oħra? Il-ħbieb tagħkom ġieli ħallejtuhom jinfluwenzaw il-kuxjenza tagħkom?
- Kellkom esperjenza ta' ħbieb li għinukom sabiex il-ħajja tagħkom tmur għall-aħjar?
- Għandkom ħbieb li jgħinukom tersqu aktar lejn Ġesù?
- Tqisuh lil Ġesù bħala ħabib? Kif tagħmlu dan? Għaliex?

Storja 1

Il-Hike

Anna u Mariah kienu ilhom ħbieb għal ħafna snin. Fejn tmur waħda tmur l-oħra. Tal-familja kienu ħafna kuntenti bil-ħbiberija tagħhom. Darba minnhom, tal-iskola kienu ser jeħduhom *hike* b'għan edukattiv. Kollox kien lest biex imorru, imma Mariah filgħodu qamet ma tantx tiflaħ u tad-dar qalulha li jkun aħjar li ma tmurx. Anna kif saret taf, iddeċidiet li hi wkoll ma tmurx, imma Mariah ħeġġitha biex tmur. Anna hekk għamlet. Matul il-*hike* Anna qagħdet ma' Josianne. Josianne, ukoll kienet għal ħafna snin fl-istess klassi ma' Anna u Mariah. Kienu jafu sewwa lil xulxin. Josianne dejjem xtaqet li Mariah u Anna jkunu l-ħbieb tagħha wkoll. Mariah u Anna kienu jkellmuha lil Josianne, kienu jirrispettawha ħafna, imma qatt ma kienu ħassew li għandhom ikunu ħbieb tal-qalb.

Matul il-*hike* Josianne faħħret ħafna lil Mariah għax kienet tfajla grazzjuża u brava. Anna ħadet gost b'dan, imma bilkemm bdiet tinduna li kull meta Josianne bdiet tfaħħar lil Mariah, bdiet ukoll tgħid xi frażijiet li bdew iħawdu sew lil Anna, għaliex qatt qabel ma kienet innutathom bħal: Mariah brava fil-*Maths* imma xi kultant tidher *show-off*; qaltilha ukoll li Mariah tgħid nofs kliem, qisha qed taħbi x ħaġa. Anna baqgħet ma' Josianne matul il-*hike* kollu. Matul il-ġurnata bdiet tikkonnetja dak li qaltilha Josianne ma' xi esperjenzi li hi kellha ma' Mariah. Dak il-ħin ħasset li Josianne kienet qed tgħidilha biex toqgħod attenta minn Mariah.

Filgħaxija, wara l-*hike* Anna, ma marritx tara lil Mariah, imma ċemplitilha biss. Hija ġabet l-iskuża li kienet għajjiena ħafna. Mariah emmnitha imma rat il-ħaġa stramba ħafna. Minn wara l-*hike,* il-ħbiberija ta' bejn Anna u Mariah qatt ma baqgħet l-istess.

Diskussjoni
- X'taħsbu dwar il-karattri ta' Anna, Josianne u Mariah?
- X'jidhrilkom minn Josianne?
- X'taħsbu dwar il-karattru ta' Anna?
- Kieku kontu flok Anna x'kontu tagħmlu?
- Kieku kontu flok Mariah x'kontu tagħmlu?
- X'taħsbu li ġara mill-ħbiberija ta' bejn Anna u Mariah?
- X'taħsbu li riedet Josianne minn Anna? Għaliex qaltilha dak il-kliem kontra Mariah?
- Kieku intom tiġu f'sitwazzjoni hekk, meta persuna tidħol bejn il-ħbiberija tagħkom x'tagħmlu?
- X'tgħallimtu minn din l-istorja?
- F'sitwazzjoni hekk kontu titolbu lil Ġesù dwarha? Jekk iva għaliex, jekk le, għaliex?

Storja 2

Wiċċ imb wiċċ mar-Realtà

David, adolexxent ta' tnax-il sena beda jinduna li kellu problema bil-kontroll tal-ħin. Ma kienx jużaʼ l-ħin sewwa. David kien jagħmel kif ifettillu u xħin irid. Fettillu jagħmel il-*homework*, għamlu...x'ħin irid hu, fettillu jaqbad jilgħab bil-*play station*, jew imur għand ħbiebu (jew jiġu għandu) u jqattgħu sagħtejn sħaħ jilagħbu, hekk jagħmel. Tal-familja ġieli staqsewh dwar il-*homework* u dwar l-istudju, u hu arah joħloq skuża wara l-oħra. Tgħallem jiżgiċċa sew minn

bosta affarijiet permezz tal-iskużi. Il-ħbieb li kellu ma tantx kienu jinkoraġġuh biex jistudja anzi kienu jippreferu jqatgħu l-ħin f'attivitajiet diversi. Il-familja ta' David ma kienu jafu xejn dwar dan. Hu qatt ma qalilhom xejn imma f'qalbu kien qed iħossu ħafna skomdu.

Flimkien ma' dan, David ma kienx jaf iqassam il-ħin. Ma kellux *time-table* ta' kif iqassam il-ħin speċjalment wara li jiġi mill-iskola. David ma kellu ebda rispett lejn il-ħin. Kien jagħmel li jfettillu, jaħli l-ħin bl-addoċċ speċjalment ma' dawk li kien iqishom ħbiebu. Imbagħad, meta jkun qed jitkellem ma' tal-familja erħilu jgerger li ma kellu ħin għal xejn.

Mhux l-ewwel darba li nesa' jagħmel xi *project*, u jġib l-iskuża li nesa' l-*project file* id-dar. Dejjem jivvinta xi skuża.

Darba minnhom, David ġie wiċċ imb wiċċ mar-realtà. Baqa' jilgħab bil-*play station* mal-ħbieb, anzi tant intilef jilgħab, li nesa' li l-għada kellu *test*. Kif daħal fil-klassi nħasad waħda u tajba. Kulħadd kien ippreparat u hu lanqas biss ftakar, jew almenu ra d-*diary* tal-iskola. Wara xi jumejn kompla jinħasad bir-riżultat li rċieva. Din l-esperejnza u bosta oħrajn ġabuh wiċċ imb wiċċ mar-realtà.

Meta kien id-dar, fil-kamra waħdu fil-kwiet, iddeċieda li jgħid talba żgħira lil Ġesù. David, ma tantx kien tifel ta' talb, kien jgħid xi talba biss meta jkollu bżonn xi ħaġa. Din id-darba żgur li kien għamel waħda minn tiegħu. F'qalbu beda jħoss li l-affarijiet mhumiex mexjin sew. Ħass li kellu jiftaħ qalbu ma' Ġesù u jitolbu jgħinu. Fetaħ qalbu ma' Ġesù dwar din ir-realtà mhux biss tal-ħin, imma li f'ħajtu kien qed jagħmel li jiftillu u meta jrid u beda jrabbi fih kultura ta' ħafna skużi. Beda jinduna li f'ħajtu ma kien hemm kontroll ta' xejn. Jivvinta kemm jivvinta skużi ma setax jaħrab mir-realtà li kien qed iħoss ġo fih. Il-kuxjenza ma kinitx qed tħallih bi kwietu. Xi ħaġa kellu jagħmel żgur.

David ħass li kellu jieħu tliet deċiżjonijiet kbar f'ħajtu: waħda li Ġesù jkun aktar f'ħajtu, għaliex s'issa kien jitlob biss meta jkollu bżonn xi ħaġa. It-tieni li jqassam aħjar il-ħin tiegħu speċjalment wara l-iskola u fil-weekend, u t-tielet li hija importanti ħafna li jkun sinċier miegħu nnifsu u mal-oħrajn speċjalment mal-familja dwar il-ħbieb u l-ħin li jgħaddu flimkien.

Tassew kienu deċiżjonijiet iebsin. Kellu ħafna sfidi. Sħabu spiss kienu jċemplulu biex jilagħbu flimkien. Ma bediex jagħti kashom. Kien jgħidilhom li kellu ħafna x'jistudja. Kienu jwaqqgħuh għaċ-ċajt imma huwa ried jibda jieħu l-ħajja tiegħu bis-serjetà. Kellu jiffaċċja ħafna affarijiet, fosthom li jagħżel ħbieb oħra. Mhux faċli. Kienet iebsa ħafna u ħafna, imma kellu jieħu deċiżjoni. Huwa ma qatgħax qalbu, kompla jitlob lil Ġesù jgħinu. Għamel kuraġġ, u żamm sod fid-deċiżjonijiet tiegħu. Bil-mod il-mod, l-affarijiet bdew ġejjin għall-aħjar.

Fi ftit xhur tella' l-marki fit-testijiet u fil-*projects*. Mhux biss, għamel ħbieb ġodda, magħhom sab ħin biex jistudja u anke ħin sabiex jilgħab bil-*play station*. Flimkien magħhom sab ħin sabiex imur għal-laqgħat tal-Katekeżi, ukoll sab ħin sabiex fil-*weekend* imur dawra bir-rota, sab ħafna ħin biex jistudja, sab ħin sabiex jitlob, ukoll ħin biex nhar ta' Ħadd imur il-quddies. Ħafna drabi kien imur ma' dawn il-ħbieb. Issa ma kellux għalxiex jivvinta aktar skużi. Beda jieħu gost jgħid il-verità. Beda jħossu aktar komdu miegħu nnifsu u ma' tal-familja.

Ġesù sar parti minn ħajtu. Hu u Ġesù saru ħbieb sew, kien jitolbu ħafna, kien jafdah ħafna, kien spiss jiftaħ qalbu miegħu, kien spiss jitolbu sabiex jgħinu jżomm d-deċiżjonijiet li ħa. David beda jikteb dak li jħoss ġo qalbu fi djarju. Kien tiegħu personali. Ħassu aktar kalm meta beda jikteb, għaliex waqt li jikteb kien jaħseb u jirrifletti. David kien jaf li b'Ġesù f'ħajtu, minkejja li l-isfidi ma jonqsux, ħajtu kienet sa tkun ferm aħjar, u l-isfidi beda jiffaċċjahom b'aktar kalma.

(Nota lill-katekist/a: din l-istorja tista' ssir *role play* mill-adolexxenti)

Diskussjoni

- X'taħsbu dwar din l-istorja? (L-istorja ta' David tista' tkun l-istorja tagħkom f'aspetti differenti)
- X'laqatkom f'David?
- Kif tħarsu lejn ir-rwol tal-ħbieb ta' David fil-ħajja tiegħu?
- Taraw xi konnessjoni bejn din l-esperjenza ta' David, il-kuxjenza u d-deċiżjonijiet li ħa? Kif?
- Ġieli kellkom xi esperjenza simili? X'tgħallimtu minnha?

Sfida

Fil-ġranet li ġejjin, qabel ma tispiċċa l-ġurnata ppruvaw iċċekjaw lilkom infuskom fuq dawk l-affarijiet tajbin li għamiltu u għidu grazzi lil Ġesù għalihom, u fuq dawk l-affarijiet li tixtiequ li kieku għamiltuhom aħjar. Fuq dawn itolbu lil Ġesù jgħinkom ħalli jkollkom karattru sod li kemm jista' jkun tieħdu deċiżjoni li tirranġawhom, u dan għall-aħjar tagħkom.

Inkantaw u nitolbu flimkien





Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb/pinġi l-kwalitajiet tajbin tal-ħbieb tiegħek. Ikteb/pinġi kif il-ħbieb tiegħek qed jinfluwenzawk biex tkun adolexxenti tajjeb. Ikteb/pinġi talba lil Ġesù sabiex

jgħinek tkompli ssaħħaħ il-ħbiberija tiegħek miegħu u ma' ħbiebek l-adolexxenti.

Katekeżi Familja

> *'Min jagħmilha mal-għaref, isir għaref, min imur mal-boloh, jaqa' fl-hemm.'*
>
> Prov 13, 20

Talba bħala familja

Mulej għinna bħala familja nkomplu nimxu fuq it-tagħlim tiegħek u tal-Knisja, hekk li nżommu ħajja l-kuxjenza tagħna. Nitolbuk ukoll sabiex tbierek lill-ħbieb tagħna, ħu ħsiebna lkoll sabiex nibqgħu nkunu ta' ġid għal xulxin. Ammen.

Kapitlu 3
IL-VERITÀ FL-IMHABBA; L-IMHABBA BIL-VERITÀ
Tema 3
NGHIX, INHOBB U NAQDI: INTRODUZZJONI GHAT-TAGHLIM SOĊJALI TAL-KNISJA

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiġu introdotti għat-tagħlim soċjali tal-Knisja, sabiex jibdew jaraw kemm il-Knisja Kattolika għal diversi snin sal-lum għadha tikteb, tgħallem, u taħdem bis-sħiħ sabiex tingħata dinjità u rispett lil kull persuna maħluqa u lill-ħolqien kollu.

(Nota għall-katekist/a: F'dan il-kapitlu, fl-ewwel tema rajna l-għejjun tal-verità sabiex jigwidaw il-ħsibijiet, l-għażliet u d-deċiżjonijiet tagħna. Fit- tieni tema tajna ħarsa lejn il-kuxjenza, billi qed nittrattaw mal-adolexxenti u nafu kemm il-ħbieb huma importanti f'ħajjithom, rajna kif il-ħbieb jistgħu jinfluwenzaw il-kuxjenza tagħhom. Fit-tielet tema li jisimha *Ngħix, Inħobb u Naqdi: Introduzzjoni għat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja* sa naraw kemm l-għażliet u l-kuxjenza tal-bniedem huma fattur importanti. Din it-tema sa teħodna aktar fil-qrib lejn l-attitudni tal-Knisja fis-soċjetà. F'din it-tema t-tagħlim soċjali tal-Knisja sa jiġi ppreżentat fid-dawl tal-Kelma ta' Alla.)

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' esperjenzi
- Ġieli smajtu bil-kliem: tagħlim soċjali tal-Knisja? X'taħsbu li jfisser dan il-kliem?
- Għaliex taħsbu li l-Knisja Kattolika tenfasizza, jiġifieri tgħallem, taħdem u tinteressa ruħha bis-sħiħ sabiex dan it-tagħlim ikun magħruf u pprattikat fid-dinja kollha?
- X'taħsbu li jimbotta lill-Knisja Kattolika sabiex tikteb, tgħallem u tipprattika dan it-tagħlim soċjali?
- Għaliex dan it-tagħlim jgħidulu soċjali?
- Bħala Kristjani Kattoliċi, aħna fid-dmir li mhux biss ngħixu ta' Nsara, imma li nħobbu bħala Nsara u dan jissarraf fil-qadi lejn xulxin. X'taħsbu dwar dan?
- Iż-żewġ pilastri li fuqhom jistrieħ it-tagħlim Soċjali tal-Knisja Kattolika huma: (1) li l-bniedem huwa maħluq xbieha ta' Alla u (2) il-ġustizzja soċjali. X'tifhmu b'dan? Għandkom xi eżempju fejn il-Knisja ħadmet u għallmet dwar dan kollu kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta?
- Taqblu li bħala Nsara meta naħdmu għall-ġustizzja u għall-paċi dan huwa forma ta' qadi għall-komunità/għas-soċjetà? Għaliex taqblu?

Il-Bażi tat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja

- It-tagħlim soċjali tal-Knisja jirrifletti dak li Alla kkomunika magħna l-bnedmin b'diversi modi u manjieri matul iż-żminijiet, jiġifieri li Alla huwa Trinità (tliet) persuni: Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu. **Alla li huwa wieħed huwa komunità ta' mħabba**.

- Alla l-Missier għax iħobbna bagħat lil Ibnu Ġesù Kristu fostna sabiex jurina kemm Huwa jħobbna u sabiex isalvana. Permezz tal-missjoni tiegħu u tal-ħajja kollha tiegħu kemm dam fostna, Ġesù wriena **l-aspett soċjali tal-imħabba ta' Alla**. Għalhekk it-tagħlim kollu tiegħu jdur mal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu.

- La aħna maħluqin xbieha ta' Alla u la Alla huwa mħabba, mela aħna maħluqin biex inħobbu b'mod universali.

- Għaliex aħna maħluqin xbieha ta' Alla, aħna prezzjużi għal Alla. Ġesù Kristu bata, miet u qam mill-mewt għalina, salvana għaliex iħobbna. Kull bniedem hu prezzjuż għal Alla. Għalhekk **kull bniedem għandu d-dinjità tiegħu/tagħha u din titlob li tiġi rrispettata dejjem u kullimkien. Ir-rispett lejn id-dinjità mhix ħaġa individwali biss, hija soċjali ukoll**. Din l-imħabba fost affarijiet oħra tissarraf f'qadi lejn xulxin. L-ewwel nett dan jintwera billi nirrispettaw id-dinjità tal-ħolqien kollu inkluż tal-bniedem. Hemm bżonn li kull forma ħajja tiġi ppreservata u rrispettata. **Dan kollu huwa l-bażi tat-tagħlim soċjali tal-Knisja**.

- Fil-ktieb tal-Ġenesi 1, 26-27, insibu li l-bniedem huwa maħluq *xbieha ta' Alla*. Dan ma jfissirx li wiċċna jixbah lil dak ta' Alla. Imma jfisser li kull wieħed u waħda minna tirrifletti lil Alla. Dan nagħmluh billi nkunu kreattivi, billi ngħożżu u nirrispettaw il-libertà li Alla tana u nirrispettaw il-libertà tal-oħrajn; billi ngħożżu u nħaddmu tajjeb l-abiltà li nħobbu. Dan kollu, flimkien mal-għatx għall-ġustizzja, jagħti lill-bniedem id-dinjità tiegħu bħala persuna maħluqa xbieha ta' Alla. (Ara wkoll *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika,* 1731-1738).

- Alla ħalaqna liberi. Id-dinjità ta' kull bniedem titlob li l-libertà ġġor magħha r-responsabiltà. Aktar ma jkun hemm libertà aktar għandu jkun hemm responsabiltà, fil-ħsieb, fil-kliem u fl-imġiba. (Ara l-Kostituzzjoni Pastorali dwar il-Knisja fid-Dinja tallum *Gaudium et Spes*, 17).

- Nafu li sfortunatament id-dinja mhix perfetta. Id-dnub oriġinali għamilna dgħajfin, u għalhekk insibu min jagħżel li jagħmel il-ħażin minflok it-tajjeb. Minħabba f'hekk, fid-dinja jeżistu ħafna inġustizzji. Inġustizzji li jweġġħu, li jbaxxu u jfarrku d-dinjità tal-persuna.

- Fil-Bibbja nsibu ħafna kitbiet li jirriflettu nuqqas ta' ġustizzja fost il-poplu. Il-Knisja Kattolika, imdawla mill-Kelma ta' Alla u mir-realtajiet tal-bnedmin fid-dinja kollha minn dejjem ħasbet sabiex tikteb, ixxandar, tgħallem u tpoġġi fil-prattika t-**tagħlim soċjali** tagħha.

- Tagħlim li jdawwal l-imħuħ u l-qlub tal-bnedmin ta' kull razza, kulur, kultura u reliġjon sabiex fid-dinja jkun hawn aktar għarfien tal-inġustizzji ikun hawn aktar għarfien tan-nuqqasijiet li qed isiru kontra d-dinjità tal-persuna.

- Mhux biss, imma t-tagħlim soċjali tal-Knisja li huwa għall-bnedmin tad-dinja kollha, joffri ideat sabiex ikun hawn aktar ġustizzja fid-dinja, sabiex kemm id-dinjità tal-persuna kif ukoll il-ħolqien kollu jkunu rispettati.

Il-ġustizzja hija l-prinċipju li fuqha huwa mibni t-tagħlim soċjali tal-Knisja

- B'ġustizzja qed nifhmu fairness, li kull persuna tieħu dak li ħaqqha. Li kulħadd jiġi ttrattat

l-istess, li ma jkunx hemm preferenzi.

- B'ġustizzja nifhmu li kulħadd ikollu skont il-bżonn tiegħu/tagħha. Eż. raġel jiekol aktar minn tifel. Dan ma jfissirx li jkun hemm preferenzi, imma li l-bżonnijiet huma differenti. L-importanti li t-tnejn jieklu.

- B'ġustizzja nifhmu li dawk li huma f'xi tip ta' amministrazzjoni jimxu fair ma' kulħadd u jipprovdu għall-bżonnijiet umani, reliġjużi/spiritwali ta' kulħadd speċjalment tal-foqra u ta' dawk li huma vulnerabbli.

- Importanti li nifhmu li m'hemmx paċi bla ġustizzja.

Kif nistgħu naħdmu għall-ġustizzja?

1. Billi aħna stess nieħdu azzjoni: Eż: billi nagħmlu karità, billi aħna stess ngħinu lill-oħrajn kif nistgħu, fil-bżonnijiet tagħhom.

2. Billi nagħmlu mistoqsijiet dwar x'qed jiġri, jiġifieri ninteressaw rwieħna mill-oħrajn. Dan juri l-kuxjenza, ir-responsabilità soċjali tagħna. Fejn nistgħu nagħtu s-suġġerimenti tagħna sabiex ikun hawn aktar ġustizzja fid-dinja. Eż. Nistaqsu għaliex m'hawnx ikel u/jew ilma għal kulħadd? X'nistgħu nagħmlu dwar dan? Niktbu u noffru s-suġġerimenti tagħna.

Kulħadd jista' jagħmel il-ġid. L-importanti li naħsbu f'xulxin u mhux inkunu indifferenti – jiġifieri li nkunu persuni li ma jimpurtaniex mill-oħrajn.

Fil-Bibbja, fit-Testment l-Antik fil-Ktieb tal-Profeta Mikea nsibu ċar x'jrid u qed jistenna minna l-Mulej.

> *U x'jistenna minnek il-Mulej: li tagħmel dak li hu ġust, li tħobb u tkun ħanin, u li tkun umli fl-imġiba tiegħek ma' Alla tiegħek.*
>
> Mik 6, 8

Il-temi tat-tagħlim soċjali tal-Knisja

Dawn it-temi huma:

1. Ir-rispett lejn id-dinjità u l-ħajja ta' kull persuna.
2. Imsejħin sabiex ngħixu u nipparteċipaw fil-familja, u fil-komunità.
3. Li kull bniedem għandu drittijiet u responsabilitajiet.
4. L-għażla preferenzjali u l-imħabba lejn il-foqra u lejn il-vulnerabbli
5. Id-dinjità tax-xogħol u d-drittijiet u responsabilitajiet tal-ħaddiema
6. Is-solidarjetà ta' bejnietna.
7. Id-dmir u responsabiltà li nieħdu ħsieb id-dar komuni tagħna – il-ħolqien.

Araw dan il-klipp flimkien

Ir-rispett lejn id-dinjità u l-ħajja ta' kull persuna
Din it-tema titlob rispett lejn id-dinjità u l-ħajja ta' kull persuna, ta' kull razza, kulur, kultura, reliġjon u qagħda ekonomika jiġifieri rispett lejn il-persuna kemm jekk din tkun sinjura, tal-klassi tan-nofs jew fqira. Kull persuna hi min hi, hi x'inhi, jistħoqqilha rispett. Kull bniedem għandu jiġi rispettat għall-umanità tiegħu, għall-kultura, tiegħu, għar-razza tiegħu u għar-reliġjon tiegħu.

In-nuqqas ta' rispett lejn id-dinjità u l-ħajja tal-persuna, jinkludi: meta ma jiġux provduti l-bżonnijiet umani inkluż l-edukazzjoni u dawk spiritwali/reliġjużi; meta l-persuna tal-bniedem tiġi mkasbra eżempju permezz ta' bullying, tgħajjir, gideb u anke mkasbra fiżikament, psikoloġikament u emozzjonalment, ... eċċ

Id-dinjità tagħna ma tiġix minn dak li għandna, jew minn dak li nagħmlu, imma tiġi mill-fatt li aħna maħluqin minn Alla.

It-tagħlim soċjali tal-Knisja jgħallimna li: *Kull persuna hija maħluqa xbieha ta' Alla, hija mifdija minn Ġesù Kristu u għalhekk hija prezzjuża, għalhekk jistħoqqilha kull rispett għaliex hija membru fil-familja kbira umana.* (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1700-1715, 1929-1938, 1943-1945).

Diskussjoni
- Bħala adolexxenti x'tifhmu b'dinjità tal-persuna?
- Kif tista' titfarrak din id-dinjità? Agħtu xi eżempji.
- Għaliex hawn min ma jirrispettax id-dinjità tal-persuni l-oħra?
- Bħala adolexxenti x'tistgħu tagħmlu sabiex tirrispettaw id-dinjità tagħkom u tal-oħrajn?

Imsejħin sabiex ngħixu u nipparteċipaw fil-familja, u fil-komunità
(ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1879-1903)

Il-bniedem mhux maħluq biex jgħix waħdu, imma biex jgħix f'komunità. Huwa maħluq sabiex jgħix u jipparteċipa f'familja, f'komunità. Min-naħa l-oħra dawn għandhom jgħinuh jikber u jimmatura sabiex jilħaq l-għanijiet tiegħu b'responsabiltà bħala ċittadin Nisrani għall-ġid tiegħu u tas-soċjetà

'Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri

kollha għandhom l-istess xogħol, hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor.'

Rum 12, 4-5

'Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu.'

Gal 6, 2

Diskussjoni

- Bħala adolexxenti kif tistgħu tipparteċipaw aktar bis-sħiħ fil-familji tagħkom?
- Kif tistgħu tipparteċipaw aktar b'mod sħiħ fil-komunità Nisranija – fil-parroċċa tagħkom, u anke fil-lokalità – raħal/belt tagħkom, u fis-soċjetà bħala ċittadin/a Maltija?
- X'tifhmu bil-kliem ta' San Pawl lill-Galatin: *Erfgħu it-tagħbija ta' xulxin, ...*? Taħsbu li San Pawl qed jgħidilna sabiex nerfgħu salib in-nies jew sabiex ngħinu lill-ħaddieħor iġorr is-salib tiegħu/tagħha?
- Kif tistgħu tgħinu lill-oħrajn iġorru s-salib tagħhom?

Araw dan il-klipp flimkien

Diskussjoni

- X'dehrilkom minn dan il-klipp?
- X'tgħallimtu minnu?
- Xi sfida joffrilkom dan il-klipp?

Li kull bniedem għandu drittijiet u responsabiltajiet

- Ir-rispett lejn id-dinjità tal-persuna u lejn il-ħajja jitlob li jkun hemm diversi drittijiet. Ic-charter universali tad-drittijiet umani li ġie ffirmat f'Pariġi fl-10 ta' Diċembru 1948, u li ġie tradott f'500 lingwa, jagħti valur lid-dinjità ta' kull persuna, hi min hi, hi minn fejn hi, hu x'inhu twemminha.

- Id-drittijiet biss mhumiex biżżejjed. Hemm id-dmirijiet ukoll, hemm ir-responsabilitajiet ukoll. Ma nistgħux inkunu dejjem lesti sabiex nirċievu u ma nikkontribwixxu xejn lejn l-oħrajn, lejn il-membri tal-familja, lejn il-komunità tagħna u lejn is-soċjetà. Jekk tassew għandna għal qalbna l-ġid komuni, jeħtieġ li nittrawmu sew fir-responsabilitajiet, fid-dmirijiet tagħna. Aktar ma nkunu responsabbli, aktar nagħrfu d-drittijiet tagħna u tal-oħrajn.

- Min jaħseb biss fid-drittijiet u ma jaħsibx fid-dmirijiet jikber f'persuna egoista, u individwalista. Aħna maħluqin sabiex ngħixu f'familja, f'komunità li timmatura bit-twettiq tar-responsabiltajiet lejn xulxin, mhux bid-drittijiet biss.

- Il-ħajja hija bbilanċjata bejn responsabilitajiet/dmirijiet u drittijiet. Il-bilanċ bejn ir-responsabiltajiet/dmirijiet u drittijiet jgħinu sabiex il-bniedem, is-soċjetà, il-pajjiż ikunu aktar siguri, hekk tiġi eliminata kull forma ta' diskriminazzjoni u tikber aktar il-ġustizzja.

- Il-Knisja Kattolika ilha mill-1891 sa żmienna tikteb, tgħallem, u xxandar dwar ir-responsabiltajiet u d-drittijiet tal-bniedem. Dan kollu tagħmlu għaliex hemm bħala bażi d-dinjità tal-persuna umana li hija maħluqa xbieha ta' Alla.

Diskussjoni

- Bħala adolexxenti x'tifhmu bi dmirijiet u responsabiltajiet? Tistgħu ssemmu xi wħud minnhom li bħala adolexxenti tistgħu twettquhom?
- Għaliex taħsbu li l-Knisja Kattolika minn dejjem kienet minn ta' quddiem sabiex tippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u tgħallem dwar ir-responsabiltajiet?
- Għaliex taħsbu li d-drittijiet u d-dmirijiet/responsabilitahiet huma magħqudin mal-ġustizzja?

L-għażla preferenzjali u l-imħabba lejn il-foqra u l-vulnerabbli

- Fil-Bibbja kemm fit-Testment l-Antik u anke fit-Testment il-Ġdid aħna mitluba nagħtu priorità lill-bżonnijiet tal-foqra u tal-vulnerabbli.

- Il-Knisja Kattolika dejjem għallmet u ħadmet b'diversi modi u manjieri sabiex tgħin lill-foqra u lill-vulnerabbli. F'pajjiżna l-Knisja kienet minn tal-ewwel li waqqfet istituzzjonijiet sabiex tgħin lill-foqra u lill-vulnerabbli permezz ta' djar għat-tfal, għall-anzjani, permezz tal-*Caritas*, permezz taċ-ċentri għar-riabilitazzjoni, permezz tad-Dar tal-Providenza u ta' diversi djar oħra bħal Dar Nażaret.

- Fejn jidħol il-faqar l-aħjar ħaġa hija li l-faqar jiġi eliminat. Sadanittant Ġesù stess qalilna: *Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, u tistgħu tgħinuhom kull meta tridu*. (Mk 14, 7)

- Li naħdmu favur il-foqra u l-vulnerabbli huwa dmir tagħna bħala persuni Nsara. Dan nagħmluh mhux għax nitħassruhom, imma għaliex hekk titlob minna l-ġustizzja soċjali.

Siltiet mill-Bibbja dwar l-importanza li naħsbu u nieħdu ħsieb il-foqra u l-vulnerabbli

> *'Mela jekk wieħed għandu biex jgħix fid-dinja u jara 'l ħuh fil-bżonn u jagħlaq qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih?'*
>
> 1 Ġw 3, 17

> *'Kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu żżuruni.' Mbagħad iweġbuh il-ġusti, 'Mulej', jgħidulu, 'meta rajnik bil-ġuħ u tmajnik, jew bil-għatx u sqejnik? Meta rajnik barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek? Meta rajnik marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?' U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.'*
>
> Mt 25, 36-40

> *'Min iħenn għall-fqir ikun qed jislef lill-Mulej, u hu jroddhulu bi ħlas tajjeb.'*
>
> Prov 19, 17

Diskussjoni

- Hawn diversi forom ta' faqar, mhux biss il-faqar materjali, imma wkoll dak spiritwali X'tifhmu b'dan?
- Tistgħu ssemmu xi istituzzjonijiet li jaħdmu favur il-foqra u l-vulnerabbli, kemm dawk li huma tal-Knisja u anke dawk li huma tal-Istat li jinsabu f'pajjiżna (Malta u Għawdex)?
- Bħala adolexxenti kif tistgħu tgħinu lill-foqra?

Araw dan il-klipp flimkien



Diskussjoni

- X'jidhirlkom minn dawn il-klipps?
- X'tgħallimtu minnhom?

Id-dinjità tax-xogħol u d-drittijiet/responsabiltajiet tal-ħaddiema

- Ma hemm l-ebda dritt mingħajr dmir, mingħajr responsabiltà. Għalhekk filwaqt li huwa fid-dmir tal-Istat li jipprovdi xogħol għan-nies, in-nies għandhom id-dmir, ir-responsabilità li jagħmlu xogħolhom sewwa; jiġifieri li jmorru fil-ħin għax-xogħol, li ma jaħlux ħin fuq ix-xogħol imma jagħmlu x-xogħol mitlub minnhom f'ħinu; huma fid-dmir li jirrispettaw dak kollu li hu tax-xogħol – materjal, informazzjoni, rispett lejn l-awtorità u lejn il-kollegi.

- Min-naħa l-oħra min iħaddem għandu jħossu responsabbli tal-ħaddiema. Hu fid-dmir li jħallas lill-ħaddiema tiegħu, iħallashom skont il-ftehim, kif titlob il-liġi tal-pajjiż u jħallashom fil-ħin. Huwa fid-dmir li jieħu ħsieb tal-ħaddiema, jara li huma rispettati mill-awtorità li tħaddimhom, jara li hemm rispett bejn il-kollegi, jara li hemm sigurtà fuq ix-xogħol, jara li l-ħaddiema huma stmati.

- Il-ħaddiema għandhom dritt li jissieħbu f'għaqdiet li jieħdu ħsiebhom bħala ħaddiema.

- Dan kollu huwa parti mill-ġustizzja u rispett lejn id-dinjità u l-ħajja tal-persuni – tal-ħaddiema, u lejn is-soċjetà inġenerali.

Silta mill-Bibbja dwar ix-xogħol u rispett lejn il-ħaddiema

> *'La żżommx il-ħlas tal-miskin u l-fqir, sew jekk ikun wieħed minn ħutek, sew jekk ikun wieħed mill-barranin, li jkun jgħammar fi bliet artek. Agħtih il-ħlas dak in-nhar stess, u tħallix ix-xemx tgħib minn fuqu, għax hu fqir u dan ikun jistenna. U ma jgħajjatx kontra tiegħek quddiem il-Mulej, u jkollok ħtija.'*
>
> Dewt 24, 14

> *'U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u jħarsu.'*
>
> Ġen 2, 15

Diskussjoni

- Bħala adolexxenti intom ma tmorrux għax-xogħol bħall-ħaddiema l-oħra, imma għandkom id-dritt għall-edukazzjoni u d-dmir li ma taħlux żmien, li tagħmlu ħilitkom li titgħallmu, għaliex dan huwa ta' kontribut lis-soċjetà issa u 'l quddiem. X'taħsbu dwar dan?

Is-solidarjetà ta' bejnietna

- Is-solidarjetà tfakkarna li aħna familja waħda hi x'inhi n-nazzjonalità, il-kultura, ir-razza, il-kulur u t-twemmin tagħna. Aħna lkoll aħwa, għalhekk aħna fid-dmir li nieħdu ħsieb xulxin. Id-dinja saret raħal wieħed, għalhekk id-dmir li nieħdu ħsieb xulxin huwa neċessarju ħafna. Is-solidarjetà ta' bejnietna ma nagħmluhiex għaliex nitħassru lil xulxin, imma għaliex hekk titlob il-ġustizzja u d-dinjità tal-persuna.

- Fil-qalba tas-solidarjetà nsibu l-ħtieġa tal-ġustizzja u l-paċi. Il-Papa Pawlu VI jgħidilna li jekk irridu l-paċi fid-dinja hemm bżonn naħdmu għall-ġustizzja. Ġesù fl-Evanġelju, fil-beatitudnijiet jgħallimna sabiex inkunu persuni li jġibu l-paċi, jiġifieri persuni ta' ġustizzja. Nistgħu ngħidu li l-bażi evanġelika tat-tagħlim soċjali tal-Knisja huma l-beatitudnijiet.

- Bħala adolexxenti, is-solidarjetà ta' bejnietna fuq livell wiesgħa nistgħu nuruha billi noffru flus u oġġetti bżonnjużi għall-bniedem, ukoll billi nitolbu sabiex id-dinjità tal-persuna tkun dejjem rispettata, sabiex fid-dinja jkun hawn aktar paċi u ġustizzja.

- Nuru solidarjetà bejnietna mhux biss fuq livell ta' pajjiż u ta' dinja, imma wkoll bejnietna fil-familja tagħna, ma' sħabna, ma' ħbiebna u mal-komunità/soċjetà li ngħixu fiha. Hemm diversi modi, li intom bħala adolexxenti tistgħu tagħmlu dan; il-flus mhux kollox, hemm wisq aktar modi u manjieri kif nistgħu nuru solidarjetà mal-oħrajn. (ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1939-1942)

Silta mill-Bibbja li tfakkarna fil- ħtieġa tas-solidarjetà ta' bejnietna

> *'Issa l-ġisem m'huwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri ... jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu. Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu.'*
>
> 1 Kor 12, 14. 26-27

Diskussjoni

- Bħala adolexxenti kif tistgħu turu solidarjetà mal-familja tagħkom, ma' sħabkom, ma' ħbiebkom u anke fil-komunità Nisranija u fis-soċjetà Maltija?
- Bħala adolexxenti x'tissuġerixxu sabiex ikun hawn aktar solidarjetà bejn il-popli?
- Tistgħu ssemmu xi persuni li ħadmu u għadhom jaħdmu favur is-solidarjetà, f'pajjiżna u barra minn pajjiżna?

Araw din il-klipp flimkien

Id-dmir u responsabiltà li nieħdu ħsieb id-dar komuni tagħna – il-ħolqien

- Il-Knisja, imdawla mill-Kelma ta' Alla, ilha għal żmien twil tgħallem, ixxandar u tikteb li għandna nieħdu ħsieb l-ħolqien kollu. Bosta Papiet kitbu dwar dan, imma huwa l-Papa Franġisku li saħaq ħafna fuq din il-ħtieġa, u għalhekk ħareġ l-Enċiklika (Ittra għad-dinja kollha) li jisimha *Laudato sì*.

- F'din l-Enċiklika il-Papa jurina bl-aktar mod ċar li l-ħolqien kollu, inkluż il-baħar u dak li hemm f'qiegħ il-baħar, aħna fid-dmir li nieħdu ħsiebu.

- Kollox huwa rigal minn Alla u aħna fid-dmir li nieħdu ħsiebu mhux biss għalina nfusna imma wkoll għall-ġenerazzjonijiet li ġejjin warajna.

- Il-Papa Franġisku qalilna li f'dawn l-aħħar mitejn sena, għamilna ħafna ħsara lill-ħolqien, għalhekk hemm bżonn li nieħdu ħsieb il-ħolqien kollu b'aktar serjetà. Kull wieħed u waħda minna huwa responsabbli tal-ħolqien.

Silta mill-Bibbja dwar li għandna nieħdu ħsieb id-dar komuni tagħna - il-ħolqien

> *'U qal Alla: "Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tajr tal-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u*

fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art”.’

Ġen 1, 26

Araw dawn il-klipps flimkien

Diskussjoni

- X’jidhirlkom minn dawn il-klipps?
- X’tgħallimtu minnhom?
- Kif tistgħu bħala adolexxenti tieħdu ħsieb tad-dar komuni tagħna: il-ħolqien?
- X’tissuġerixxu sabiex kemm fuq livell nazzjonali u anke dak internazzjonali nkunu nistgħu nieħdu ħsieb aħjar tal-ħolqien?

Sfida

Matul din il-ġimgħa uru solidarjetà ma’ xi ħadd, ħossu r-responsabiltà li tagħmlu dan bis-sħiħ kemm għal ġid tagħkom infuskom u dak tas-soċjetà, agħmlu dan ma’ sħabkom, mal-ħbieb, mal-familja, ma’ xi ħadd li ma tantx għandkom grazzja miegħu/magħha, agħmlu dan kullimkien speċjalment l-iskola u waqt l-attivitajiet extra-kullikulari.

Inkantaw u nitolbu flimkien

Djarju
Fid-Djarju tiegħek, ikteb jew pinġi l-esperjenza tiegħek meta urejt solidarjetà ma' xi ħadd, ikteb/pinġi dwar dak li ħassejt u x'tgħallimt minn din l-esperjenza.

Katekeżi Familja

Talba flimkien bħala familja
Mulej Ġesù nitolbuk sabiex tiftħilna qalbna għall-bżonnijiet tal-oħrajn. Agħtina l-kuraġġ u l-għajnuna sabiex inkunu persuni li mhux biss nemmnu fid-dinjità tal-bniedem imma li nirrispettawha u nħabirku għaliha. Nitolbuk għinna sabiex mhux biss inħobbu u ngħożżu l-ġustizzja u l-paċi, imma li naħdmu għalihom ukoll. Marija Omm Ġesù ħu ħsieb il-familja tagħna u għinna nkunu persuni ta' paċi. Ammen

Kapitlu 4
L-ISPIRTU S-SANTU HABIB TA' DEJJEM
Tema 1
NITOLBU B'METODI U MEZZI DIFFERENTI

Nibdew il-laqgħa b'talba

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jiskopru mezzi differenti sabiex jitolbu bihom, fosthom bl-Iskritura Mqaddsa, u b'personaġġi Bibbliċi li faċilment jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni qawwija fil-ħajja tagħhom.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' Esperjenzi
- Ġieli smajtu li hemm diversi modi kif nistgħu nitolbu? Tistgħu ssemmu xi wieħed jew aktar minnhom?

Storja
Kien hemm wieħed raħeb eremita tad-deżert, jiġifieri raġel li jgħix bħal patri, jgħix waħdu fid-deżert. Kien jgħaddi l-ġurnata jitlob, isum u jagħmel ħafna sagrifiċċji. Kellu kamra fejn joqgħod, kellu wkoll kappella ċkejkna ħafna u biċċa raba' li kien jaħdimha sabiex ikollu ħaxix x'jiekol.
Darba mar għandu wieħed żagħżugħ u talbu sabiex jgħallmu jitlob. Il-raħeb qallu: 'meta tkun miexi fid-deżert, tippassiġġa f'dawn l-inħawi, u kull meta tiltaqa' man-nies, għid f'qalbek: **Mulej, kemm inti kbir sabiex għamilt dan il-ħolqien kollu**'. Iż-żagħżugħ staqsieh: 'kemm-il darba ngħid dan kollu'. Ir-raħeb qallu: 'kull meta tieħu nifs'. Iż-żagħżugħ hekk għamel. Bil-mod il-mod induna li aktar ma beda josserva il-ġmiel tal-ħolqien aktar beda jfaħħar lil Alla, tant li din it-talba saret parti minn ħajtu. Hekk tgħallem jitkellem ma' Alla u jfaħħru għall-ħolqien kollu inkluż għan-nies ta' ġo fih.
Wara sitt xhur iż-żagħżugħ reġa' mar għand ir-raħeb u qallu, 'Dik it-talba li għidtli biex ngħid saret parti minn ħajti, tista' tgħallimni nitlob bil-Kelma ta' Alla?' Ir-raħeb qallu: 'sib post għall-kwiet, ħu l-Bibbja f'idejk, sikket kemm tista' l-ħsibijiet tiegħek, u lil Alla itolbu: *Mulej, urini xi trid tgħidli permezz tal-Kelma tiegħek*. Wara iskot ħalli tisma', tara, u tosserva dak li jkun qed jiġri madwarek'.
Iż-żagħżugħ qallu: 'kemm-il darba għandi nitlob dan?' Ir-raħeb wieġbu: 'ma' kull nifs li tieħu, għaliex il-kliem li taqra fil-Bibbja jissarraf fil-mumenti kollha ta' matul il-jum sakemm il-bniedem ikun ħaj'.
Dakinhar iż-żagħżugħ beda jifhem li l-Kelma ta' Alla issaħħaħlu ħajtu kollha. Huwa fehem ukoll li hemm diversi modi kif wieħed jista' jitlob, fehem li t-talb huwa parti mill-ħajja tal-bniedem, anzi li t-talb jagħti ħajja lill-bniedem.

X'jiġifieri Nitlob?
Fit-talb tagħna dejjem nibdew billi nroddu s-salib. Hekk fit-talb tagħna nkunu qed nitolbu f'isem u nsejħu l-għajnuna tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.

L-Ispirtu s-Santu, li huwa l-Ispirtu Qaddis tal-imħabba jgħallimna sabiex waqt it-talb nafdaw lill-Mulej u nitolbu bl-imħabba safja kemm għalina nfusna u kemm għall-oħrajn.

It-talb u l-attitudni lejn it-talb
Biex nitolbu tassew irridu nrawmu fina attitudni ta' talb. Meta nużaw it-talb, jiġifieri, nitolbu biss għaliex inqalgħalna xi ħaġa, jew sa nitlob lil Alla għaliex ma nistax nagħmel ieħor, jew immur biex nitlob sabiex jarawni n-nies. Dan mhux talb. Din hija drama!

It-talb huwa konversazzjoni ma' Alla. Titkellem u tisma'. Lil Alla tista' tgħidlu li trid, xħin trid. Tista' tiftaħ qalbek miegħu fuq il-ferħ, id-dwejjaq, l-emozzjonijiet tiegħek, għalxiex tħossok irrabjat, nervuż, anzjuz, tkellmu fuq il-biżgħat tiegħek u fuq ix-xewqat tiegħek. Titkellem miegħu bħalma titkellem ma' ħabib. Anzi tista' titkellem u tiftaħ qalbek miegħu aktar minn ħabib li tara għaliex minn Alla ma hemmx għaliex tisħti. Huwa qatt mhu ser jittradik jew jidħaq bik. Kulma jrid Alla hu li tafdah. Aktar ma tafdah aktar turi li qed taċċetta mħabbtu.

Ħafna jsaqsu: jekk Alla jaf kollox għaliex għandi noqgħod ngħidlu kollox? It-tweġiba hija sempliċi: Għaliex meta qed tiftaħ qalbek, meta qed titkellem diġa' qed tistrieħ. Barra dan, il-bniedem jitkellem/jiftaħ qalbu ma' min jemmen fih, ma' min jafda fih, ma' min jaf li se jgħinu. Dan kollu jagħti ħafna serħan lill-qalb u lill-moħħ. Fit-talb bħal fil-ħbiberiji hemm mumenti fejn wieħed jitkellem u l-ieħor jisma'. Aktar ma jisma' aktar juri li qed jemmen fil-persuna li lilha jkun qed ikellem.

Fantasy Trip flimkien
Nimmaġinaw żewġt iħbieb mexjin fi vjaġġ twil. Dawn iż-żewġt iħbieb għandhom ħaġa komuni bejniethom: il-mużika. It-tnejn iħobbu l-istess stil ta' mużika. Kienet il-mużika li resqithom lejn xulxin. Maż-żmien żviluppat ħbiberija soda bejniethom. Bdew jemmnu f'xulxin. Bdew jafdaw lil xulxin. Żgur li bħala ħbieb hemm min jitkellem u min jisma'. Għax huma ħbieb jixtiequ l-ġid lil xulxin. Għax huma ħbieb mhux ser jabbandunaw lil xulxin u lanqas jittradixxu lil xulxin. Għax huma ħbieb ma jistħux jiftħu qalbhom b'dak kollu li hu sabiħ u ikrah. Għax huma ħbieb ma jiddejqux jitolbu l-għajnuna lil xulxin. Għax huma ħbieb u jafu lil xulxin jaħsbu ħafna f'xulxin u jagħmlu ħilithom sabiex ma jweġġgħux lil xulxin u jekk dan jiġri, jaħfru lil xulxin u jibqgħu mexjin. Għax huma ħbieb tassew ma jiħdux lil xulxin *for granted*, anzi jibżgħu għal xulxin u għar-relazzjoni ta' bejniethom.

Jekk dan isir bejn żewġt iħbieb tad-demm u l-laħam, kemm aktar għandu jsir dan bejna u bejn Alla speċjalment waqt it-talb?

It-talb isaħħaħ il-ħbiberija tagħna ma' Alla matul il-ħajja tagħna kollha.

Nimxu pass pass mal-bżonn tat-talb billi niskopru sewwa dawn l-erba' mistoqsijiet

Għaliex għandna nitolbu?
Nitolbu għaliex għandna bżonn, u għaliex hawn ħafna ħafna bżonnijiet madwarna. Nitolbu għalina nfusna, nitolbu għall-oħrajn, nitolbu għal dawk li naraw u għal dawk li ma narawx imma huma parti mill-umanità, nitolbu għall-ħolqien kollu. Filwaqt li nrawmu attitudni inklussiva fit-talb, aktar inħallu lil Alla jieħu ħsiebna.

Lil min għandna nitolbu?
Nitolbu lil Alla veru, li jista' kollox. Nitolbu lil Alla li huwa missierna, li huwa l-aqwa ħabib li

jista' jkollna, ħabib li qatt mhu ser jitraddina. Nitolbu lil Alla li huwa mħabba; li daqskemm huwa mħabba daqstant ieħor huwa ġust. Nitolbu lil Alla li huwa ħanin, li jaħfer u dejjem lest li jipprovdi okkażjonijiet sabiex il-bniedem jersaq lejh.

Kif għandna nitolbu?
Nitolbu bil-qalb, nitolbu dejjem mingħajr ma naqtgħu qalbna. Nitolbu bil-fidi u bl-umiltà. Nitolbu bi gratitudni - jiġifieri b'sens ta' ringrazzjament. Hija ħasra li sakemm ikollna bżonn xi ħaġa lil Alla nitolbuh bil-qalb u b'ħafna insistenza; imbagħad meta naqilgħu l-grazzja ninsew nirringrazzjawh.

Nitolbu bil-qalb: Niftħu qalbna ma' Alla mhux nitolbu bl-amment bħala rutina, mingħajr lanqas biss nafu u nifhmu x'qed ngħidu.

Nitolbu dejjem mingħajr ma naqtgħu qalbna. Ir-relazzjoni ma' Alla fit-talb, hija bħar-relazzjoni bejn żewġt iħbieb – ħbieb tassew ma jfittxux lil xulxin fil-bżonn biss, din ma tkunx ħbiberija imma jkunu qed jinqdew b'xulxin. L-istess ma' Alla, ma nfittxuhx biss fil-bżonnijiet tagħna, imma dejjem, kemm fis-sabiħ tal-ħajja u anke fl-ikrah u fid-diffikultajiet. Meta ma nistgħux nitolbu għaliex qalbna tkun muġugħa ħafna u kliem ma nistgħux ngħidu imma nħossuna li rridu nitkellmu ma' xi ħadd li huwa aqwa minna - mal-Mulej, tiddejqux, il-Mulej jifhem, imma xorta fittxuh lill-Mulej. Tingħalqux fikom infuskom. Ibqgħu tkellmu mal-Mulej. Fejn ma tistgħux titkellmu, għidulu lill-Mulej. Xorta waħda idħlu f'atmosfera ta' talb u isktu. Ħallu qalbkom titkellem fis-skiet mal-Mulej. Qatt taqtgħu qalbkom, il-Mulej ma jidħaq b'ħadd. Importanti li tiftakru li l-ħin ta' Alla mhux il-ħin tagħna. Alla jara aktar 'il bogħod minna, Hu jaf il-futur, għalhekk stennew u afdawh.

Nitolbu bi gratitudni: Dan ifisser li nitolbu b'qalb u attitudni mimlija ringrazzjament għal dak kollu li Alla għamel magħna fil-passat, għal dak li qed jagħmel magħna fil-preżent u għal dak li għad jagħmel magħna fil-futur. Hemm ħafna affarijiet li jiġru f'ħajjitna għall-ġid tagħna bla aħna ma nkunu nafu. Alla jaf jieħu ħsiebna sew, għalhekk hemm bżonn nidraw ngħidu grazzi lill-Mulej.

Nitolbu bil-fidi u bl-umiltà
L-importanti hu li nitgħallmu npoġġu kollox f'idejn Alla – nuruh li nafdawh. Waqt it-talb ma nistgħux ngħidu lil Alla x'għandu jagħmel. Uruh li temmnu tassew fih, tafdawh, u tafdawh b'kollox mhux bil-biċċiet. Li temmen, tħobb u tafda jimxu id f'id.
Is-supperv ma jitlobx għaliex jaħseb li hu alla, jaħseb li hu jista' kollox, jaħseb li bir-raġuni u bil-ġid materjali jista' kollox. L-umli jitlob għaliex jaf li hu limitat, jaf li għandu bżonn lil Alla. Min hu umli jaf li meta jitlob qed jemmen f'Alla li jista' kollox, f'Alla li jista' jafdah, f'Alla li jixtieqlu l-ġid.

Għalxiex u għal min għandna nitolbu?
Nitolbu għal kollox u għal kulħadd, għall-ħolqien kollu. Nitolbu kemm għal dawk li jħobbuna u jġibulna rispett u kemm għal dawk li ma jġibulniex rispett u ma jħobbuniex. Mhux faċli li nitolbu għal dawn tal-aħħar imma hemm bżonn li nitolbu għalihom sabiex dawn il-persuni jieqfu jagħmlu l-ħażen lilna u lill-oħrajn.

Diskussjoni
- Issibuha bi tqila li nitolbu? Għaliex?
- Meta l-aktar li tħossu l-bżonn tat-talb?
- Meta verament kellkom esperjenza ta' talb, kif ħassejtukom?
- Permezz ta' siltiet mill-Bibbja iddiskutu l-attitudni tagħkom għat-talb. Għalhekk iddiskutu flimkien tnejn minn dawn il-parabboli.
  Fl-Evanġelju skont San Luqa insibu diversi parabboli li Ġesù qalhom sabiex jurina kif għandha

tkun l-attitudni tagħna waqt it-talb.
- Il-parabbola ta' dak il-ħabib li mar bil-lejl: Lq 11, 5-13.
- Il-parabbola tal-fariżew u l-publikan: Lq 118, 9-14.

Wara din l-attività nkantaw flimkien

Attività fil-grupp

Adorazzjoni quddiem Ġesù f'kappella/knisja
Fejn hu possibbli nagħmlu mqar 20 minuta quddiem Ġesù Sagramentat fis-skiet u/jew b'*background music* baxx ħafna u nħallu lil dawn l-adolexxenti jiggustaw u jitolbu fis-skiet.

Fejn mhux possibbli li jkun hemm Ġesù Sagramentat nistgħu noħolqu ambjent ta' skiet u ta' talb fejn il-grupp iħossu li jista' jitlob. Nissuġerixxu li fl-ambjent fejn ser isir dan il-mument ta' talb, jitħejja sewwa l-ambjent billi fuq mejda jiġi ppreparat kurċifiss, u/jew ikona, u fuq mejda oħra npoġġu b'rispett kbir il-Kelma ta' Alla. (Jekk ser tintuża xi xemgħa, tiġi użata dik bil-*battery*).

Il-preparazzjoni tal-adolexxenti għal dawn il-mumenti ta' talb hija importanti ħafna. Is-skiet u l-għażla tal-mużika għal dawn il-mumenti hija tassew importanti.

Nitolbu b'metodi u mezzi differenti

Nota lill-katekist/a:
- Dawn il-metodi differenti ta' talb huma rakkomandati li jsiru bħala attivitajiet waqt il-laqgħat mal-grupp sabiex l-adolexxenti jitgħallmu l-metodu ħalli jkunu jistgħu jużawh waqt it-talb tagħhom meta jridu.
- Meta nitolbu bil-Bibbja tajjeb li nħajru lill-adolexxenti jġibu l-Bibbja magħhom.
- Tajjeb li s-siltiet mill-Bibbja jitpġożġew u jitħallew fuq bord fil-kamra tal-laqgħat.
- Din it-tema ta' dan il-kapitlu hi maħsuba biex issir f'diversi laqgħat u mhux f'laqgħa waħda.

Nitolbu bis-Salmi
Fil-Bibbja, fil-Ktieb tas-Salmi nsibu 150 Salm. Il-poplu Lhudi jqis u jgħożż il-Ktieb tas-Salmi bħala l-ktieb tat-talb tagħhom. L-istudjużi tal-Bibbja jgħidulna li s-Salmi ġew miktuba minn diversi nies. Ir-Re David jitqies bħala l-aktar wieħed li kiteb Salmi. Is-Salmi jesprimu kull xewqa, kull emozzjoni tal-bniedem – minn Salmi ta' tifħir u ta' ringrazzjament, għal Salmi li jitolbu maħfra, li jitolbu għajnuna waqt tentazzjonijiet. Insibu Salmi li jgħinuna meta nkunu ser naqtgħu qalbna, jew qed nibżgħu. Insibu Salmi li jservuna ta' gwida fid-deċiżjonijiet jew għażliet tagħna, oħrajn li jgħinuna nfittxu l-għerf u oħrajn li jagħmlulna kuraġġ.

Fis-Salmi nsibu kliem li jesprimu kull kundizzjoni tal-qalb u tal-ħajja tal-bniedem. Fuq kollox is-Salmi jgħallmuna li eluf ta' snin ilu il-bniedem ħass il-bżonn li jiftaħ qalbu ma' Alla. Kemm hi ħaġa sabiħa meta niftakru li tant snin ilu s-salmisti kellhom ukoll l-istess emozzjonijiet u bżonnijiet bħalna, u dawn ma beżgħux jesprimuhom bil-fomm u bil-kitba quddiem il-Mulej.

Eżempju:
- **Meta tħossok waħdek**: aqra u itlob b'Salm 23 jew Salm 42.

Il-metodu
- Sibu post ta' skiet, jista' jkun f'xi kappella, Knisja jew f'post fis-skiet fid-dar tagħkom, jew qalb il-kampanja/ħdejn il-baħar.
- Sibu Salm 23 mill-Bibbja: **Il-Mulej hu r-Ragħaj Tiegħi**.
- Itolbu lil Alla jgħinkom sabiex tifhmu b'qalbkom dan is-Salm.
- Aqrawh kollu.
- Żommu s-skiet għal ftit ħin.
- Erġgħu aqrawh u araw liema kelma jew kliem l-aktar li jolqotkom.
- Żommu dan il-kliem f'qalbkom u f'moħħkom u itolbu lill-Mulej jgħinkom tifhmuh.
- Iftħu qalbkom mal-Mulej b'dak kollu li qed tħossu u tixtiequ.
- Bl-akbar fiduċja fil-Mulej, itolbuh ikompli jkun magħkom u li jagħtikom dak kollu li tixtiequ jekk dan huwa tajjeb għalikom.
- Erġgħu aqraw is-Salm u rringrazzjaw lil Alla ta' kollox.

Eżempji ta' salmi għall-okkażjonijiet differenti fil-ħajja
- **Tixtieq titlob maħfra**: Salm 51.
- **Meta l-ħajja tiegħek tħossha iebsa u tixtieq titlob l-għajnuna ta' Alla**: Salm 25, 1-8.
- **Biex titgħallem tfaħħar lil Alla u titlob il-barka tiegħu**: Salm 66, 1-7.
- **Tfaħħar l-imħabba u l-ħniena ta' Alla**: Salm 103, 1-22.
- **Sabiex bħala adolexxent/a (*teen*), tibqa' fit-triq it-tajba u tikber f'żagħżugħ/żagħżugħa tajba**: Salm 119, 9-16.

Nitolbu permezz ta' siltiet u/jew personaġġi Bibliċi

Iż-żagħżugħ Danjel u l-ħbieb tiegħu
- **Infittxu u niskopru** min kien Danjel, l-istorja u l-kuntest li fih għex.
- **Inżommu s-skiet u nistiednu lill-Mulej** jgħinna sabiex nifhmu l-Kelma tiegħu.
- **Naqraw** il-kapitlu 6 tal-Ktieb ta' Danjel. (Jekk dan isir fil-grupp xi ħadd jaqra dan il-kapitlu).
- **Il-katekist/a tara li kulħadd fehem l-istorja, fehem il-kliem**.
- Wara ftit minuti ta' skiet tistaqsi lill-grupp: *sharing* fil-grupp. Tajjeb li kull membru jipparteċipa:
  - X'fhimtu minn din l-istorja?
  - X'għamel Danjel?
  - Għaliex Danjel ġie ppremjat mill-Mulej?
  - X'għamel il-Mulej ma' Danjel?
  - X'titgħallmu minn Danjel?
  - B'mod individwali kif jolqotkom Danjel...x'tammiraw fih?
- Bħala grupp infittxu għaliex nammiraw lil Danjel? X'namiraw fih? Kif Danjel jista' jkun mudell għall-ħajja tagħkom bħala adolexxenti/żgħażagħ? Xi sfida joffrilkom Danjel?
- Jinżamm ftit minuti ta' skiet sabiex titolbu lill-Mulej jgħinkom sabiex tkunu persuni li tafdaw fil-Mulej.
- Kull membru tal-grupp jagħmel talba lill-Mulej.

Il-proċess ta' dan il-*Bible Sharing* għall-adolexxenti

1. **Qabel** ma jsir il-*Bible sharing* kemm fuq livell ta' grupp, kif ukoll dak individwali nagħmlu ftit riċerka dwar il-personaġġ, u/jew l-istorja, u/jew il-kuntest li nkitbet. Riċerka dwar l-awtur, sew jekk ikun mit-Testement l-Antik u sew jekk ikun mit-Testment il-Gdid.
2. **Inħejju** lilna nfusna sabiex nidħlu f'atmosfera ta' talb, u **nistiednu** lill-Mulej billi nitolbuh jgħinna nifhmu l-Kelma tiegħu.
3. **Naqraw** it-test mill-Bibbja. Inżommu ftit minuti ta' skiet biex naħsbu fuq dak li qrajna.
4. ***Sharing*** bejn il-membri fil-grupp, fuq livell individwali – **nitkellmu** mal-Mulej dwar dak li jkun laqatna mill-qari Bibliku.
5. **Infittxu** x'nitgħallmu minn dan il-personaġġ (tista' tkun parabbola, jew xi storja Biblika, jew xi vrus Bibliċi); għalhekk nistaqsu lilna nfusna: **kieku kont jiena** flok dan il-personaġġ x'kont nagħmel, kif kont inġib ruħi?
6. Minn dak li ħsibtu, irriflettejtu fuqu, **xi sfida joffrilkom** dan il-personaġġ għall-ħajja tagħkom? (tista' tkun parabbola, jew xi storja Biblika, jew xi vrus Bibliċi). Ħudu din l-isfida fuq livell personali għal matul il-ġimgħa li tkun ġejja.
7. **Nagħlqu b'talba** minn qalbna lill-Mulej.

Ftit eżempji ta' siltiet Bibliċi għall-*Bible Sharing*

- Mk 4, 35-41 - Ġesù jikkalma t-tempesta
  - Immaġinakom/immaġinak wieħed mill-appostli fuq id-dgħajsa.
  - X'kont tagħmel?
  - X'tgħallimtu/tgħallimt din din il-ġrajja?
- Rut 1, 6-16 - Il-ħbiberija ta' Rut ma' omm żewġha.
  - Kieku inti kont flok Rut x'kont tagħmel?
  - X'nitgħallmu minn din il-mara dwar il-ħbiberija vera?
- Ġoż 1, 9
  - kif laqatkom dan il-vers għall-ħajja kollha tagħkom?
- 1 Tim 4, 12
  - xi sfida joffri dan il-kliem ta' San Pawl lil Timotju?
- Ġer 29, 11
  - bħala adolexxenti x'taħsbu dwar dan il-kliem tal-Mulej lil Ġeremija?
- Salm 55, 17 - Nitolbu ta' spiss.
- Mt 5, 44 - Nitolbu għall-għedewwa tagħna.
- Mt 18, 19-20 - Nitolbu mal-oħrajn.
- Ġk 5, 13-14 - Nitolbu għall-morda u għal dawk li huma fil-bżonn.
- Lq 1, 39-45 - Marija Omm Ġesù mudell ta' **karità**.
- Ġw 19, 25 - Marija Omm Ġesù hija mudell ta' **fedeltà** għaliex kienet ma' Ġesù matul il-ħajja tiegħu kollha sa meta kien mislub fuq is-salib.

Nitolbu permezz ta' kelmiet ta' xi għorrief spiritwali

Niddiskutuhom waqt il-laqgħat tagħna f'atmosfera ta' talb. Inġibu ftit eżempji:

- Tinsa qatt it-tliet għodod qawwija ħafna li tista' tuża meta trid, dawn huma l-imħabba, it-talb u l-maħfra - *H. Jackson Brown, Jr*.
- Biex nibqgħu ħajjin irridu nieħdu n-nifs; biex nkunu Kristjani tassew irridu nitolbu ta' spiss - *Martin Luther.*
- Għandna nitolbu aktar b'qalbna, milli bix-xufftejn biss - *Adam Clarke*.

Nitolbu permezz ta' Djarju

Nistgħu nitolbu, jiġifieri niftħu qalbna mal-Mulej anke permezz ta' Djarju. Kuljum niktbu jew inpinġu dak kollu li nixtiequ ngħidu lil Ġesù: is-sabiħ, l-ikrah, l-isfidi tal-ġurnata...eċċ.

Ngħidulu – niktbu/inpinġu dwar l-emozzjonijiet tagħna quddiem diversi ċirkustanzi bħal per eżempju meta jinqala' xi diżgwid mal-ħbieb, jew meta tifraħ ma' xi ħadd, jew meta xi ħadd

faħħrek għal dak li għidt jew ktibt.

Ngħidulu kollox lil Ġesù, nirringrazzjawh ta' kollox, ngħidulu wkoll biex jieħu ħsiebna u jieħu ħsieb l-oħrajn speċjalment dawk li tafu bihom u li għandhom bżonn aktar minn oħrajn it-talb tagħna.

Fil-kitba tagħna nistgħu noffrulu kollox lil Ġesù u ngħidulu li lesti li nħallu kollox f'idejh għaliex Hu biss jaf x'inhu l-aħjar għalina.

Dan ukoll huwa mod ieħor ta' kif nistgħu nitolbu, kif nistgħu niftħu qalbna ma' Ġesù bħala l-aqwa ħabib tagħna. Maż-żmien tindunaw li dan il-metodu ta' talb jgħinkom ħafna mhux biss biex tiftħu qalbkom u tafdaw lill-Mulej imma sabiex tikkalmaw aktar. Meta wara ċertu żmien terġgħu taqraw dak li ktibtu/pinġejtu taraw kemm bil-mod il-mod tkunu qed timmaturaw b'mod sħiħ, inkluż fil-mixja tagħkom ta' fidi u fiduċja fil-Mulej.

Nitolbu permezz tas-*Centering Prayer*
Meta nitolbu permezz tas-*Centering Prayer* ifisser li matul il-ġurnata nirrepetu ta' spiss talba ċjkejkna f'qalbna. Aktar ma nirrepetuha aktar issir parti mill-ħajja tagħna. Permezz ta' hekk nikbru aktar fil-ħbiberija tagħna ma' Ġesù għaliex f'qalbna nkunu qed naħsbu aktar f'Ġesù.

Eżempji ta' *centering prayers*:
- *Qalb ta' Ġesù jiena nafda fik.*
- *Ġesù hu ħsiebna.*
- *Ġesù kun inti l-ferħ ta' qalbi.*
- *Ġesù inħobbok, għinni nħobb lill-oħrajn ukoll.*
- *Oh Marija ġilju pur, lilek jixraq kull unur.*

Sfida
Matul din il-ġimgħa agħmel ħiltek li tgħaddi ftit ħin ta' talb personali, talb li ħiereġ mill-qalb aktar milli bix-xuffejn biss.

Inkantaw u nitolbu Flimkien

Djarju
Fid-Djarju tiegħek ikteb/pinġi silta mill-Bibbja li tħobb u li laqtitek ħafna. Ikteb/pinġi għaliex laqtitek u x'tgħallimt minnha.

Katekeżi Familja

Talba għall-familja
Mulej nixtiequ nippreżentawlek kull membru ta' din il-familja. Berikna, ħu ħsiebna, eħlisna mill-perikli u tħallina qatt naqtgħu qalbna quddiem id-diffikultajiet tal-ħajja. Nitolbuk dan flimkien ma' Ommna Marija li bħalna Hi ukoll kienet tgħix f'familja. Grazzi Ġesù. Ammen.

Kapitlu 4
L-ISPIRTU S-SANTU HABIB TA' DEJJEM
Tema 2
NISKOPRU S-SAGRAMENTI

Nibdew il-laqgħa b'talba.

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti japprezzaw il-kobor u s-sbuħija tas-sagramenti bħala mezzi sabiex il-ħajja tagħhom bħala persuni Nsara tkun ħajja aktar bis-sens.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' esperjenzi
- X' tifhmu b'Sagrament?
- X'taħsbu li hi r-relazzjoni ta' Ġesù mas-Sagramenti?
- Għaliex taħsbu li huma daqshekk importanti għall-ħajja tagħkom bħala Nsara?

X'nifhmu b'Sagramenti
- Is-sagramenti huma simboli viżibbli ta' affarijiet li ma jidhrux. Dawn l-affarijiet huma l-grazzji ta' Alla. Dawn is-simboli li nistgħu narawhom, nisimgħuhom, imissuhom, inxommuhom u intogħomuhom bis-sensi tagħna għandhom tifsira kbira warajhom. (simbolu hu xi ħaġa mill-ħajja ta' kuljum, imma t-tifsira tiegħu hija profonda għall-bniedem, eż. ċurkett – nistgħu narawh, nistgħu immissuh, għal xi wħud jista' jfisser iċ-ċurkett taż-żwieġ, għall-oħrajn sinjal ta' ħbiberija jew għerusija...eċċ) (ara Appendiċi 1).

  Eżempju: Nieħdu l-ħobż u l-inbid. Dawn huma simboli li narawhom,intogħomuhom ukoll, imma għall-kliem tal-qassis, b'miraklu li ma nistgħux nifhmu, dawn isiru l-ġisem u d-demm veru ta' Ġesù Kristu.

- Permezz tas-sagramenti aħna bħala Knisja, bħala komunità ta' persuni Nsara meta nirċevuhom u anke nipparteċipaw fihom inkunu qed niċċelebraw l-imħabba ta' Alla għalina. Meta ngħidu nkunu qed nirċievu l-grazzji ta' Alla b'dan nifhmu l-preżenza mimlija mħabba ta' Alla fid-dinja. Dan kollu nirċevuh permezz ta' Ġesù Kristu li bata, miet u qam mill-mewt għalina biex isalvana. Ġesù Kristu huwa verament preżenti f'kull sagrament. Minbarra dan, is-sagramenti jgħinu lill-persuna Nisranija sabiex tasal għas-salvazzjoni.

- Is-sagramenti huma importanti fil-ħajja tan-nisrani għaliex jgħinuh isir qaddis, jiġifieri li jsir persuna Nisranija aħjar milli hu. Huma jgħinuh itejjeb lilu nnifsu u l-għajxien tiegħu kemm bħala individwu kif ukoll bħala persuna fil-komunità u fis-soċjetà. *Is-Sagramenti jgħinu lin-Nisrani li jirċevihom jersaq aktar lejn Alla permezz ta' Ġesù Kristu, u jgħinu lill-Knisja - lill-Komunità tal-Insara jikbru fl-imħabba u fix-xhieda tajba lejn xulxin u lejn l-oħrajn.* (Ara

Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1133)

- Is-seba' Sagramenti nsibuhom biss fil-Knisja Kattolika. Dan ma jfissirx li vvintathom il-Knisja, anzi l-bażi tas-sagramenti nsibuha fil-ħajja, fil-kliem, fl-azzjonijiet ta' Ġesù kemm dam fostna u wara li qam mill-mewt qabel ma tela' s-sema.

Ġesù u s-Sagramenti

Il-bażi tas-sagramenti nsibuha fil-ħajja, fil-missjoni, fil-ħidma u fl-azzjonijiet ta' Ġesù. Huma – is-sagramenti, permezz tal-Knisja, ikomplu dak li Ġesù beda fil-ministeru – fil-ħidma tiegħu, fil-missjoni tiegħu meta huwa kien fostna u wara li qam mill-mewt qabel ma tela' s-sema.

Wara li qam mill-mewt Ġesù ħalla f'idejn l-appostli sabiex ikomplu l-missjoni tiegħu. Għalhekk meta l-appostli rċevew l-Ispirtu s-Santu – f'Penetkoste, huma setgħu jagħmlu kif Ġesù għallimhom u wriehom. B'hekk setgħu jkomplu l-missjoni u l-ordnijiet li huwa tahom.

Flimkien ma' dan l-Ispirtu s-Santu għenhom sabiex jifhmu u jinterpretaw sewwa l-kliem, il-ġesti, l-azzjonijiet u l-ħidma ta' Ġesù sabiex ikunu jistgħu jwassluhom lill-Insara li lkoll flimkien – kemm l-appostli kif ukoll l-ewwel Insara kienu l-Knisja tal-bidu, jiġifieri kienu l-ewwel komunità ta' Nsara.

Għalhekk is-sagramenti ma ġewx ivvintati mill-Knisja. Il-Knisja hija biss strument sabiex tamministrahom, sabiex twassalhom lill-Insara. Mal-medda taż-żmien, wara ħafna talb u studju, il-Knisja sstrutturat aħjar is-sagramenti sabiex l-Insara jagħrfu aktar xi jfissru, jagħrfu l-kobor tagħhom u jagħrfu l-bżonn tagħhom fil-ħajja tagħhom bħala persuni Nsara.

Nota għall-katekist/a:
Wara kull sagrament, wara kull klipp tajjeb li nistaqsu lill-grupp:
- X'laqathom f'dak is-sagrament partikulari?
- X'fehmu dwaru?
- X'tgħallmu mill-klipp?

Niskopru l-Importanza tas-Sagramenti fil-ħajja tan-Nisrani

Il-Magħmudija

Permezz tal-Magħmudija, Ġesù jwassal lin-nies (trabi/adulti) għall-ħajja ġdida spiritwali fi ħdan il-Komunità Nisranija- Kristjani.

Il-Magħmudija hija l-ewwel sagrament, hija l-bieb għas-sagramenti l-oħra. Insibu referenzi ċari għall-Magħmudija fl-Evanġelju ta' San Mattew 28, 19-20:

> *'Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missieru ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu,u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom dejjem, sa l-aħħar taż-żmien.'*

Referenza oħra ċara nsibuha fil-kliem li Ġesù qal lil Nikodemu meta dan mar għandu sabiex ikellmu billejl. Bil-Magħmudija nitwieldu mill-ġdid spiritwalment għaliex hija taħfer id-dnub oriġinali (meta jkunu *babies*) u jekk xi ħadd jitgħammed adult taħfer id-dnubiet kollha ta' ħajtu. Għalhekk il-bniedem li jitgħammed jitwieled mill-ġdid. Fil-Magħmudija li ssir f'isem it-Trinità Qaddisa, il-persuna li titgħammed tirċievi l-Ispirtu s-Santu għall-ewwel darba.

Il-kliem li Ġesù qal lil Nikodemu, insibuh fl-Evanġelju skont San Ġwann 3, 5

> *'Wieġbu Ġesù: "Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla.'*

Il-Magħmudija fil-ħajja tan-Nisrani

Permezz tal-Magħmudija, kemm jekk ikun tarbija u kemm jekk ikun adult, il-persuna:

- Titwieled mill-ġdid spiritwalment b'identità ġdida bħala aħwa ta' Ġesù Kristu.
- Tiġi milqugħa (*welcomed*) u tibda tagħmel parti mill-komunità ta' Ġesù Kristu – ssir Kristjana.
- Tibda l-mixja spiritwali fil-fidi u fir-reliġjon Nisranija liema mixja tgħinha sabiex aktar ma tikber u timmatura aktar taċċetta lil Alla u l-pjan tiegħu fil-ħajja tagħha. Din il-mixja ttul il-ħajja kollha tal-bniedem.
- Tibda tieħu sehem u tidħol fir-responsabilità li tgħix hi u tgħin lil ħaddieħor jgħix it-tagħlim u l-missjoni ta' Ġesù Kristu, inkluż it-tagħlim tal-Knisja Kattolika.
- Tirċievi l-Ispirtu s-Santu li timlieha bl-imħabba ħalli tagħraf aktar kemm Alla Il-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu jħobbha.
- Tista' tirċievi s-sagramenti l-oħra. (Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1213).

It-tliet sagramenti - il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u t-Tqarbin huma t-tliet sagramenti ta' Inizjazzjoni. Jissejħu hekk għaliex permezz tagħhom il-persuna ssir membru sħiħ (*full membership*) fil-komunità Nisranija. Il-kelma inizjazzjoni tfisser jagħtu bidu....jibdew xi ħaġa. Fil-każ tagħna il-persuni jibdew il-ħajja Nisranija tagħhom fi ħdan il-Knisja Kattolika.

Id-dħul fil-ħajja nisranija jseħħ permezz ta' tliet sagramenti flimkien:

- Il-**Magħmudija** li hija l-bidu ta' ħajja ġdida. Insiru Kristjani. *We belong to Christ*.

- Il-**Konfermazzjoni** li twettaq li saħħaħ din il-ħajja. Li nibdew insiru aktar responsabbli tal-fidi u tal-għajxien tagħna bħala Kristjani Kattoliċi. *We are confirmed in Christ*.

- L-**Ewkaristija** li tmanti – li tagħtina s-saħħa spiritwali bħala dixxiplu ta' Kristu – bħala Kristjani, sabiex inkunu nistgħu nsaħħu l-fidi u l-prattika reliġjuża tagħna bħala Kattoliċi..' *We are strengthened in Christ, and through Christ*. (*Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1275).

Araw dan il-klipp

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni (Griżma tal-Isqof)

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni (Griżma tfisser dilka – għaliex f'dan is-sagrament jintuża ż-żejt apposta għas-sagrament tal-Konfermazzjoni. Dan iż-żejt jiġi kkonsagrat mill-Isqof fil-quddiesa ta' filgħodu f'Ħamis ix-Xirka).

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jfakkarna li Ġesù qasam mal-oħrajn il-qawwa tal-Ispirtu li kien hemm fih.

'Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom." Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu.'

Ġw 20, 21-22

F'din is-silta li ġejja, mill-Atti tal-Appostli 19, 1-5, naraw kif San Pawl għammed lil dawn id-dixxipli u wara qiegħed idejh fuqhom sabiex jinżel l-Ispirtu s-Santu. Jiġifieri San Pawl l-ewwel għammidhom, imbagħad tahom is-Sagrament tal-Konfermazzjoni.

Meta Apollu kien Korintu, Pawlu għadda mill-inħawi ta' fuq u wasal Efesu fejn sab xi dixxipli u staqsiehom:

'"Ħadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu?" Iżda huma weġbuh: "Le, anqas biss smajna li hemm l-Ispirtu s-Santu!" "Mela x'magħmudija ħadtu?" staqsiehom Pawlu. "Il-magħmudija ta' Ġwanni," weġbuh huma. Imbagħad Pawlu qalilhom: "Ġwanni għammed bil-magħmudija ta' l-indiema; imma lin-nies kien jgħidilhom biex jemmnu f'dak li kellu jiġi warajh, jiġifieri, f'Ġesù." Xħin semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù. Imbagħad, kif Pawlu qegħdilhom idejh fuqhom, niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu bl-ilsna u jħabbru.'

<u>Il-Konfermazzjoni fil-ħajja tan-Nisrani</u>
Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jgħin lill-persuna tkompli timmatura fil-ħajja umana-nisranija tagħha. Għalhekk, meta l-persuna taċċetta li tirċievi s-sagrament tal-Konfermazzjoni tkun qed tagħmel pass ieħor lejn il-maturità bħala persuni Nisranija.

Għalhekk permezz tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni tidħlu f'aktar responsabilità Nisranija mhux biss għalikom infuskom imma wkoll għal ħutkom l-Insara u anke għal dawk li mhumiex, għaliex mill-kliem, mill-imġiba tagħkom jagħrfu xi tfisser tkun Nisrani tassew. Permezz tal-Konfermazzjoni tibdew tħossukom aktar responsabbli li intom Nsara. Għalhekk tibdew tistaqsu, u tfittxu xi jfisser tassew tkun Nisrani u tgħix ta' Nisrani.

Hija ħasra u immaturità kbira jekk inħarsu lejn il-ħajja Nisranija bħala set ta' liġijiet u affarijiet li rridu nemmnu biss. F'kull reliġjon hemm affarijiet ta' twemmin, hemm regoli u hemm prattiċi ta' talb flimkien u ta' attitudnijiet biex ngħixu dik ir-reliġjon bis-sħiħ.

<u>Permezz tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni</u>:

- Is-sagrament tal-Konfermazzjoni jissejjaħ ukoll is-sagrament tal-Ispirtu s-Santu għaliex fih **tirċievu** grazzji speċjali mill-Ispirtu s-Santu, liema grazzji jgħinukom sabiex tkunu tistgħu tagħtu b'aktar responsabilità xhieda bil-kliem u bl-eżempju ta' Ġesù Kristu u ta' dak kollu li temmnu fih bħala Nsara.

- Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jgħinkom **tikkonfermaw**, jiġifieri ssaħħu b'aktar responsabilità l-fidi tagħkom f'Ġesù, issaħħu dak kollu li rċevjtu fil-Magħmudija jiġifieri tkomplu ssaħħu t-twemmin tagħkom f'Ġesù.

- Tkomplu s-saħħu r-rieda u x-xewqa tagħkom li tkomplu **timxu** wara Ġesu Kristu, u dan turuh bil-ħajja tagħkom, bi kliemkom u bl-eżempju t-tajjeb lill-oħrajn. Dan kollu jiġri fikom permezz tal-Ispirtu s-Santu.

- Meta kontu żgħar bdejtu titgħallmu u bdejtu tiskopru xi jfisser tkun Nisrani. Issa qed tikbru u timmaturaw, diġa intom adolexxenti. Għalhekk tistgħu **tifhmu** aħjar xi jfisser tkun Kristjan u

tgħix ta' Kristjan, billi timxi wara Ġesù – wara t-tagħlim tiegħu.

(Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1285-1289, 1293-1321).

Dan is-Sagrament nistgħu nirċevuh darba biss fil-ħajja tagħna.

Araw dan il-klipp flimkien.



Is-Sagrament tal-Ewkaristija - It-Tqarbin

Fis-Sagrament tat-Tqarbin – L-Ewkaristija, Ġesù jfakkarna li huwa tana lilu nnifsu għaliex iħobbna.

Ir-rakkont tat-twaqqif tal-Ewkaristija, li ġiet imwaqqfa fl-aħħar ċena, insibuh fost l-oħrajn fl-Evanġelju skont San Mattew u skont San Mark.

Hawnhekk qed inġibu dik skont San Luqa 22, 19- 20:

> *'Mbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom."'*

Fl-Evanġelju skont San Ġwann insibu l-kliem li qal Ġesù b'referenza għas-Sagrament tat-Tqarbin - fejn Ġesù huwa verament preżenti fl-ostja li nirċievu – il-ħobż ħaj.

> *'Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja.'*

Ġw 6, 51

Is-Sagrament tat-Tqarbin fil-ħajja tan-Nisrani

- Dan is-Sagrament tal-imħabba huwa misteru tal-fidi. Bil-moħħ ċkejken tagħna ma nistgħux nifhmuh. Nistgħu nemmnuh. Kull darba li nirċievu lil Ġesù, huwa jsir parti minna. Ġesù kulma jixtieq minna hu li ngħixu dan is-Sagrament billi nħobbu lil xulxin bil-verità. Għalhekk **waqt it-tqarbin, nitqarrbu lejn Ġesù, u nitqarrbu lejn xulxin**.

- Permezz ta' dan is-Sagrament tibdew taqsmu (*sharing*) mill-ikla tal-Mulej – l-Ewkaristija li hija l-ikel, li jsostni – isaħħaħkom spiritwalment ħalli tkunu tistgħu tgħixu ħajja tajba. Is-Sagrament tal-Ewkaristija huwa rigal għalina li nirċevuh mingħand Ġesù. Il-kelma Ewkaristija tfisser grazzi – *Thank you*. Grazzi lil Ġesù li qiegħed fostna, grazzi li għoġbu jiġi ġo fina, grazzi tar-rigal tiegħu nnifsu. Għalhekk meta nirċievu l-Ewkaristija bħala komunità,

ilkoll flimkien inkunu qed ngħidu grazzi lil Ġesù ta' dan kollu. L-Ewkaristija hija ċelebrazzjoni ta' gratitudni – ta' grazzi flimkien.

- Iċ-ċentru tal-messaġġ ta' Ġesù huwa l-imħabba, għalhekk kull darba li titqarbnu – kull darba li tirċievu lil Ġesù tkunu qed nirċievu s-sagrament tal-imħabba għaliex Ġesù huwa verament preżenti fl-Ewkaristija li tirċievu – huwa preżenti bil-ġisem, bid-demm, bir-ruħ u bid-divinità tiegħu. Ġesù imħabba biss jaf jagħti. Mela kull darba li nirċevuh huwa jimliena bl-imħabba u jixtieqna li naqsmu din l-imħabba mal-oħrajn.

(ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1168 -1173, 1341-1355, 1391, 1396)

Dan is-sagrament nistgħu nirċevuh ta' spiss.

Araw dan il-klipp.

<u>Is-sagrament tal-Qrar/tar-Rikonċiljazzjoni</u>

Is-Sagrament tal-Qrar-Rikonċiljazzjoni jfakkarna kemm Alla huwa kbir fil-Ħniena. Alla qatt ma jgħejja jaħfrilna. Kemm dam fostna Ġesù, diversi drabi naqraw fl-Evanġelju li huwa ħafer id-dnubiet tan-nies.

Ġesù diversi drabi sejjaħ lill-midinbin għall-indiema u sabiex jikkonvertu. Din is-sejħa u turija ta' Ġesù għall-indiema, u li hu jista' jaħfer id-dnubiet hija l-bażi tas-Sagrament tal-Qrar.

> *'Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar. U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb. U qagħad ixandrilhom il-kelma. U marru ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, merfugħ minn erbgħa min-nies. Billi ma setgħux jersqu sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-mifluġ. Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-mifluġ: "Ibni, dnubietek maħfura." …*
>
> *Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art," qal lill-mifluġ, "Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek."'*

Mk 2, 1-11

U wara l-qawmien mill-mewt Ġesù qal lill-appostli:

> *'"Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom."*

Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu. Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."'

Ġw 20, 21

F'dan il-kliem ta' Ġesù lill-appostli naraw il-missjoni li Ġesù ta lill-appostli u allura lill-Knisja sabiex twassal l-imħabba ta' Alla u l-maħfra tad-dnubiet.

Is-sagrament tal-Qrar/tar-Rikonċiljazzjoni fil-ħajja tan-Nisrani
Ħafna jistaqsu: għaliex għandna mmorru nqerru għand il-qassis u ma nistgħux inqerru billi nitkellmu direttament ma' Alla?

- Fil-Knisja Kattolika, is-Sagrament tal-Qrar huwa ċċelebrat permezz tal-qassis. Alla jaħfrilna permezz tal-qassis. Il-qassis huwa l-pont bejna u bejn Alla. Huwa Alla li jaħfer, permezz tal-qassis meta nisimgħu dawk il-kelmiet sbieħ: *jiena naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu*. B'dan il-kliem u f'dan il-mument, il-qassis ikun qed iwassal il-maħfra f'isem Alla.

- Is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni/tal-Qrar huwa sagrament ta' **fejqan** f'kull aspett għaliex dak li kien itaqqal il-ħajja tagħna, issa stqarrejnieh - tkellimnieh mal-qassis u hu bil-grazzja ta' Alla u bl-awtorità li tatu l-Knisja Kattolika jaħfrilna.

- Huwa sagrament ta' **ferħ**. Għaliex il-maħfra ġġedded ir-relazzjoni tagħna magħna nfusna, mal-Mulej u mal-oħrajn. Għalhekk inħossuna ferħanin. Huwa importanti li nitgħallmu naħfru lilna nfusna. Alla dejjem jaħfrilna, imma xi kultant insibuha bi tqila biex naħfru lilna nfusna. Meta nagħmlu dan il-ferħ tagħna jkun sħiħ.

- Is-Sagrament tal-Qrar/Rikonċiljazzjoni huwa sagrament li jagħti ħafna **mħabba, tama u fidi** għaliex f'dan is-sagrament naraw kemm Alla jħobbna – Alla ma jgħejjiex jaħfrilna. Hu sagrament ta' tama għaliex Alla ma jridna qatt naqtgħu qalbna minħabba d-dnubiet tagħna u huwa sagrament ta' fidi għaliex jgħinna nemmnu fl-imħabba u l-ħniena kbira ta' Alla lejna li tasal għandna permezz tal-qassis.
  (Ftakru li anke l-qassis iqerr. Hu wkoll għandu bżonn il-maħfra, il-ħniena, l-imħabba, it-tama u li jikber fil-fidi. Għalhekk m'għandkomx għalxiex tistħu tqerru).

X'jiġri qabel u waqt is-Sagrament tal-Qrar/tar-Rikonċiljazzjoni?
Preparazzjoni għall-qrara tajba:

1. **Aħsbu dnubietkom sewwa**, iċċekkjaw sewwa l-kuxjenza tagħkom.
2. **Qerruhom kollha**: ... mhux tqerru dak li jidhrilkom biss, imma kunu sinċieri magħkom infuskom, u għidu l-verità kollha.
3. **Agħmlu penitenza** - jiġiferi l-qassis jgħidilkom – jgħidlek sabiex titlob jew tagħmel xi sagrifiċċju żgħir ħalli dik l-imħabba li Alla wera miegħek meta ħafirlek inti turiha lill-oħrajn ukoll.
4. **Indmu minn dnubietkom** - jiġifieri li għandu jiddispjaċik tassew li wettaqt dak id-dnub. Jiddispjaċik l-ewwel nett għaliex offendejt lil Alla, it-tieni għaliex kissirt ir-relazzjoni tiegħek miegħu u t-tielet għaliex offendejt lill-oħrajn. Anke jekk mingħalik għamilt dnub fil-privat fejn ħadd ma rak, aħna familja waħda magħqudin spiritwalment ma' Kristu. Għalhekk spiritwalment tkun qtajt ir-relazzjoni ma' ħutek.

   Meta tindmu tassew minn dnubietkom tkun qed tgħidu lilkom infuskom, u lill-Mulej - jiena ma rridx li nkompli nagħmel dawn id-dnubiet f'ħajti. (Jekk terġgħu taqgħu fihom, erġgħu morru qerru, imma l-bniedem f'mixja lejn il-maturità jipprova joqgħod attent fuqu nnifsu u

kemm jista' jkun ma jagħmilx l-istess żball/dnub ħafna drabi).

Fis-Sagrament tal-Qrar, nuru tassew li jiddispjaċina għad-dnubiet billi ngħidu l-Att tal-Indiema.

5. **L-assoluzzjoni** – il-Qassis jaħfirlek id-dnubiet billi jgħid u jagħmel is-sinjal tas-salib waqt li jħares lejk u jgħidlek: "Jiena naħfirlek dnubietek fl-isem tal-Missier,tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu."
(Ara Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 1440-1442, 1446, 1448, 1450-1451, 1455, 1461)

Dan is-Sagrament nistgħu nirċevuh aktar minn darba, anzi tajjeb li nqerru spiss.

Araw dawn il-klipps.



Is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda

F'dan is-Sagrament niftakru kemm Ġesù fejjaq morda.

Ġesù fil-ħidma u l-missjoni tiegħu fostna diversi drabi fejjaq lill-morda. Din il-ħidma u l-azzjoni tiegħu huma l-bażi tas-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

'Ġesù dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem fis-sinagogi, ixandar

l-Evanġelju tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard ....'

Mt 9, 35

Fl-Evanġelju ta' San Mark, naraw il-ġrajja fejn Ġesù beda jħarreġ lill-appostli fil-ħidma tagħhom:

'Ħarġu (tnax-il appostlu) jxandru biex in-nies jindmu; u keċċew bosta xjaten, u dilku ħafna morda biż-żejt u fejjquhom.'

Mk 6, 12-13

Fil-Knisja tal-bidu, l-appostlu San Ġakbu fl-ittra tiegħu fil-kapitlu 5 kompla jsaħħaħ, u fisser biċ-ċar il-ħtieġa u l-kobor ta' dan is-sagrament:

'Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej; it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajjmu; u jekk ikun għamel xi dnubiet, jinħafrulu.'

Ġak 5, 14-15

<u>Is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda fil-ħajja tan-Nisrani</u>

- Il-Knisja Kattolika toffri dan is-Sagrament lill-morda, mhux neċessarjament lil dawk li waslu biex imutu biss. Sabiex jiġi amministrat dan is-Sagrament, il-persuni jridu jkunu għadhom ħajjin. Il-mejtin ma jirċievux is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda. Il-qassis jitlob fuqhom biss.

- Jissejjaħ dilka tal-morda għaliex waqt dan is-Sagrament il-qassis jidlek f'postijiet indikati lill-marid biż-żejt tal-morda li jkun tbierek f'Ħamis ix-Xirka. Meta l-qassis ikun qed jidlek – jagħmel is-sinjal tas-salib biż-żejt fuq il-marid, huwa jitlob għall-fejqan spiritwali u dak uman wkoll.

- Dan is-sagrament juri lin-Nisrani li:
  a. Alla jibqa' jħobbu anke meta huwa marid, u qed isofri.

  b. Alla jfejjaq l-ispirtu tal-persuna permezz tat-talb tal-qassis u ta' dawk li jkunu maġenbu għaliex jimlieh bil-kuraġġ, bil-paċi u bis-sabar (paċenzja) sabiex dak li jkun għaddej minnu jgħixu b'attitudni Nisranija, mhux jiġġieled ma' Alla.

  c. Il-qawmien ta' Ġesù mill-mewt timla lill-bniedem bit-tama, jiġifieri l-ħajja tagħna ma tispiċċax mal-mewt, anzi nibdew ħajja oħra fi Kristu. Wara din il-ħajja hemm ħajja oħra. Fl-aħħar tad-dinja għad inqumu fi Kristu mhux b'dan il-ġisem li malajr jitħassar, imma b'ġisem glorjuż li ma jitħassar qatt.

  d. Dan is-Sagrament flimkien ma' dak tal-Qrar huwa Sagrament tal-fejqan għaliex hawn ukoll jinħafru d-dnubiet.

  e. Dan is-sagrament nistgħu nirċevuh aktar minn darba.

(Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1520-1523, 1532)

Araw dan il-klipp:

Mis-Sagramenti tal-Fejqan: Il-Qrar u d-dilka tal-Morda, ngħaddu għas-Sagramenti Vokazzjoni.

Dawn is-Sagramenti huma: Iż-Żwieġ u l-Ordni Sagri - permezz tagħhom il-persuna tikkontribwixxi lis-soċjetà u lill-Knisja. Iż-żewġ sagramenti huma marbutin ma' vokazzjoni u missjoni.

Dawn iż-żewġ Sagramenti jagħtu servizz - missjoni mogħtija lilhom minn Alla, fl-imħabba lejn l-oħrajn – soċjetà/knisja.

Fiż-żwieġ naraw dan, li din il-missjoni titwettaq fir-relazzjoni ta' bejn xulxin bħala koppja u fil-frott tagħhom/jew li jrabbu l-ulied. Fil-każ li ulied ma jkunx hemm, jgħixu l-frott tal-imħabba tagħhom f'servizz bl-imhabba miftuħ aktar lejn l-oħrajn.

Fl-Ordni Sagri naraw din il-missjoni titwettaq fis-servizz bl-imħabba lejn kulħadd bla ebda distinzzjoni.

(Nota għall-katekist/a: Id-differenza bejn servizz mogħti fil-volontarjat u dak f'dawn iż-żewġ sagramenti. Il-volontarjat huwa wkoll servizz lejn l-oħrajn; hawn min jagħmlu għax jieħu gost, jew għall-kumpanija, jew għas-sodisfazzjon personali, imma jibqa' l-fatt li l-volontarjat mhux vokazzjoni. Din tal-aħħar għandha r-rabta tal-patt u tal-impen li jitwettqu b'sagriffċju kbir. Fil-volontarjat tista' tieqaf meta trid, u aktar minn hekk, tagħżel x'tagħmel bħala xogħol. Fis-Sagramenti taż-Żwieġ u tal-Ordni Sagri dawn l-affarijiet ma jeżistux għaliex huma vokazzjoni – sejħa minn Alla u huma marbutin b'missjoni – li titwettaq matul il-ħajja miżżewġa u dik saċerdotali).

<u>Is-Sagrament tal-Ordni Sagri</u>
F'dan is-sagrament niftakru f'Ġesù li ħa ħsieb in-nies ta' madwaru speċjalment fl-affarijiet spiritwali.

Ġesu waqqaf dan is-Sagrament meta qal dawn il-kelmiet:

> *'… agħmlu dan b'tifkira tiegħi.'*
>
> Lq 22, 19

B'referenza għad-djakonat fl-Atti tal-Appostli insibu din il-ġrajja hekk importanti:

> *'F'dawk il-jiem l-għadd tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied; għalhekk sar xi tgergir mil-Lhud Griegi kontra l-Lhud, għax dehrilhom li ma kienx hemm*

min jieħu ħsieb ir-romol tagħhom fil-ministeru ta' kuljum. Għalhekk it-Tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli u qalulhom: "Mhux sewwa li aħna nħallu l-kelma ta' Alla biex naqdu fl-imwejjed. Mela, l-aħwa, ħudu ħsieb u agħżlu minn fostkom sebat irġiel li għandhom isem tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf, u nħallu din il-ħidma f'idejhom. U aħna nagħtu ruħna għat-talb u għall-ministeru tal-kelma." Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha; u għażlu lil Stiefnu, bniedem mimli bil-fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Prokoru, lil Nikanor, lil Timon, lil Parmena, u lil Nikola, prosèlita minn Antijokja. Lil dawn ressquhom quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu idejhom fuqhom.'

Atti 6, 1-16

Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli nsibu din is-silta b'referenza għall-ħidma kemm **tal-<u>qassis</u> kif ukoll tal-Isqof**.

<u>L-isqof</u> huwa mxebbaħ mar-ragħaj li jieħu ħsieb in-nagħaġ tiegħu – il-merħla tiegħu li hija l-Insara.
L-Isqof għandu wkoll il-missjoni li jara li dawk kollha li mhumiex Insara jgħixu b'rispett u b'dinjità ta' bnedmin maħluqa minn Alla.

'Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess.'

Atti 20, 28

<u>Is-Sagrament tal-Ordni Sagri fil-Ħajja tan-Nisrani</u>

- Bil-Magħmudija aħna lkoll irċevejna dak li nsejħulu s-saċerdozju komuni għall-Imgħammdin, jiġifieri permezz tal-Magħmudija lkoll kemm aħna msejħin, għandna l-missjoni sabiex ngħinu lin-nies **<u>jitħabbu, jirrikonċiljaw ma' Alla</u>**. Dan nistgħu nagħmluh bil-kliem u bl-eżempju

- Flimkien ma' dan aħna lkoll nistgħu nkunu **<u>profeti</u>** jiġifieri nxandru l-verità dwar Alla u nxandru l-Aħbar it-Tajba ta' Ġesù Kristu. Aħna lkoll imsejħin sabiex inkunu ***<u>leaders</u>* <u>li naqdu f'isem Alla</u>** lill-ħolqien kollu. *Leaders* ifisser li tant nippruvaw nagħmu ħilitna sabiex ngħixu ta' Kristjani kif jixtieqna Ġesù: li ħaddieħor ikun jista' jieħu eżempju tajjeb minna u jagħmel bħalna. Dawn it-tliet rwoli jissejħu l-Ministeri (ħidmiet) tal-Imgħammdin (tal-Kristjani) kollha. Niftakru li l-*leader* ma jikkmandax imma jaqdi. Għalhekk aħna l-Kristjani msejħin sabiex ngħixu, nagħtu servizz b'diversi modi lill-oħrajn bla ebda distinzzjoni.

- Meta nitkellmu minn Ordni Sagri nkunu qed nitkellmu minn sagrament li fih irġiel imsejħa minn Alla, jiġu kkonsagrati mill-Isqof. Dawn jiġu mogħnija b'qawwa qaddisa mogħtija lilhom minn Ġesù Kristu permezz tal-Knisja għall-qadi tal-poplu ta' Alla u tal-Knisja kollha u tas-soċjetà.

- Din l-awورità mogħtija lill-qassisin tmur lura għall-appostli fejn Ġesù stess għamilhom qassisin u isqfijiet fl-aħħar ċena. Fil-Knisja Kattolika, l-Isqfijiet huma s-suċċessuri tal-Appostli għalhekk huma biss jistgħu jordnaw – jikkonsagraw lid-djakni, lill-qassisin u lill-isqfijiet ġodda.

- Is-Sagrament tal-Ordni Sagri fih tliet tappi importanti: id-djakonat, il-presbiterat (meta wieħed isir qassis) u l-episkopat (meta wieħed isir isqof).

Il-ħidma tal-**<u>Isqof</u>** prinċiplament hija:

- Li **jieħu ħsieb u jmexxi l-funzjonijiet liturġiċi** u jwassal il-poplu ta' Alla għal-liturġija u jamministra s-sagramenti. F'dan naraw lill-Isqof bħala <u>qassis</u>.

- Li **jgħallem** lill-poplu ta' Alla dwar il-verità ta' Alla u t-tagħlim tal-Knisja Kattolika u japplika dan kollu għaż-żminijiet li fihom ikun qed jgħix il-poplu ta' Alla. F'dan naraw lill-Isqof bħala profeta.

- Li jieħu **ħsieb il-kura pastorali tal-poplu ta' Alla**. Hawnhekk naraw l-Isqof bħala *leader* li jaqdi.

Barra dawn ir-rwoli kull Isqof jieħu ħsieb id-djoċesi tiegħu, jieħu ħsieb spiritwalment tal-komunità Nisranija fid-djoċesi tiegħu u jiddjaloga mas-soċjetà ċivili u ma' persuni ta' reliġjonijiet, kulturi, u razzez oħra. (Djoċesi hija numru ta' parroċċi ġo pajjiż. Parroċċa hija numru ta' persuni u ta' familji ġo belt/raħal).

Il-ħidma tal-**qassis**
Il-**qassisin** huma kollaboraturi tal-Isqof, għalhekk flimkien mal-Isqof huma għandhom ir-responsabilità li jmexxu l-liturġija u jamministraw is-sagramenti (minbarra l-Ordni Sagri); huma responsabbli li jgħallmu lill-Poplu ta' Alla u li jaqdu fil-parroċċi. Jekk il-qassis ikun kappillan ikollu r-responsabilità li jmexxi u jieħu ħsieb il-parroċċa u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-parroċċa tiegħu.

Il-ħidma tad-**djaknu**
Id-**djakni** huma direttament magħquda mal-Isqof. Huma jgħinu billi jikkollaboraw mal-Isqof u mal-qassisin fil-ħidma tagħhom. Id-djakni jistgħu jxandru l-Evanġelju u jipprietkaw, jassistu lill-qassis waqt il-quddiesa, imexxu funerali, jgħammdu, iżewġu, iqarbnu lill-morda jaħdmu f'oqsma ta' karità, u juru ħniena ma' kulħadd speċjalament mal-batuti. Id-djakni jagħmlu ħilithom li jaqdu lill-poplu ta' Alla. (wieħed jista' jibqa' djaknu u ma jsirx qassis. Dan jissejjaħ djaknu permanenti)

(Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1536, 1547, 1551-1571, 1573-1579, 1581-1582)

Araw dan il-klipp

Is-Sagrament taż-Żwieġ
Bħalma Ġesù kien leali/fidil (*faithful*) lejn Alla Missieru tant li sejjaħlu Abba Missier, u kien leali/fidil lejn il-missjoni afdata f'idejh minn Alla, Ġesù jrid li dawk kollha li Hu jagħżel sabiex iħaddnu l-vokazzjoni għaż-żwieġ ikunu leali/fidili lejn xulxin u lejn ir-relazzjoni tagħhom.

San Pawl dwar is-Sagrament taż-Żwieġ fost il-ħafna kitbiet tiegħu nsibu hekk:

'Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja …'

Efes 5, 25

Dan li San Pawl kiteb għall-irġiel jgħodd għan-nisa wkoll.

Ġesù Kristu ta ħajtu għall-Knisja. Hekk il-koppja jagħtu ħajjithom lil xulxin fil-fedeltà tagħhom lejn xulxin u lejn ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Is-Sagrament taż-Żwieġ fil-Ħajja tan-Nisrani
Nippruvaw nifhmu bl-aktar mod sempliċi.

Bejn il-ħbieb:
Żewġ persuni isiru ħbieb mhux biss għaliex għandhom grazzja ma' xulxin imma għaliex hemm xi ħaġa komuni u permanenti bejniethom. Eż. tnejn iħobbu l-istess stil ta' mużika, tnejn iħobbu l-istess tim tal-futbol.

Il-mużika/il-futbol, aktar minn kull ħaġa oħra tgħaqqadhom flimkien. Kieku huma ħbieb sempliċement għaliex għandhom grazzja ma' xulxin biss faċilment jiġġieldu fuq kull ħaġa żgħira, faċilment jinfirdu. Imma għaliex iħobbu l-istess mużika/tim tal-futbol, jistgħu jargumentaw xi ftit, imma jibqgħu jirrispettaw lil xulxin. Il-mużika/il-futbol iġielgħhom joħorġu mill-egoiżmu tagħhom sabiex jikkonċentraw aktar fuq dak li huwa komuni u permanenti bejniethom. Dak li huwa komuni u permanenti jagħtihom għan, saħħa f'kull aspett sabiex iżommhom magħqudin. Aktar ma jgħaddi ż-żmien jibdew anke jafdaw lil xulxin.

Mixja lejn iż-Żwieġ Nisrani
Żewġ persuni jħossu fihom li għandhom il-vokazzjoni għaż-żwieġ. It-tnejn iħobbu ħafna lil Alla u jitolbuh isibilhom persuna tajba u adattata għalihom sabiex miegħu/magħha jistgħu jgħixu ta' miżżewġin.

Tnejn b'mod l-aktar misterjuż f'dik il-ġurnata u f'dak il-post jiltaqgħu. Jieħdu grazzja ma' xulxin. B'mod individwali kull persuna tħobb u tgħożż lil Alla, mela l-ħaġa komuni u permanenti bejniethom huwa Alla. Aktar ma' Alla jibqa' l-ħaġa komuni bejniethom aktar jinġibdu lejn xulxin, aktar ifittxu li jiskopru lil xulxin, jirrispettaw lil xulxin , jibdew jinħabbu u jafdaw lil xulxin. Bil-mod il-mod jaslu sabiex jissiġillaw din l-imħabba bis-Sagrament taż-Żwieġ Nisrani. Diffikultajiet jinqalgħu għaliex il-bniedem jibqa' bniedem, imma sakemm Alla, li huwa permanenti hu l-ħaġa komuni bejniethom u huma jibqgħu jgħożżuh f'ħajjithom kemm bħala individwi u anke fiż-żwieġ tagħhom, l-isfidi li jinqalgħu jippruvaw kemm jistgħu jiffaċċjawhom flimkien.

Aktar ma jżommu lil Alla preżenti f'ħajjithom, anke jekk ikun hemm xi diffikultajiet, aktar l-imħabba tagħhom tissaħħaħ.

Iż-Żwieġ Nisrani:

- Iż-Żwieġ Nisrani huwa esperjenza umana u simbolu ta' fidi, ta' mħabba u ta' tama tal-koppja lejn Alla, lejn xulxin u għas-soċjetà.

- Iż-Żwieġ Nisrani huwa **patt,** aktar milli kuntratt bejn il-koppja. F'kuntratt hemm perjodu ta' żmien u hemm ħafna kundizzjonijiet sabiex il-ħaġa sseħħ u jekk wieħed mill-partners jiġrilu xi ħaġa l-kuntratt jaqa'. Iż-żwieġ huwa patt ta' mħabba dejjiema bejn raġel wieħed u mara waħda.

- Il-mudell taż-Żwieġ Nisrani huwa l-patt ta' Alla mal-poplu tiegħu. Dan il-patt jissarraf:
  1. **fl-għotja totali** ta' Alla f'Ibnu Ġesù Kristu għas-salvazzjoni tal-bnedmin kollha.

2. fil-**fedeltà** ta' Alla li jibqa' dejjem iħobb lill-poplu tiegħu.
3. fl-imħabba ta' Alla mogħtija bl-akbar **libertà** għas-salvazzjoni ta' kulħadd.
4. fl-imħabba kbira ta' Alla li għax iħobb lill-poplu tiegħu jibqa' miegħu sabiex jieħu ħsieb tiegħu nnifsu **u tal-ġenerazzjonijiet futuri, u tal-ħolqien kollu**.

Fiż-Żwieġ Nisrani l-imħabba tal-koppja lejn xulxin hija mixja f'dan il-patt ta' Alla mal-poplu tiegħu. Għalhekk l-imħabba ta' bejniethom għandha tkun:

- **Totali** - bla biċċiet, imħabba ta' vera, mhux iqabblu fejn jaqblilhom.
- **Fedeltà/lealtà** – lejn xulxin u lejn ir-relazzjoni ta' bejniethom; jiġifieri anke meta l-persuni ma jkunux preżenti xorta jibqgħu jiġu rispettati.
- **Libera** - kemm iż-żwieġ u kemm ir-relazzjoni m'għandhomx ikunu kkundizzjonati minn xi ħaġa jew minn xi ħadd.
- **Tagħti frott** – l-ulied huma l-frott tal-imħabba ta' bejn il-koppja; fil-każ li ma jkunx hemm ulied, l-imħabba tista' tissarraf f'servizz lejn is-soċjetà u lejn il-Knisja. Il-vera imħabba ma tistax tingħalaq fiha nnifsha.

Dawn l-erba' aspetti hekk importanti taż-Żwieġ Nisrani jkomplu jimmaturaw fil-għajxien tal-koppja flimkien, ukoll jiġu msaħħa bil-grazzja ta' Alla mogħtija fis-sagrament taż-żwieġ Nisrani u bit-talb u l-inkorraġiment tal-komunità Nisranija.

Aktar mal-koppja jżommu ħaj lil Alla fil-ħajja tagħhom bħal individwi u bħala koppja u wkoll iżommuh ħaj fil-familja tagħhom speċjalment bit-talb flimkien u bil-frekwenza għas-Sagramenti, minkejja d-diffikultajiet u l-ħafna sagriffiċji tal-ħajja, iż-żwieġ jibqa' sod u jissaħħaħ.
(ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1604-1605, 1614, 1621-1632, 1641-1648, 1652, 1654)

Araw dan il-klipp:

(Nota lill-katekist/a: għal aktar dettalji ara Appendiċi 1)

Is-Sagramenti li jħallu 'karattru'
Ġieli smajtu li hemm tliet sagramenti li jħallu karattru – li jagħmlu siġill spiritwali fir-ruħ ta' min jirċevihom? Dawn is-sagramenti huma: Il-Magħmudija, il-Konfermazzjoni u l-Ordni Sagri.

Karattru jew siġill spiritwali jfisser li dawn is-sagramenti b'mod speċjali ilaqqmuna (*graft us*) b'mod spiritwali f'Ġesù Kristu għal dejjem. Huma wkoll jagħtuna sehem mill-ħidma u l-missjoni ta' Ġesù.

L-ebda dnub ma jista' jħassar dan is-siġill. Huwa siġill-karattru-marka li tibqa' għal dejjem.

Għalhekk in-Nisrani jista' jirċevihom darba biss fil-ħajja tiegħu/tagħha.

Magħmudija
Il-Magħmudija tissiġġilla lin-nisrani b'siġill spiritwali (marka spiritwali fir-ruħ) li ma jitħassar qatt (il-karattru), li juri li dik il-persuna hija ta Ġesù Kristu.

Dan is-siġill ma jitħassarx bl-ebda dnub, anke jekk id-dnub ma jħallix li l-Magħmudija tagħti l-frott tas-salvazzjoni. Mogħtija darba għal dejjem, il-Magħmudija ma tistax tingħata għat-tieni darba. (Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1272).

Persuna mgħammda, hija mgħammda darba għal dejjem. Anke jekk tgħix ħajja mhix tajba – ħajja fid-dnub, xorta tibqa' persuna mgħammda. L-ebda dnub ma jista' jħassar il-karattru – is-siġill spiritwali li ġie mogħti lilha fil-Magħmudija.

Il-persuna li titgħammed saret ta' Ġesù darba għal dejjem. Is-siġill ta' appartenenza (*belonging to Christ*). Jekk il-persuna tgħix ħajja ta' dnub u **titbiegħed** minn Ġesù, Ġesù xorta jibqa' jistennieha. Jekk trid tirritorna, tista' tqerr u terġa tirritorna għall-ħajja Nisranija. Persuna ma tistax terġa titgħammed.

Konfermazzjoni
Bħal Magħmudija, il-Konfermazzjoni tħalli fir-ruħ tan-nisrani sinjal spiritwali jew karattru li ma jitħassar qatt; għalhekk dan is-sagrament jingħata darba biss. (Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1317).

Permezz tal-Konfermazzjoni dan il-karattru-siġill spiritwali jkompli jissaħħaħ u fl-istess waqt isaħħaħ lill–persuna li tirċevih sabiex tkun tista' tkompli miexja wara Ġesù, u tgħix il-ħajja tagħha ta' Nisranija b'aktar responsabilità speċjalment bħala xhieda ta' Ġesù.

Jekk għal xi raġuni l-persuna li tkun irċeviet is-Sagrament tal-Konfermazzjoni ma tgħix ħajja tajba, is-siġill – il-karattru ma jitħassar qatt. Il-persuna xorta tibqa' kkonfermata – mġedda f'Ġesù Kristu. Jekk din il-persuna tkun tixtieq terġa' lura biex tgħix il-ħajja Nisranija, tista' tqerr. Hija l-persuna li titlaq u tgħix ħajja mhix tajba. Ġesù dejjem jibqa' jistenna lill-persuna. Is-sagrament tal-Konfermazzjoni ma jistax jiġi rrepetut, tistgħu tirċevuh darba biss.

Ordni Sagri
L-istess bħalma hu fil-każ tal-Magħmudija u tal-Konfermazzjoni (Griżma) dan is-sehem fil-ħidma ta' Kristu, jingħata darba għal dejjem. Is-Sagrament tal-Ordni Sagri jagħti, huwa wkoll, il-karattru spiritwali li ma jitħassar qatt u ma jistax jiġi mtenni jew jingħata aktar minn darba jew għal żmien meqjus. (Ara *Katekiżmu tal-Knisja Kattolika*, 1582).

Għalhekk meta wieħed isir qassis, huwa qassis għal dejjem. Dan is-Sagrament wieħed jista' jirċevih darba biss. Il-qassis huwa qassis għal dejjem.

Jekk għal xi raġuni huwa ma jibqax jiffunzjona – jaqdi d-dmiritijiet tiegħu ta' qassis, huwa xorta jibqa' qassis, ikun waqaf biss mill-ħidma tiegħu ta' qassis.

Inġibu eżempju: f'każ ta' emerġenza, bħal pereżempju, ikun hemm inċident u jkun hemm dan il-bniedem li kien qassis, dan hu fid-dover li jmur u jassisti lil dik il-persuna, jista' jqarru u jbierku. Dan jista' jsir f'każ ta' emerġenza biss.

Sfida
Matul din il-ġimgħa ersaq għas-Sagramenti speċjalment tal-Qrar u tat-Tqarbin. Tqarben b'aktar rispett. Agħmel ħiltek li tgħix it-tqarbina li rċevejt billi tħobb bil-verità lill-proxxmu tiegħek.

Inkantaw u nitolbu flimkien

Djarju
Fid-Djarju tiegħek, ikteb jew pinġi l-esperjenza tiegħek spiritwali wara li ersaqt għas-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin.

Katekeżi Familja

> *'Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla.'*
>
> 1 Ġw 4, 7

Talba fil-familja
Mulej bierek lil kull wieħed u waħda minna, għinna nħobbu lil xulxin u naqsmu din l-imħabba mal-oħrajn speċjalment ma' dawk fil-bżonn, ma' dawk li m'għandhom lil ħadd min iħobbhom. Ammen.

Kapitlu 4
L-ISPIRTU S-SANTU HABIB TA' DEJJEM
Tema 3
NIXTIEQEK, IRRIDEK, GHANDI BŻONNOK: EJJA SPIRTU QADDIS

Nibdew il-laqgħa b'talba

L-għan ta' din it-tema
Li l-adolexxenti jifhmu aħjar ir-rit tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni.

Żvolġiment tal-Laqgħa

Qsim ta' esperjenzi
- Għaliex taħsbu li fil-Konfermazzjoni għandkom bżonn il-parrina/u ?
- Meta ngħidu li fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni nġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija x'tifhmu b'dan?
- Għaliex is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jkompli jsaħħaħkom sabiex tagħtu xhieda ta' Ġesù?

Ir-relazzjoni bejn is-Sagrament tal-Konfermazzjoni u l-Adolexxent/a
- Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jista' jiġi **ċċelebrat mill-Isqof jew minn xi saċerdot** li jkun ġie delegat mill-Isqof.

- L-azzjonijiet prinċipali jiġifieri s-sinjali prinċipali li jsiru waqt ir-rit huma: i**t-tqegħid tal-idejn u d-dlik biż-żejt tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni**. Dan iż-żejt ikun ġie kkonsagrat f'Ħamis ix-Xirka fil-quddiesa ta' filgħodu mmexxija mill-isqof.

  - **Tqegħid tal-idejn**: meta l-Isqof jitlob sabiex l-Ispirtu s-Santu jinżel fuq kull adolexxent/a u jimliehom bid-doni tiegħu.

  - **It-talba** li jgħid is-saċerdot/l-isqof waqt ir-rit (iċ-ċelebrazzjoni) tas-Sagrament hija kollha kemm hi talba talba lil Alla sabiex l-Ispirtu s-Santu jsaħħaħ lill-adolexxenti fil-ħajja tagħhom bħala Kristjani. Din it-talba turi relazzjoni qawwija u profonda bejn Alla u l-adolexxenti.

    It-Talba: Uliedi għeżież (jew ħuti għeżież) nitolbu lil Alla l-Missier li jista' kollox għal dawn l-ulied adottivi tiegħu, li fil-Magħmudja diġa' twieldu mill-ġdid għall-ħajja ta' dejjem: nitolbuh biex, fit-tjieba tiegħu jsawwab fuqhom l-Ispirtu s-Santu, ħalli jwettaqhom bil-kotra tad-doni tiegħu u, bid-dilka tiegħu jagħtihom xebħ sħiħ ma' Kristu, l-Iben ta' Alla.

- **Id-dlik biż-żejt tal-Konfermazzjoni**
  - Meta l-Isqof (jew s-saċerdot jagħmel is-sinjal tas-salib biż-żejt fuq ġbin il-kandidat –

l-adolexxent/a li jkunu ser jirċievu s-sagrament huwa jgħid:
Ħu dan is-siġill. Dan ifisser li issa l-persuna hija kompletament ta' Ġesù Kristu, hija mmarkata għal dejjem bħala xhud ta' Ġesù. (*The person not only belongs to Chrsit but is also confirmed in Christ*).

- **Il-Parrini**
  - Il-parrinu/a jista' jkun maskil għall-adolexxent feminili u mara għall-adolexxent maskili.

  - Ir-rwol tal-parrini huwa li jakkumpanjaw lill-adolexxent fil-ħajja tiegħu sabiex ikun jista' jgħix aħjar u fil-verità ħajtu fid-dimensjonijiet kollha, kemm dik umana u speċjalment dik bħala persuna Nisranija. Bil-għajnuna tal-parrini, dan l-adolexxent/a jsir żagħżugħ u adult Nisrani tajjeb, ċittadin responsabbli.

  - Il-parrini jkunu x-xhieda meta l-adolexxent ikun qed jirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni, jiġifieri waqt li jkun qed iġedded il-wegħdiet tal-Magħmudija, u waqt li l-Isqof/saċerdot ikun qed jissiġġilla lill-adolexxent biż-żejt tal-Konfermazzjoni – waqt li l-adolexxent ikun qed jiġi kkonfermat.

  - Il-parrini huma xhieda u jidħlu responsabbli tal-akkumpanjament tal-adolexxent speċjalment bil-għajxien tagħhom (tal-parrini) bħal persuni Nsara responsabbli.

- **Għaliex jiġu mġedda l-wegħdiet tal-Magħmudija?**
  - Għaliex hemm rabta bejn is-Sagrament tal-Magħmudija u dak tal-Konfermazzjoni. Bil-Magħmudija sirtu Kristjani, bil-Konfermazzjoni b'għażla libera tagħkom flimkien ma' dik tal-ġenituri/dawk li jrabbukom għażiltu u wrejtu x-xewqa li tiġu kkonfermati fil-fidi Kattolika.

  - Fis-Sagrament tal-Konfermazzjoni sa ġġeddu dak li ġie mwiegħed fil-Magħmudija, imma din id-darba minflok ma jitkellmu l-parrinijiet u l-ġenituri għalikom **<u>sa titkellmu intom stess</u>**, jiġifieri intom stess, b'mod individwali sa ġġeddu l-wegħdiet tal-Magħmudija.

    Dan juri li skont l-età tagħkom – bħala adolexxenti sa tibdew tagħmlu ħilitkom li tibdew tkunu xi ftit aktar responsabbli tal-mixja tagħkom wara Ġesù u ftit aktar responsabbli li tgħixu ta' ċittadini Nsara.

    It-tiġdid ta' dawn il-wegħdiet issir meta l-Isqof/jew is-saċerdot jistaqsikom b'mod individwali meta tersqu sabiex tirċievu s-Sagrament.

<u>It-Tiġdid tal-Wegħdiet tal-Magħmudija</u>

L-isqof/saċerdot:	Tiċħdu lix-xitan u l-għemil u l-qerq kollu tiegħu?
Twieġbu individwalment:	**Iva niċħad**.
L-isqof/saċerdot:	Temmnu intom f'Alla l-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art?
Twieġbu Individwalment:	**Iva niċħad**.
L-isqof/saċerdot:	Temmnu f'Ġesù Kristu, Ibnu l-waħdieni u Sidna, li twieled minn Marija Verġini, bata u miet u difnuh, qam minn bejn l-imwiet, u qiegħed fil-lemin tal-Missier?
Twieġbu individwalment:	**Iva niċħad**.
L-isqof/saċerdot:	Temmnu fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja, li b'mod speċjali llum ser jingħata lilkom bis-sagrament tal-Griżma (Konfermazzjoni),

kif ingħata lill-Appostli nhar Għid il-Ħamis ?

Twieġbu individwalment: **Iva, nemmen**.

L-isqof/saċerdot: Temmnu fil-Knisja mqaddsa kattolika, fix-xirka tal-qaddisin, fil-maħfra tad-dnubiet, fil-qawma mill-imwiet, u fil-ħajja ta' dejjem?

Twieġbu individwalment: **Iva, nemmen**.

L-isqof/saċerdot : Din hi l-fidi tagħna. Din hi l-fidi tal-Knsija, li aħna niftaħru li nistqarru f'Ġesù Kristu Sidna.

Kulħadd iwieġeb: **Ammen.**

Araw dan il-klipp flimkien

Diskussjoni

- Kif laqatkom dan il-klipp li għadkom kemm rajtu?
- X'tgħallimtu minnu?

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni jkompli jsaħħaħkom sabiex tagħtu xhieda ta' Ġesù

Is-Sagrament tal-Konfermazzjoni bl-inżul tal-Ispirtu s-Santu fuqkom, ikomplu jsaħħaħkom bil-grazzji tiegħu sabiex tagħtu xhieda ta' Ġesù kull fejn tkunu. Dan ifisser li tagħmlu ħilitkom li tgħixu ta' ċittadini Nsara tassew.

Tagħtu xhieda ta' Ġesù jfisser:

- Li żżommu relazzjoni tajba ma' Ġesù speċjalment bit-talb kemm fuq livell personali u kif ukoll dak komunitarju l-aktar bil-parteċpazzjoni ħajja (mhux bilqiegħeda tosservaw biss) tal-Quddiesa tal-Ħadd.

- Li tkomplu l-formazzjoni tagħkom Nisranija u tkomplu titgħallmu x'qed tgħallem il-Knisja Kattolika llum. Dan titgħallmuh sabiex l-ewwel nett tkunu tafu aħjar x'titlob ir-reliġjon Nisranija Kattolika u wkoll sabiex tkunu tistgħu titkellmu fuqha u dwarha mal-oħrajn speċjalment ma' dawk li jħaddnu reliġjon oħra. Ma tistgħux titkellmu/tiddiskutu xi ħaġa jekk ma tkunux infurmati sew dwarha.

- Li tirrispettaw u tħobbu lil ħutkom il-bnedmin kollha bħalma jħobb u jitlob minna li nħobbu Ġesù. Dan ifisser li tagħmlu ħilitkom li tħobbu lil kulħadd mingħajr ma tagħmlu distinzjoni ta' razza, kulur u/jew reliġjon għaliex aħna lkoll aħwa, ulied Missier wieħed - Alla.

- Li tagħmlu ħiltikom li tfittxu t-tajjeb fl-oħrajn u li tagħmlu l-ġid ma' kulħadd. Hekk tkunu

qed tgħixu waħda mill-attitudnijiet li kull Kattoliku għandu jrawwem fih, ukoll tkunu qed tpoġġu fil-prattika kemm il-kmandamenti u kif ukoll il-beatitudnijiet.

Naraw flimkien dan il-klipp
(fuq il-*pendrive*)

Ir-Rit taċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni
spjegat minn Patri Anton Farrugia OFM;
ċċelebrat minn Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna

Diskussjoni

- X'taħsbu dwar ir-rit (iċ-ċelebrazzjoni) tas-Sagrament tal-Konfermazzjoni?
- Kif jolqotkom it-tiġdid tal-wegħdiet tal-Magħmudija u l-impenn/l-isfida li joffri għall-ħajja tagħkom anke bħala adolexxenti?
- X'jidhrilkom dwar l-isfidi li toffri r-realtà li tagħtu xhieda ta' Ġesù?
- Għaliex wara li tirċievu s-Sagrament tal-Konfermazzjoni hawn xi wħud li ftit li xejn jersqu għall-quddies nhar ta' Ħadd u ftit li xejn jersqu għas-Sagramenti tal-Qrar u Tqarbin?

Sfida

Fil-ġranet li ġejjin, għidu ta' spiss talba lil Ommna Marija sabiex tgħinkom tħejju qalbkom għall-miġja tal-Ispirtu s-Santu fil-qalb tagħkom bħala adolexxenti.

Inkantaw u nitolbu flimkien

Djarju

Fid-Djarju tiegħek ikteb/pinġi kif bħala adolexxent qed tħossok issa li qed tħejji ruħek sabiex tirċievi s-Sagrament tal-Konfermazzjoni. Ikteb/pinġi xi jfisser dan il-pass Kristjan Kattoliku fil-ħajja tiegħek bħala adolexxent Nisrani.

Katekeżi Familja

Talba flimkien bħala familja
Spirtu qaddis, imħabba bla tmiem.
Ejja fina bil-ħeġġa tiegħek, ejja kebbes il-qlub tagħna. (Glorja... x3)

Appendiċi 1

IS-SAGRAMENTI

F'kull sagrament insibu l-**kliem u il-forma** – l-azzjonijiet li jsiru waqt iċ-ċelebrazzjoni tas-sagrament, il-**materja** li tintuża u **min jista' jamministra dan is-sagrament** u l-**effett** tas-sagrament fuq il-persuna li tirċevih.

Sagrament	Il-Forma - Il-kliem prinċipali	L-azzjoni u l-materja li tintuża għas-sagrament	L-effett tas-sagrament	Min jista' jamministrah
Magħmudija	"Jiena ngħammdek fl-isem tal-Missier, u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu"	L-ilma jiġu mferra' fuq ras it-tarbija, jew il-persuna tinżel fl-ilma.	Isir Kristjan membru fil-Knisja ta' Kristu, u jinħafrulu d-dnubiet. (inizjazzjoni Nisranija)	L-Isqof, il-qassis, id-djaknu u f'każ ta' emerġenza kull Nisrani, jew anke persuna li mhux Nisranija
Konfermazzjoni	"Marija/Keith: kun issiġilat bid-doni tal-Ispirtu s-Santu"	L-Isqof ipoġġi idejh fuq ras il-persuna li tkun qed tirċievi s-sagrament, waqt li jidlek ġbinha biż-żejt tal-Griżma	Tissaħħaħ permezz tal-Ispirtu s-Santu, ukoll il-persuna tiġi kkonfermata fil-fidi Nisranija	Isqof jew qassis
Qrar/Rikonċiljazzjoni	"Naħfirlek dnubietek kollha, fl-isem tal-Misssier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu" (il-kliem tal-assoluzzjoni)	Il-persuna tqerr dnubietha, turi li ddispjaċiha, tagħmel ħilitha li tirranġa ħajjitha, il-qassis jissuġġerilha tagħmel penitenza, u wara jagħtiha l-assoluzzjoni – l-maħfra tad-dnubiet	Tkun maħfur mid-dnubiet, irrikonċiljat ma' Alla, mal-Knisja u mal-oħrajn.	Isqof jew qassis

Tqarbin	"Dan hu ġismi...dan hu demmi..." (il-kliem mill-aħħar Ċena)	Il-ħobż u l-inbid huma mbierka/kkonsagrati mill-qassis u jitqassmu/ jirċevuhom dawk li jkunu ser jitqarbnu.	Il-persuna tkun spiritwalment imsaħħa bil-ġisem u d-demm ta' Ġesù, tkun ukoll maqugħda ma' Ġesù u mal-Insara l-oħra.	Is-sagrament jiġi ċċelebrat mill-Isqof jew qassis. Jistgħu iqarbnu ukoll persuni lajċi msejħa ministri straordinarji tat-tqarbin.
Dilka tal-Morda	Permezz ta' din id-dilka qaddisa jalla l-Mulej fl-imħabba u l-ħniena tiegħu jgħinek bil-grazzja tal-Ispirtu s-Santu. Il-Mulej li jeħilsek minn dnubietek isalvak u jqajmek fl-aħħar jiem'.	Il-qassis jidlek il-persuna fuq ġbinha, u fuq idejha biż-żejt qaddis.	Il-persuna tiġi msaħħa waqt dan iż-żmien ta' mard.	l-isqof u l-qassis
Żwieġ	"Jiena... nieħu lilek... éisem], biex tkun żewġi/ marti. Inwegħdek li nkun fidil lejk fi żmien t-tajjeb u ħażin, fil-mard u fis-saħħa, inħobbok u nirrispettak sal-aħħar ta' ħajti.'	Ir-raġel u l-mara jagħmlu dawn il-wegħdiet lil xulxin b'mod pubbliku .(jagħtu ċ-ċrieket lil xulxin bħala sinjal tal-*commitment* tagħhom lejn xulxin).	Ikunu magħqudin - isiru ħaġa waħda, f'għajnejn Alla, pubblikament u legalment huma konoxxuti bħala koppja.	Il-koppja stess huma l-ministri tas-sagrament.
Ordni Sagri	It-talba twila tal-konsagrazzjoni – tal-ordinazzjoni.	L-isqof ipoġġi idejh fuq ras il-persuna li jkun sa jordna; jidliklu idejh biż-żejt (fil-każ ta' ordinazzjoni saċerdotali) u jwettaq diversi azzjonijiet simboliċi oħra.	Il-persuna ssir membru ordinat jiġifieri membru tal-kleru, b'dan is-sagramenti il-persuna tidħol b'mod uffiċjali fil-*leadership* ordinat tal-Knisja.	l-isqof biss.

Appendiċi 2

SUĠĠERIMENTI TA' QADDISIN *ROLE MODELS* GHAL KULL TEMA

Nota lill-katekist/a: Fejn hemm filmati qosra mill-youtube, agħfsu fuq cc – substitles u tistgħu ssegwu aħjar l-istorja.

Kapitlu 1 - **Kurżità: Min hu l-Ispirtu s-Santu**

Tema 1: *Niskopru l-Ispirtu s-Santu*

San Ġenesius

San Ġenesius kien jgħix fi żmien l-Imperatur Ruman Deoklezjanu. Dak li nafu fuq dan il-qaddis żagħżugħ huwa li kellu talent kbir biex jikteb id-drama, kien kummidjant, kien attur u żeffien. Darba minnhom kiteb u ħa sehem fi drama sabiex biha jiddieħeq bl-Insara, speċjalment bis-Sagrament tal-Magħmudija. Din id-drama kellha ssir quddiem l-Imperatur u n-nies tiegħu. Imma ġara li waqt li kien qed jirreċta ħass l-Ispirtu Qaddis ġo fih u ma setax ikompli jiddieħeq aktar bis-Sagrament tal-Magħmudija u lanqas bl-Insara. L-Imperatur Deoklezjanu kien kontra l-Insara, għalhekk ġiegħel li Ġenesius jiġi arrestat u talbu jiċħad dak li beda jħoss u jemmen favur Ġesù Kristu, l-Insara u l-fidi Nisranija. Ġenesius ma riedx jiċħad dan kollu, anzi tgħammed u sar Nisrani. L-Imperatur ordna sabiex Ġenesius jiġi maqtul.

Il-festa tiegħu hija nhar 25 ta' Awwissu. Huwa l-patrun tal-atturi, taż-żeffiena, tal-kummidjanti u tal-mużiċisti.

L-Ispirtu Qaddis (L-Ispirtu s-Santu) imlieh bil-qawwa u bil-kuraġġ sabiex jaċċetta l-fidi Nisranija u jixhed għaliha sal-aħħar.

Tema 2: *Ir-Rigal li tana Ġesù Kristu: L-Ispirtu s-Santu*

Santa Katerina Drexel

Katerina twieldet f'Philadelphia, l-Istati Uniti fis-26 ta' Novembru 1858. Mietet fit-3 ta' Marzu 1955 u saret qaddisa fl-1 ta' Ottubru 2000. Il-festa tagħha tiġi ċċelebrata fit-3 ta' Marzu. Kienet l-ewwel persuna li fetħet skejjel u Università tal-afro-amerikani. Hija ddefendiet d-dinjità ta' kull persuna, ħadmet ħafna sabiex l-afro-amerikani jkollhom opportunitajiet ta' edukazzjoni bħall-bqija tal-Amerikani l-oħra. Hija patruna ta' dawk kollha li huma kontra r-razziżmu u favur l-inkussività u l-integrazzjoni. Hija wkoll il-patruna tal-filantropisti – dawk il-persuni li jagħmlu ħafna karità mal-oħrajn.

Tema 3: *Nipparteċipa fil-għażla tiegħi*

Beatu Pier Giorgio Frassati
Beatu Pier Giorgio Frassati twieled fis-6 ta' April 1901 f'Turin, l-Italja. Huwa miet ta' 24 sena, fl-4 ta' Lulju 1925 wara li ħakmitu marda terminali. Studja l-inġinerija mekanika sabiex ikun jista' jgħin lill-foqra. Kien iħobb ħafna lil Ġesù Sagramentat. Meta kien l-università waqqaf grupp ta' żgħażagħ sabiex jaduraw lil Ġesù Sagramentat. Kien iħobb ħafna lill-foqra. Billi kien ġej minn familja sinjura ħafna, il-ġenituri tiegħu kienu jagħtuh ħafna flus, imma hu kien iqassamhom lill-foqra. Ħadd minn sħabu ma kien jaf kemm kien sinjur għaliex hu kien jilbes sempliċi ħafna ħalli l-oħrajn ma jħossuhomx inferjuri għalih. Kien bniedem enerġetiku ħafna, atleta tajjeb u xabbatur mal-muntanji. Il-ġenituri tiegħu kienu kattoliċi imma ma kienux jipprattikaw ir-reliġjon, imma Pier Ġiorgio għamel l-għażla tiegħu li jgħix ta' kattoliku tajjeb.

Pier Giorgio spiss insibuh bħala l-qaddis tal-beatitudnijiet għaliex minkejja li kien żagħżugħ mimli enerġija u intelliġenti ħafna għamel ħiltu sabiex jgħix l-Evanġelju bil-kliem u bil-fatti.

Il-Knisja Kattolika għamlitu patrun taż-żgħażagħ speċjalment studenti. Niċċelebraw il-festa tiegħu nhar l-4 ta' Lulju.

Kapitlu 2: **L-Ispirtu s-Santu fil-ħajja tagħna**

Tema 1: *Esperjenzi dejjem ġodda: id-doni tal-Ispirtu s-Santu: Kumpanji matul il-ħajja*

Chiara Badano
Chiara Badano tfalja taljana ta' tmintax-il sena, hija mudell għat-*teens* u żgħażagħ tal-lum. Hija tagħti xhieda qawwija tal-imħabba tagħha lejn Ġesù minkejja t-tbatija li għaddiet minnha minħabba kanċer kiefer li ħakimha. Hija baqgħet qawwija f'din l-imħabba kbira tagħha lejn Ġesù. Lil Ġesù kienet tgħidu: 'Jekk inti trid dan kollu Ġesù, anke jien.'

Tema 2: *Nikber ftit ftit kuljum: Il-frott tal-Ispirtu*

San Andrè Bessette
Andrè Bessette, magħruf bħala Brother Andrè twieled fid-9 ta' Awwissu 1845 f'Mt St Gregory, il-Kanada. Huwa miet fis-6 ta' Jannar 1937 f'Montreal, il-Kanada. Niċċelebraw il-festa tiegħu fis-7 ta' Jannar.

Il-propja isem ta' Br Andrè kien Alfred. Huwa kien bniedem sempliċi ħafna, ta' ftit saħħa, imma ta' fidi kbira. Kellu karattru sabiħ, ġentili ma' kulħadd, qalbu kbira man-nies, kien bniedem ta' talb u kellu devozzjoni kbira lejn San Ġużepp.

Huwa daħal mal-Kongregazzjoni msejħa tas-Salib Imqaddes, u hemmhekk tawh l-isem ta' Andrè. Huwa ma sarx qassis, imma baqa' *Brother*. Ix-xogħol prinċipali tiegħu għall-erbgħin sena sħaħ kien ta' purtnar, jiġifieri wieħed li jiftaħ il-bieb tal-kulleġġ fejn kellhom skola primarja. In-nies kienu jiġu jħabbtu l-bieb sabiex ikellmuh u jitolbuh jitlob għalihom speċjalment għall-morda.

Bil-għajnuna ta' bosta nies huwa għen sabiex tinbena knisja kbira f'Montreal iddedikata lil San Ġużepp. Ħafna jsibu lil San Andrè bħala l-putinar tal-Mulej. Il-Knisja għamlitu qaddis fit-23 ta' Mejju 1982. Ħafna morda jitolbuh sabiex bil-għajnuna ta' Alla jfejqilhom lil xi ħadd.

Bosta żgħażagħ jitolbuh sabiex bil-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu jgħinhom ikabbru fihom karattru tajjeb.

Tema 3: *Il-Kariżmi tal-Ispirtu s-Santu għas-Servizz tal-Umanità*

San Ġorġ Preca

San Ġorġ Preca, qaddis Malti, uża l-kariżmi li tah Alla bħala għalliem sabiex ixandar u jgħallem il-Kelma ta' Alla. Uża wkoll il-kariżma ta' leader billi waqqaf is-Soċjetà tal-Mużew – sabiex tgħallem il-Kelma ta' Alla. F'Malta San Ġorġ Preca kien l-ewwel qassis li emmen fil-lajċi – dawk li la huma qassisin u lanqas sorijiet, u wara li għallimhom bagħathom jgħallmu lit-tfal u lin-nies bil-Malti l-Kelma ta' Alla – il-Bibbja. Fi żmien Dun Ġorġ, ftit li xejn kien hemm tagħlim hekk għan-nies.

Madre Margerita De Brincat
Virginja De Brincat, hekk kien jisimha qabel ma saret soru, kienet Għawdxija. Missierha kien *businessman* tajjeb ħafna. Kienet intelliġenti ħafna u għal żmienha kienet tassew edukata ħafna għaliex kienet studjat u titkellem tajjeb ħafna bil-Malti, bit-Taljan u bil-Franċiż. Xi ħaġa rari ħafna għat-tfajliet ta' dak iż-żmien. Daħlet reliġjuża ta' età żgħira. Minkejja dan hija mill-ewwel uriet il-kapaċitajiet tagħha f'diversi oqsma.

Hija il-ko-fundatriċi tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù flimkien mal-Fundatur, Dun Ġużepp Diacono. Bil-kariżma tagħha ta' *leader* hija għenet sabiex terġa' tqum fuq saqajha l-Kongregazzjoni tas-Sorijiet li kien waqqaf Dun Ġużepp Diacono. Kien ġara li minħabba xi diffikultajiet li kellu Dun Ġużepp, huwa kien se jagħlaq din il-Kongregazzjoni imma Madre Margerita ta' 27 sena ħasset li kellha titlaq minn Malta għal Għawdex u toffri lilha nnifisha sabiex tieħu fuq spallitha r-responsabilità tal-Kongregazzjoni. Hekku sal-lum din il-Kongregazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù (St Francis School kif inhuma magħrufin f'Malta) għadha wieqfa u mxerrda fil-ħames kontinenti. Fost il-ħafna kariżmi li kellha Madre Margerita insemmu dawk ta' għalliema, ta' *leader*, u ta' profeta għaliex hija rat bil-għajnuna ta' Alla l-bżonnijiet ta'bosta nies f'diversi pajjiżi u għalhekk fetħet kunventi sabiex tgħinhom, prinċipalment permezz ta' skejjel, tat-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, ta' djar għat-tfal u għall-anzjani.

Kapitlu 3: **<u>Il-verità fl-imħabba; l-imħabba fil-verità</u>**

Tema 1: *L-Għejjun tal-verità sabiex fuqhom infasslu l-imġiba tagħna bħala persuni Nsara*

San Tumas d'Aquino
San Tumas kien patri Dumnikan Taljan. Missieru kien il-konti ta' Aquino. Il-familja tiegħu riedet lil Tumas isir patri Benedittin, imma huwa ried isir Dumnikan. Wara ħafna taħbit, il-famija ħallietu jsir patri Dumnikan.

Kien bniedem intelliġenti ħafna. Tgħallem taħt professur ieħor kbir li mbagħad sar qaddis ukoll – San Albertu l-Kbir (*St Albert the Great*). Tumas ivvjaġġa, għallem u kiteb kotba importanti ħafna fil-qasam tat-teoloġija – l-istudju dwar Alla u l-esperjenza tal-bniedem ma' Alla fil-ħajja ta' kuljum. Permezz tal-kitba tiegħu bosta persuni kienu u għadhom jiskopru ħafna affarijiet dwar Alla u l-fidi Kristjana Kattolika. Huwa wieħed mid-dutturi tal-Knisja Kattolika. Dutturi jiġifieri persuni li għallmu u kitbu dwar il-veritajiet tal-fidi Kristjana u Kattolika. Minkejja li kien bniedem intelliġenti ħafna, kien bniedem umli ħafna wkoll. San Tumas huwa patrun tal-istudenti.

Il-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta hija msemmija għalih. Bosta universitajiet u kulleġġi madwar id-dinja huma msemmija għalih.

Tema 2: *Niskopru u nrawmu l-kuxjenza*

San Thomas More
Qaddis Ingliż li miet minħabba li pprefera l-verità tal-kuxjenza u tal-liġi tal-Knisja Kattolika. Huwa martri minħabba l-verità, u għaliex ipprefera lil Alla fuq kollox u fuq kulħadd.

Tema 3: *Ngħix, Inħobb u Naqdi: Introduzzjoni għat-Tagħlim Soċjali tal-Knisja*

Santa Tereża ta' Kalkutta
Magħrufa għall-imħabba tagħha għall-ifqar fost il-fqar. Hija waqfet il-kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Karità - *Missionaries of Charity*.

San Ġużeppi Moscati
Ġużeppi Moscati twieled l-Italja. Huwa kien tabib. Magħruf bħala t-tabib qaddis ta' Napli. Minkejja li seta' jsir sinjur bil-karriera tiegħu huwa uża l-intelliġenza kbira li kellu fil-mediċina sabiex jiddedika ħajtu għall-morda speċjalment dawk foqra. Ġużeppi kellu devozzjoni kbira lejn Ġesù Sagramentat. Kien jitlob ħafna u kien imur il-quddies kuljum. Kien jinkoraġixxi lill-pazjenti sabiex jersqu għas-sagramenti. Gużeppi kien jieħu ħafna pariri mingħand Ġesu fit-talb tiegħu. Huwa skopra lil Ġesù fil-morda u fil-batuti. It-tabib Ġużeppi kien jieħu lil Ġesù fix-xogħol tiegħu qalb in-nies. Minkejja li kien jiltaqa' ma ħafna sfidi, għalih xorta Ġesù kien jiġi l-ewwel u qabel kollox. Huwa miet meta kellu 47 sena f'Napli, l-Italja. Bosta huma dawk li jmorru jitolbu fuq il-qabar tiegħu speċjalment studenti, l-aktar studenti fil-qasam tal-mediċina, tobba u persuni oħra relatati mal-mediċina. San Ġużeppi huwa patrun tal-ġuvintur speċjalment ta' dawk l-irġiel li jagħżlu li ma jiżżewġux.

Kapitlu 4: **<u>L-Ispirtu s-Santu Ħabib ta' Dejjem</u>**

Tema 1: *Nitolbu b'metodi u mezzi differenti*

San Piju ta' Pieterċina (Padre Pio)
Padre Pio kif inhu magħruf twieled l-Italja minn ġenituri li kienu jaħdmu fil-biedja. Ismu qabel ma sar patri kien Franġisku. Meta kien żgħir kien bniedem marradi ħafna. Kien tfajjel bħall-oħrajn, imma minn mindu kien żgħir dejjem xtaq li jiddedika ħajtu għal Ġesù. Ta' ħmistax-

il sena huwa daħal fil-kunvent tal-Franġiskani Kappuċini sabiex isir patri. Padre Pio bħala patri kompla jsaħħaħ ir-relazzjoni tiegħu ma' Ġesù. Kien jgħaddi ħafna ħin fit-talb, ħafna sigħat jqarar u kellu l-pjagi ta' Ġesù. Kien magħruf ħafna għall-karità kbira li kien jagħmel. Huwa patrun tal-adolexxenti u tal-voluntiera fid-difiża ċivili.

Tema 2: *Niskopru s-Sagramenti*

Santa Ġianna Berretta Molla
Ġianna twieldet l-Italja. Studjat għall-tabiba u kienet intelliġenti ħafna. Iżżewġet lil Pietro Molla u flimkien kellhom erbat itfal. Meta kienet tqila bl-aħħar tarbija skopriet li kellha kanċer. Hija għażlet li ssalva lit-tarbija. It-tarbija twieled qawwija u sħiħa, jisimha Emanuela u għadha ħajja sal-lum. Ġianna mietet b'infezzjoni ġimgħa biss wara t-twelid tat-tarbija. Santa Ġianna kienet mara bħall-oħrajn, imma kienet persuna ta' talb, kienet tgħix il-fidi tagħha bħal Kristjana Kattolika fil-ħajja ta' kuljum bl-aktar mod sempliċi imma mimlija fiduċja f'Alla. Kienet persuna dedikata għall-familja u għax-xogħol tagħha. Hija patruna tal-ommijiet, tat-tobba u tat-trabi li għadhom ma tweldux.

Tema 3: *Nixtieqek irridek, għandi bżonnok: Ejja Spirtu qaddis*

Santa Chiara ta' Assisi

Santa Chiara twieldet fl-1193 f'Assisi, l-Italja. Kien fir-Randan meta semgħet lil San Franġisk jippriedka u rat kif hu flimkien mal-aħwa Franġiskani kienu qed jgħixu l-Evanġelju fil-ħajja ta' kuljum u bit-talb. Kjara flimkien ma' San Franġisk waqfet l-Ordni tas-Sorijiet Tal-Klarissi – Franġiskani nisa klawsura (Malta jinsabu f'San Ġiljan). Mietet fl-1253. Hija patruna tat-televixin, tal-mard tal-għajnejn, ta' dawk li jaħdmu d-deheb, u ta' dawk li jaħdmu fil-*laundry* (ħasil tal-ħwejjeġ). Hija patruna tat-televixin għaliex darba minnhom xtaqet tkun preżenti waqt funzjoni liturġika li kienet qiegħda ssir, imma billi kienet marida ma setgħetx tattendi. Il-Mulej ra x-xewqa sinċiera tagħha, u ppermetta li minn fuq is-sodda tagħha tara u ssegwi l-funzjoni kollha li kienet qed issir fil-kattidral daqslikieku kienet preżenti.

Dak li Chiara kkonfermat meta rċeviet is-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof hija għexitu matul ħajjitha kollha. L-akbar tagħlimiet li tagħtina Santa Chiara hija li dejjem u fuq kollox inħallu l-Ispirtu s-Santu jiggwidalna l-ħajja tagħna u li dejjem u fuq kollox għandna nafdaw lil Alla. Il-festa tagħha niċċelebrawha fil-11 ta' Awwissu.